

DOKUMENT UNIKU TA' PROGRAMMAZZJONI

2025-2027



**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’
Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira
fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzjas (eu-LISA)**

Dokument Uniku ta’ Programmazzjoni 2025–2027

Adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fit-3 ta’ Diċembru 2024

Dokument 2023-365 REV 5



Werrej

Lista ta' Tabelli	4	2.4. Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja	58
Abbrevjazzjonijiet u akronimi	5	2.4.1. Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)	58
Lista ta' bażijiet ġuridiċi	7	2.4.2. e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' Data Online)	60
Sistemi u għodod ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA	9	2.4.3. Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (CP tas-SIK)	60
Daħla mid-Direttur Eżekuttiv	12	2.5. Interoperabbiltà	61
Dikjarazzjoni tal-missjoni	14	2.5.1. Servizz kondiżi ta' tqabbil bijometrisku (sBMS)	61
Introduzzjoni	18	2.5.2. Komponenti tal-interoperabbiltà (ESP, CIR, MID) u CRRS	63
Kuntest tal-politika	21	2.6. Riċerka, innovazzjoni u bini tal-kapaċitajiet	64
1. Programm ta' ħidma pluriennali	27	2.6.1. Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija	64
1.1. Strateġija fit-tul għall-2021-2027	27	2.6.2. Rapportar statutorju	65
1.2. Obiettivi, attivitajiet u riżorsi pluriennali	28	2.6.3. Taħriġ lill-Istati Membri	66
1.3. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ewlenin	31	2.6.4. Evalwazzjonijiet ta' Schengen	66
1.4. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni	33	2.7. Infrastruttura u networks	67
2. Riżorsi umani u finanzjarji: prospettiva għall-2025-2027	35	2.7.1. Network	67
2.1. Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali	35	2.7.2. Infrastruttura Kondiżi Komuni (CSI) u Pjattaformi ta' Hosting Intelliġenti (SHP)	68
2.1.1. Riżorsi umani	35	2.8. Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet	69
2.1.2. Nefqa totali tal-baġit għall-2023	36	2.8.1. Operazzjonijiet tas-sistema	69
2.2. Prospettiva għall-2025–2027	37	2.8.2. Tranżizzjoni tas-servizzi	70
2.2.1. Kompiti ġodda	37	2.8.3. Sigurtà, ċibersigurtà u kontinwità tal-operat	71
2.2.2. Żvilupp tal-kompiti eżistenti	38	2.8.4. Appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri	72
2.3. Programmazzjoni tar-riżorsi għall-2025–2027	39	2.8.5. Gruppi Konsultattivi, laqgħat u missjonijiet	73
2.3.1. Programmazzjoni tar-riżorsi finanzjarji	39	2.9. Attivitajiet korporattivi	74
2.3.2. Programmazzjoni tar-riżorsi umani	40	2.9.1. Governanza	74
2.4. Strateġija għall-kisba tat-titjib fl-effiċjenza	41	2.9.2. Appoġġ korporattiv	78
2.5. Prijoritajiet negattivi jew tnaqqis tal-kompiti eżistenti	43	Annex I. Organigramma tal-eu-LISA	85
1. Sommarju eżekuttiv	45	Annex II. Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività	89
2. Programm ta' ħidma annwali għall-2025	48	Annex III. Riżorsi finanzjarji 2025–2027	92
2.1. Sigurtà interna u kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi	48	Annex IV. Riżorsi umani: analiżi kwantitattiva	98
2.1.1. Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)	48	Annex V. Riżorsi umani: analiżi kwalitattiva	103
2.1.2. Router ċentrali ta' Prüm II (skambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija)	50	Annex VI. Ġestjoni ambjentali	109
2.1.3. Router tal-API (informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri)	51	Annex VII. Privileġġi u immunitajiet	114
2.2. Schengen, fruntieri u viża	51	Annex VIII. Evalwazzjonijiet	115
2.2.1. Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)	51	Annex IX. Strateġija għall-ġestjoni organizzazzjonali u s-sistemi ta' kontroll intern	117
2.2.2. Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)	53	Annex X. Pjan għal għotjiet, kontribuzzjonijiet jew FLS	122
2.2.3. Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-livvjaġġar (ETIAS)	55	Annex XI. Strateġija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali	123
2.3. Migrazzjoni u ažił	56	Annex XII. Studji u valutazzjonijiet tal-impatt relatati mal-SPD 2025–2027	124
2.3.1. Euradac (Bażi tad-data Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Asil)	56		

Lista ta' Tabelli

Tabella 1. Ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA	9
Tabella 2. Ħarsa ġenerali lejn ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE mmaniġġjati mill-eu-LISA.....	11
Tabella 3. Stima tar-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-eu-LISA.....	30
Tabella 4. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni	33
Tabella 5. Ħarsa ġenerali lejn il-persunal tal-eu-LISA fl-2023 (mill-31 ta' Diċembru 2023)	35
Tabella 6. Stimati tal-persunal għall-perjodu 2025–2027	40
Tabella 7. Għadd ta' persunal skont l-unità, skont il-kategorija tal-persunal (mill-31 ta' Diċembru 2023)	85
Tabella 8. Il-popolazzjoni u l-evoluzzjoni tal-persunal fil-kategoriji kollha, 2023-2027 (FTEs).....	98
Tabella 9. Fornituri ta' servizzi strutturali: servizzi ta' appoġġ estern	99
Tabella 10. Appoġġ estern mistenni għall-perjodu 2024–2026 (FTE).....	99
Tabella 11. Tabella tal-persunal 2025–2027	100
Tabella 12. Persunal bil-kuntratt fis-snin 2025–2027 (FTEs)	101
Tabella 13. Esperti Nazzjonali Sekondati fis-snin 2025–2027 (FTEs)	101
Tabella 14. Regoli ta' implimentazzjoni għar-reklutaġġ.....	103
Tabella 15. Ħarsa ġenerali lejn il-miri u l-progress tar-reklutaġġ sal-31 ta' Diċembru 2023.	103
Tabella 16. Regoli ta' implimentazzjoni għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u riklassifikazzjoni/promozzjonijiet	104
Tabella 17. Riklassifikazzjoni ta' persunal temporanju u promozzjoni ta' uffiċjali.	104
Tabella 18. Riklassifikazzjoni tal-persunal bil-kuntratt.....	105
Tabella 19. Rappreżentanza tal-ġeneri, skont il-kategorija tal-persunal (mill-31 ta' Diċembru 2023).....	106
Tabella 20. Evoluzzjoni tal-ġeneru fil-livell tal-maniġment intermedju u superjuri, 2019-2023	106
Tabella 21. Bilanċ ġeografiku (mill-31 ta' Diċembru 2023).....	107
Tabella 22. Evoluzzjoni tan-nazzjonalità l-aktar rappreżentata, 2019-2023.....	108
Tabella 23. Riskji korporattivi kkonfermati l-aktar reċenti b'impatt possibbli fuq l-oġġettivi tal-2025–2027	119
Tabella 24. Riskji korporattivi kkonfermati l-aktar reċentement u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti. .	120

Abbrevjazzjonijiet u akronimi

Sistemi/soluzzjonijiet tal-IT u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom ġestiti mill-eu-LISA

AFIS	sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba'	EES	Sistema ta' Dħul/Ħruġ
API	informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri	ESP	portal Ewropew tat-tfittxija
BMS	sistema ta' tqabbil bijometriku	ETIAS	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar
CCP	pjattaforma komprensiva tal-cloud	Eurodac	Bażi tad- <i>data</i> Ewropea għat-Tqabbil ta' <i>Data</i> Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Asil
CIR	repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità	MID	detettur ta' identitajiet multipli
CP tas-SIK	Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta	sBMS	servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku
CRRS	repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika	SERENA	aċċess sigur għan-network (għall-ambjenti ta' sistema ta' attività ewlenija)
CSI	infrastruttura kondiviża komuni	SHP	pjattaforma ta' hosting intelliġenti
CSP	pjattaforma kondiviża komuni	SIRENE	Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali
DTA	applikazzjoni tal-ivvjaġġar diġitali	SIS	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
DTC	kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali	SSI	infrastruttura ta' sistema kondiviża
DubliNet	Network tal-komunikazzjoni elettronika ta' Dublin	TAP	punt ta' aċċess turnkey
e-CODEX	Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' <i>Data</i> Online	TESTA-ng	Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida
ECRIS	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali	VAP tal-UE	Pjattaforma tal-UE għall-Aplikazzjoni għal Viża
ECRIS RI	Implimentazzjoni ta' Referenza tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali	VIS	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża
ECRIS-TCN	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi		

Akronimi oħrajn użati

ACFC	Il-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi, taħt il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA	Eurojust	Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali
ALM	ġestjoni ta' applikazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja	Europol	Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
BCU	unità ċentrali ta' riżerva (ċentru ta' riżerva f'St Johann im Pongau, l-Awstrija)	FLS	ftehim dwar il-livell ta' servizz
CBS	sistemi tal-attività ewlenija	FRA	Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali
CEPOL	Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi	Frontex	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
COTS	prodott kummerċjalment disponibbli	FTE	ekwivalenti ta' ingaġġ full-time
CU	unità ċentrali	ĠAI	ġustizzja u affarijiet interni
DĠ HOME	Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni	ĠU	Ġurnal Uffiċjali
DĠ JUST	Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi	IAC	Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA
EDPS	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad- <i>Data</i>	IAS	Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni
EMAS	Skema tal-UE ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali	IKUE	informazzjoni klassifikata tal-UE
ENISA	Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà	ITSM	ġestjoni tas-servizzi tal-IT
EUAA	Aġenzija tal-UE għall-Ażil	JHAAN	Network tal-Aġenziji tal-ĠAI
EUAN	Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea	JRC	Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni
eu-LISA	Aġenzija tal-UE għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	KPI	indikatur ewleni tal-prestazzjoni
		MVP	prodott minimu vijabbli
		PMF	Forum għall-Ġestjoni tal-Proġetti
		PNR	reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri

QEA	Qorti Ewropea tal-Awdituri	SPD	dokument uniku ta' programmazzjoni
SEAE	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	TCN	ċittadin ta' pajjiż terz
SEKA	Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil	TEF	qafas tal-inġinerija trażversali
SEMM	Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen	TOF	qafas tal-operazzjonijiet trażversali
SNE	espert nazzjonali sekondar	UPPE	Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew
		USK	kitt tas-software tal-utent

Lista ta' bażijiet ġuridiċi

Din it-taqsima tipprovdi lista ta' bażijiet ġuridiċi applikabbli għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, li għodod u l-arkitettura tal-interoperabbiltà fdati lill-eu-LISA u tinkludi lista ta' dispożizzjonijiet speċjali dwar il-protezzjoni tad-*data* applikabbli għal dawn is-sistemi.

Regolament li Jistabbilixxi l-eu-LISA

- *Ir-Regolament (UE) 2018/1726*, ĠU L 295, 21.11.2018

Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)

- *Ir-Regolament (UE) 2018/1860*, ĠU L 312, 7.12.2018
- *Ir-Regolament (UE) 2018/1861*, ĠU L 312, 7.12.2018
- *Ir-Regolament (UE) 2018/1862*, ĠU L 312, 7.12.2018
- *Ir-Regolament (UE) 2022/1190*, ĠU L 185, 12.7.2022

Router ċentrali ta' Prüm II

- *Ir-Regolament (UE) 2024/982*, ĠU L, 5.4.2024

Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)

- *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE*, ĠU L 213, 15.6.2004
- *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/602/KE*, ĠU L 194, 23.7.2008
- *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI*, ĠU L 218, 13.8.2008
- *Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008*, ĠU L 218, 13.8.2008
- *Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1133*, ĠU L 248, 13.7.2021
- *Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1134*, ĠU L 248, 13.7.2021
- *Ir-Regolament (UE) 2023/2667*, ĠU L, 7.12.2023
- *Ir-Regolament (UE) 2023/2685*, ĠU L, 7.12.2023

Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)

- *Ir-Regolament (UE) 2017/2226*, ĠU L 327, 9.12.2017

Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS)

- *Ir-Regolament (UE) 2018/1240*, ĠU L 236, 19.9.2018
- *Ir-Regolament (UE) 2018/1241*, ĠU L 236, 19.9.2018

Bażi tad-*data* Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Asil

- *Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003*, ĠU L 222
- *Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013*, ĠU L 180, 29.6.2013
- *Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013*, ĠU L 180, 29.6.2013
- *Ir-Regolament (UE) 2024/1356*, ĠU L, 22.5.2024
- *Ir-Regolament (UE) 2024/1358*, ĠU L, 22.5.2024

Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN)

- *Ir-Regolament (UE) 2019/816*, ĠU L 135, 22.5.2019
- *Ir-Regolament (UE) 2024/1352*, ĠU L, 22.5.2024

e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online)

- *Ir-Regolament (UE) 2022/850*, ĠU L 150, 1.6.2022

Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta

- *Ir-Regolament (UE) 2023/969*, ĠU L 132, 17.5.2023

Interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE

- *Ir-Regolament (UE) 2019/817*, ĠU L 135, 22.5.2019
- *Ir-Regolament (UE) 2019/818*, ĠU L 135, 22.5.2019

Protezzjoni u pproċessar tad-*data*

- *Ir-Regolament (UE) 2018/1725*, ĠU L 295, 21.11.2018
- *Ir-Regolament (UE) 2016/679*, ĠU L 119, 4.5.2016
- *Id-Direttiva (UE) 2016/680*, ĠU L 119, 4.5.2016

Dispożizzjonijiet speċifiċi għas-sistema dwar il-protezzjoni tad-*data*

- *Ir-Regolament (UE) 2018/1726*, l-Artikoli 2, 35, 36
- *Ir-Regolament (UE) 2018/1860*, l-Artikoli 16, 19
- *Ir-Regolament (UE) 2018/1861*, l-Artikoli 9, 15-18, 41-57
- *Ir-Regolament (UE) 2018/1862*, l-Artikoli 16-18, 56-71
- *Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008*, l-Artikoli 26-32, 34, 42-43, 50
- *Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013*, l-Artikoli 23-37
- *Ir-Regolament (UE) 2022/850*, l-Artikoli 7, 11, 16
- *Ir-Regolament (UE) 2017/2226*, l-Artikoli 5-8, 13, 34-35, 37-49, 56-57, 63, 65, 72
- *Ir-Regolament 2018/1240*, Artikoli 6, 35, 45-46, 54-70, 73-74
- *Ir-Regolament (UE) 2019/816*, l-Artikoli 4, 11, 13, 19-20, 23-27, 29, 31-32, 34-36
- *Ir-Regolament (UE) 2019/817* u *2019/818* l-Artikoli 8-12, 16-17, 23-25, 28, 35-55
- *Ir-Regolament (UE) 2023/969*, l-Artikoli 4, 7, 19-26
- *Ir-Regolament 2024/982*, l-Artikoli 40-41, 50-61, 66-67, 72, 80

Ċaħda ta' responsabbiltà ġenerali:

Meta ġie adottat dan id-dokument, kienu għadhom għaddejji diskussjonijiet rigward id-data tad-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), li mhux se sseħħ qabel tmiem l-2024, kif kien ippjanat inizjalment. Dan ifisser li l-finalizzazzjoni tal-iżvilupp tal-EES se tkompli fl-2025, li min-naħa tagħha se taffettwa diversi skadenzi oħrajn għall-implimentazzjoni stabbiliti għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà.

Għalhekk, id-dati ġenerali tal-ippjanar relatati mal-iżvilupp tal-EES, tal-ETIAS u tal-komponenti tal-interoperabbiltà ppreżentati f'dan id-dokument huma soġġetti għal bidla. Din il-verżjoni tal-SPD se tiġi aġġornata wara l-adozzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà rivedut.

Sistemi u għodod ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA

Tabella 1. *Ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA*

Skop tas-sistema	Bidu tal-ħidma	Status
L-ażil, il-migrazzjoni u l-fruntieri		
Eurodac Bażi tad-data Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Asil		
Il-bażi tad-data tal-UE tal-marki tas-swaba' diġitalizzati għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil skont ir-Regolament ta' Dublin. Is-sistema tassisti fl-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli billi tiddetermina jekk l-applikant ikunx talab l-ażil qabel f'pajjiż ieħor tal-UE. Biex tiġġieled aħjar il-migrazzjoni irregolari, l-eu-LISA se twettaq aġġornament kbir, tintroduċi funzjonalitajiet ġodda u terġa' tfassal is-sistema ċentrali tagħha.	2003	fis-seħħ ġestita mill-eu-LISA minn Ġunju 2013
Is-sigurtà interna u l-fruntieri tal-UE		
SIS Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen		
Is-SIS hija l-akbar sistema ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u għall-iżgurar tas-sigurtà interna taż-żona Schengen. Is-SIS tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar persuni jew oġġetti mfittxija jew neqsin, flimkien ma' struzzjonijiet għall-awtoritajiet kompetenti dwar x'għandhom jagħmlu meta jinstabu l-persuni jew l-oġġetti. Bħala tali, din isservi bħala għodda imprezzabbli għall-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu transfruntiera.	1995	fis-seħħ ġestita mill-eu-LISA minn Mejju 2013
Router ċentrali ta' Prüm II skambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija		
Ir-router ċentrali l-ġdid għall-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija se jissimplifika u jiffaċilita l-iskambju tad-data bejn l-Istati Membri biex jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera b'mod aktar effiċjenti. Dan se jissostitwixxi l-konnessjonijiet individwali bejn il-bażijiet tad-data nazzjonali u jespandi d-data disponibbli mid-DNA, il-marki tas-swaba' u r-reġistrazzjoni tal-vetturi għal kategoriji ġodda, bħall-immaġnijiet tal-wiċċ u r-rekords tal-pulizija.	2027 ¹	fil-fażi ta' żvilupp
Router tal-API informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri		
Ir-router tal-API se jiffaċilita l-identifikazzjoni u l-approvazzjoni tal-vjaġġaturi matul il-proċess ta' qsim tal-fruntieri billi jiġbor u jittrasferixxi data tal-vjaġġaturi u informazzjoni dwar it-titjriet qabel il-wasla tagħhom. Ir-router se jservi bħala punt ta' konnessjoni bejn l-Istati Membri u t-trasportaturi tal-ajru għall-ġbir u t-trażmissjoni tad-data tal-API.	2028*	għad irid jiġi adottat
Schengen, il-fruntieri u l-viża		
VIS Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża		
Il-VIS tiffaċilita l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża u l-immaniġġjar tal-viżi għal soġġorn qasir għat-TCNs li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen jew li jgħaddu minnha. Din tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi u tgħin fil-ġlieda kontra l-frodi tal-viża billi tassisti fl-identifikazzjoni ta' persuni li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għas-soġġorn jew għad-dħul.	2011	fis-seħħ ġestita mill-eu-LISA minn Diċembru 2012
EES Sistema ta' Dħul/Ħruġ		
L-EES hija stabbilita biex tissimplifika l-proċeduri ta' kontroll fil-fruntieri billi tissostitwixxi l-ittimbrar manwali tal-passaporti bir-reġistrazzjoni elettronika taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jidħlu u joħorġu miż-żona Schengen. Ladarba tibda tintuża, l-EES se tiżgura monitoraġġ aħjar ta' soġġorni awtorizzati u l-identifikazzjoni ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġornu b'hekk tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u t-tisħiħ tas-sigurtà interna, filwaqt li tgħin ukoll fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.	2025	fil-fażi ta' żvilupp (l-iżvilupp tal-EES se jkompli fl-2025)
ETIAS Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar		
L-ETIAS hija sistema ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar online għal ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-obbligu tal-viża li jivvjaġġaw lejn 30 pajjiż Ewropew. Din is-sistema ta' skrinjar ta' qabel l-ivvjaġġar tqabbel l-informazzjoni fis-sistemi kollha tal-ĠAI, kif ukoll fil-bażijiet tad-data tal-Europol u tal-Interpol, għall-identifikazzjoni minnqabel ta' riskji potenzjali ta' sigurtà, migrazzjoni irregolari jew epidemija li jistgħu jagħtu raġunijiet għaċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadin ta' pajjiż terz fiż-żona Schengen. L-awtorizzazzjonijiet tal-ETIAS se jiġu vverifikati mit-trasportaturi tal-ajru, tal-baħar u tal-art qabel l-imbarkazzjoni, kif ukoll mill-gwardji tal-fruntiera fil-fruntieri esterni ta' Schengen.	2025*	fil-fażi ta' żvilupp
VAP tal-UE Pjattaforma tal-UE għall-Aplikazzjoni għal Viża		

¹ * skeda ta' żmien tentattiva.

Skop tas-sistema	Bidu tal-ħidma	Status
Il-VAP tal-UE hija pjattaforma diġitali, komuni għall-Istati Membri kollha, li se tippermetti lill-applikanti għal viża japplikaw għal viża online. Din se tiddetermina awtomatikament liema Stat Membru huwa kompetenti biex jeżamina applikazzjoni f'każijiet fejn l-applikant ikollu l-ħsieb li jżur diversi Stati Membri.	2028	fil-fażi ta' żvilupp
Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja		
ECRIS RI Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – Implimentazzjoni ta' referenza		
L-ECRIS hija sistema deċentralizzata għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ir-rekords kriminali taċ-ċittadini tal-UE, kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi oħrajn. L-ECRIS RI toffri interfaċċa ta' integrazzjoni li tippermetti l-konnessjoni bejn ir-reġistri nazzjonali tar-rekords kriminali tal-Istati Membri.	2012	fis-seħħ ġestita mill-eu-LISA minn April 2020
ECRIS-TCN Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi		
L-ECRIS-TCN, l-ewwel sistema tal-IT żviluppata mill-eu-LISA għad-dominju tal-ġustizzja tal-UE, tiffaċilita l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi. Bħala tali, din tappoġġa l-prinċipju ta' rikonnoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji madwar l-Ewropa.	2025	fil-fażi ta' żvilupp
e-CODEX Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-iskambju ta' Data Online		
L-e-CODEX hija pjattaforma ta' komunikazzjoni li tiffaċilita t-trażmissjoni sigura ta' kontenut elettroniku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-professjonisti legali fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera, filwaqt li tiżgura proċess ġudizzjarju aktar effiċjenti għaċ-ċittadini u għan-negozji madwar l-Ewropa. Minn Ġunju 2024, l-eu-LISA kienet responsabbli għat-tmexxija operattiva tas-sistema e-CODEX. ²	2013	fis-seħħ ġestita mill-eu-LISA minn Ġunju 2024
CP tas-SIK pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta		
Il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta se tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi Ewropej, l-aġenzji rilevanti tal-UE u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), bil-ħsieb li jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transfruntiera.	2026	fil-fażi ta' żvilupp
L-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE		
Arkitettura ġdida tal-interoperabbiltà		
L-interoperabbiltà hija l-kapaċità tas-sistemi interkonnessi li jikkondividu d-data u jiskambjaw informazzjoni, filwaqt li jipprovdu lill-awtoritajiet rilevanti aċċess simplifikat għal informazzjoni komprensiva.	2024-2026*	fil-fażi ta' żvilupp
L-interoperabbiltà tas-sistemi ġenerali għad-dominju tal-ĠAI se tkun permessa permezz tal-komponenti li ġejjin li jiffaċilitaw it-tfittxijiet awtorizzati u l-iskambju ta' informazzjoni:		
- il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP): mezz ta' tfittxija unika għal tfittxijiet rapidi fis-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA, - is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometrika (sBMS) għal tqabbil trażversali ta' data bijometrika fis-sistemi kollha tal-ĠAI, - ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) għall-identifikazzjoni korretta ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (data bijografika u bijometrika), - id-detettur ta' identitajiet multipli (MID) għall-kxif ta' identitajiet multipli u għall-ġlieda kontra l-frodi tal-identità.		
Barra minn hekk, dan jinkludi r-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS) għall-ġenerazzjoni ta' rapporti statistiċi aggregati bejn is-sistemi.		


² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1272, ĠU L, 2024/1272, 14 ta' Mejju 2024.

Relazzjonijiet kummerċjali bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA

Id-dijagramma tiddekrivi/turi l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-sistemi ta' informazzjoni eżistenti tal-ĠAI tal-UE – **SIS**, **VIS** u **Eurodac** – u s-sistemi l-ġodda li qed jiġu żviluppati – **EES**, **ETIAS**, **ECRIS-TCN**, flimkien mal-komponenti u l-għodod li se jippermettu l-interoperabbiltà bejn is-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA biex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni integrata tal-fruntieri u s-sigurtà interna msaħħa għaż-Żona Schengen.

Jekk jogħġbok innota li l-links bejn is-SIS, l-EES u l-ETIAS u bejn l-ECRIS-TCN u l-EES se jgħaddu mill-komponenti tal-interoperabbiltà ppreżentati hawn taħt.

Tabella 2. *Ħarsa ġenerali lejn ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE mmaniġġjati mill-eu-LISA*³



³ * Il-leġiżlazzjoni għad trid tiġi adottata.

** Partijiet mill-funzjonalità se jiġu konnessi mal-arkitettura komprensiva tal-interoperabbiltà tal-ĠAI.



Daħla mid-Direttur Eżekuttiv

Matul l-aħħar għaxar snin, l-eu-LISA stabbiliet ruħha bħala l-qalba diġitali taż-żona Schengen. Il-missjoni tagħna hija li nużaw teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex nappoġġaw l-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex inżommu l-Ewropa miftuħa u sigura. Bħalissa, qed nimmiraw l-isforzi kollha tagħna biex inwettqu l-għan ambizzjuż li nimplimentaw waħda mill-aktar sistemi avvanzati fid-dinja għall-ġestjoni tal-fruntieri. Fl-istess ħin, id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja rriżultat ukoll bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-UE u l-eu-LISA se tisfrutta s-setgħa tat-teknoloġija diġitali biex ittejjeb il-kollaborazzjoni bejn il-prattikanti tal-ġustizzja u twassal servizzi aħjar liċ-ċittadini tal-UE.

Fl-2025, l-eu-LISA se tkompli taħdem biex twettaq il-programm ta' trasformazzjoni diġitali diffiċli stabbilit fil-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà li ġie approvat mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-UE f'Ottubru 2023. L-aktar importanti, l-Aġenzija se tkompli bil-varar tal-istadji li jmiss ta' sistemi ġodda, inkluż l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' investigazzjoni Konġunta (CP tas-SIK).

Wara l-adozzjoni tar-Regolament Eurodac Riformulat f'Ġunju 2024, l-Aġenzija bdiet timplimenta l-aġġornament komprensiv tas-sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-ażil li jrid jitwettaq sa Ġunju 2026. Barra minn hekk, l-eu-LISA se tipproċedi wkoll bl-iżvilupp tar-router il-ġdid ta' Prüm għal żieda fil-kooperazzjoni tal-pulizija, bil-ħsieb li dan jitwettaq fl-2027.

Flimkien mal-iżvilupp ta' sistemi ġodda, l-eu-LISA se tkompli tiżgura t-tmexxija operattiva bla xkiel tas-sistemi eżistenti tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha: is-SIS, il-VIS, l-Eurodac u l-e-CODEX, filwaqt li żżomm livell għoli ta' disponibbiltà u rispons. Bħal dejjem, is-sigurtà tas-sistemi u l-protezzjoni tad-*data* se jibqgħu fost l-ogħla prijoritajiet tagħna.

Barra minn hekk, l-Aġenzija se tkompli timplimenta l-pjan ta' azzjoni tal-ġestjoni strateġika tagħha għat-titjib organizzazzjonali. Dawn l-elementi kollha huma inkorporati fil-ħames prijoritajiet ewlenin tal-eu-LISA stabbiliti għall-2025:

- l-iżgurar tat-tħaddim u l-implimentazzjoni effiċjenti tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE fdati lill-eu-LISA, billi gradwalment timxi lejn mod ġdid ta' ħidma u modernizzazzjoni tal-mudell operattiv tagħha,
- it-tkomplija tat-titjib fil-prestazzjoni tal-Aġenzija f'termini ta' konformità,
- it-trawwim tal-involvement tal-persunal billi l-eu-LISA ssir post tajjeb għax-xogħol u biex tattira u żżomm talent ġdid;
- l-esplorazzjoni tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, bħall-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji tal-cloud,

- il-konsolidazzjoni tal-governanza tal-Aġenzija u r-relazzjonijiet tagħha mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, il-pajjiżi ospitanti, l-akkademja u l-industrija.

Aħna nirrikonoxxu li biex niksbu dawn l-għanijiet ambizzjużi, jeħtieġ li nsibu aktar titjib fl-effiċjenza, biex niksbu saħnsitra aktar b'inqas riżorsi. Dan jista' jinkiseb billi jintużaw il-kapaċitajiet interni tagħna, isir aktar investiment fir-reklutaġġ biex niżguraw li jkollna s-settijiet ta' ħiliet xierqa internament, tiġi implimentata strateġija ġdida ta' akkwist u jiġu introdotti soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA għal kompiti ta' rutina sabiex niffukaw fuq ħidma ta' valur ogħla.

Hemm bżonn ta' fokus u determinazzjoni strateġika biex jiġu ġestiti u żviluppati s-sistemi tal-IT fuq skala kbira li se jissimplifikaw u jtejbu l-kollaborazzjoni tal-awtoritajiet tal-ĠAI madwar l-Ewropa filwaqt li jingħataw ukoll servizzi mtejbja liċ-ċittadini tagħna. FI-2025, l-eu-LISA se tkompli taħdem bla heda biex tipprovdli servizzi aħjar li jħallu impatt pożittiv fuq il-ħajja ta' kważi 450 miljun ċittadin Ewropew. Se nagħmlu dan billi nużaw teknoloġiji ġodda u niddiġitalizzaw il-proċessi li jwasslu l-viżjoni tal-UE li tkun spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Il-vjaġġ tagħna lejn dawn l-għanijiet ambizzjużi se jkun diffiċli iżda se naħdmu flimkien bħala unità waħda, se nibqgħu ddedikati u impenjati li nimplimentaw il-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI tal-UE u b'mod aktar ġenerali, nappoġġaw iż-żona Schengen u l-Ewropa biex tikseb b'suċċess l-aspirazzjonijiet ta' trasformazzjoni diġitali tagħha.

Marili Männik,

Direttur Eżekuttiv *ad interim*

Dikjarazzjoni tal-missjoni

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) hija responsabbli għat-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI).⁴ Minn meta bdiet topera fl-2012, l-Aġenzija kienet qiegħda tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' politiki tal-ĠAI minn viżi, migrazzjoni u ažił sas-sigurtà interna u l-ġustizzja. Ir-responsabbiltajiet tal-eu-LISA jiffokaw fuq l-iffaċilitar tal-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti madwar l-Ewropa sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni xprunata mid-*data* tal-fruntieri esterni tal-UE u fid-dominju tal-ġustizzja, filwaqt li twassal esperjenza sigura u bla xkiel għall-vjaġġaturi internazzjonali.

Il-prijorità ewlenija tal-Aġenzija hija li tiżgura l-operat effettiv, sigur u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE f'konformità mal-bażi ġuridika u l-ftehimiet rispettivi dwar il-livell ta' servizz, kif ukoll il-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* u r-rekwiżiti applikabbli tas-sigurtà. Id-disponibbiltà kontinwa ta' dawn is-sistemi tal-IT hija essenzjali sabiex tiġi żgurata s-sigurtà interna tal-UE u tiġi ggarantita l-libertà ta' moviment għaċ-ċittadini tal-UE.

Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti taż-żona Schengen, l-eu-LISA bħalissa qed tiġġestixxi s-sistemi li ġejjin:

- is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (**SIS**),⁵
- is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (**VIS**),⁶
- il-Bażi tad-*data* Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Asil (**Eurodac**),⁷

Barra minn hekk, l-eu-LISA tappoġġa wkoll id-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ġustizzja tal-UE billi tiffaċilita komunikazzjoni sigura bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera permezz ta':

- is-sistema e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online),⁸
- l-implimentazzjoni ta' referenza tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (**ECRIS RI**).

Sabiex tkompli tissaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri xprunata mid-*data* u ssaħħaħ is-sigurtà interna taż-żona Schengen, l-eu-LISA għet inkarigata mill-iżvilupp ta' **arkitettura tal-interoperabbiltà komprensiva għall-qasam tal-ĠAI**, flimkien mas-**sistemi l-ġodda** li ġejjin:

- is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (**EES**),⁹
- Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvjaġġar (**ETIAS**),¹⁰
- is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (**ECRIS-TCN**),¹¹
- ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (**CRRS**).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 295, 21.11.2018.

⁵ Ir-Regolamenti (UE) 2018/1860, 2018/1861, u 2018/1862; u r-Regolament (UE) 2022/1190, ĠU L 185, 12.7.2022.

⁶ Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/602/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolamenti (UE) Nru 2021/1133, 2021/1134, 2023/2667 u 2023/2685.

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 u r-Regolamenti (UE) Nru 603/2013, 604/2013, 2024/1356 u 2024/1358.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2022/850, ĠU L 150, 1.6.2022.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2017/2226, ĠU L 327, 9.12.2017.

¹⁰ Ir-Regolamenti (UE) 2018/1240 u 2018/1241.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2019/816 u r-Regolament (UE) 2024/1352.

- u **komponenti tal-interoperabbiltà**: il-portal Ewropew tat-tfittxija (**ESP**), servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (**sBMS**), ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (**CIR**), id-detettur ta' identitajiet multipli (**MID**).¹²

F'dawn l-aħħar ftit snin, l-Aġenzija ġiet inkarigata wkoll bl-iżvilupp ta' diversi inizjattivi ġodda:

- **ir-router ċentrali ta' Prüm II** (skambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija).¹³
- **ir-router tal-API** (informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri),¹⁴
- **il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta** (CP tas-SIK),¹⁵
- **il-Pjattaforma tal-UE ta' Applikazzjoni għal Viża** (VAP tal-UE),¹⁶
- **l-applikazzjoni tal-lvvjaġġar Diġitali tal-UE** (DTA).¹⁷

Sabiex tiżgura l-għarfien espert tal-ogħla livell għall-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha – il-Kummissjoni, l-Istati Membri u aġenziji oħrajn tal-UE, l-eu-LISA timmonitorja b'mod attiv l-aħħar żviluppi fir-**riċerka u l-innovazzjoni** sabiex tidentifika u tittestja soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda bl-għan li tkompli ttejjeb l-effiċjenza operazzjonali tagħha u tixpruna t-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI. Barra minn hekk, l-eu-LISA tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja lill-utenti finali tas-sistemi tal-ĠAI, inkluż appoġġ 24 siegħa kuljum, taħriġ tal-utenti u rapportar dwar il-prestazzjoni tas-sistema.

L-Aġenzija tibqa' trasparenti u responsabbli lejn il-partijiet ikkonċernati tagħha u lejn iċ-ċittadini tal-UE.

Protezzjoni tad-*data*

Fit-twettiq tal-missjoni, l-oġettivi u l-attivitajiet ta' kuljum tagħha, l-Aġenzija hija impenjata li tiżgura **livell għoli ta' protezzjoni tad-*data***, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira taħt ir-responsabbiltà tagħha, kif previst fl-Artikolu 2(f) tar-Regolament li jstabbilixxi l-eu-LISA.

L-ipproċessar tad-*data* personali mill-eu-LISA jikkunsidra bis-sħiħ d-drittijiet fundamentali, inkluż ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u l-protezzjoni tad-*data* personali kif minqxin fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE¹⁸. L-Aġenzija tirrispetta l-prinċipji kollha relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali skont ir-Regolament (UE) 2018/1725¹⁹, jiġifieri l-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-preċiżjoni, ir-responsabbiltà, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità. Fl-implimentazzjoni u l-tmexxija operattiva tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI u l-interoperabbiltà tagħhom, l-eu-LISA tagħti attenzjoni partikolari lill-prinċipju tal-**protezzjoni tad-*data* skont id-disinn u b'mod awtomatiku**, kif stabbilit fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679²⁰ u l-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2016/680.²¹

¹² *Ir-Regolamenti (UE) 2019/817 u 2019/818*, ĠU L 135, 22.5.2019.

¹³ *Ir-Regolament (UE) 2024/982*, ĠU L, 2024/982, 5.4.2024.

¹⁴ Il-Kummissjoni ressqet *żewġ proposti għal regolamenti* dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' **informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri** (API).

¹⁵ *Ir-Regolament (UE) 2023/969*, ĠU L 132, 17.5.2023.

¹⁶ *Ir-Regolament (UE) 2023/2667*, ĠU L, 7.12.2023.

¹⁷ *Proposta għal Regolament* li jstabbilixxi l-**applikazzjoni tal-lvvjaġġar Diġitali tal-UE** [COM (2024) 670 final].

¹⁸ *Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*, ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389–405.

¹⁹ *Ir-Regolament (UE) 2018/1725* tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (**EUDPR**).

²⁰ *Ir-Regolament (UE) 2016/679* tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, **GDPR**).

²¹ *Id-Direttiva (UE) 2016/680* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejben jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*.



MISSION

We aim to support the EU and the Member States in their efforts to keep Europe open and secure through advanced technology



VISION

We strive to provide innovative and practical solutions for the EU's evolving needs while driving digital transformation in the area of justice and home affairs



CORE VALUES

ACCOUNTABILITY: deploying a robust governance framework, cost-efficient operations and sound financial management

TRANSPARENCY: engaging in continuous dialogue with key stakeholders to define eu-LISA's long-term development strategy

EXCELLENCE: having the right organisational structure, processes, and people to ensure service continuity and quality of tools provided to the Member States

CONTINUITY: making the best use of expertise, knowledge and investments provided by the Member States, and their continued development

TEAMWORK: empowering each team member to make the best use of their knowledge and experience, contributing to shared success

CUSTOMER FOCUS: ensuring that eu-LISA's activities are always aligned with the needs and demands of its stakeholders



HEADQUARTERS
TALLINN,
ESTONIA



OPERATIONAL SITE
STRASBOURG,
FRANCE*



BACKUP SITE
ST. JOH. ANNA (P. FENGGAU),
AUSTRIA



LIAISON OFFICE
BRUSSELS,
BELGIUM

* The development and operational management of the e-CODEX is in Tallinn, Estonia.

[PLEASE LEAVE EMPTY]

Introduzzjoni

Dan id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni (SPD) jippreżenta **ħarsa ġenerali strutturata lejn l-oġġettivi u l-attivitajiet ipplanati tal-Aġenzija, inkluża l-allokazzjoni tar-riżorsi (finanzjarji u umani) biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-effiċjenza fit-tweqqif tal-mandat tagħha.**

L-SPD jippreżenta l-prijoritajiet u l-attivitajiet tal-eu-LISA abbażi tal-oġġettivi operazzjonali tal-Aġenzija u l-prijoritajiet politiċi tal-UE. Bħala tali, dan jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA ċarezza u assigurazzjoni li l-Aġenzija qed tadotta approċċ sistematiku u konsistenti biex twettaq il-mandat tagħha bl-użu effiċjenti tar-riżorsi umani u finanzjarji allokat.

Barra minn hekk l-SPD iservi wkoll bħala deċiżjoni ta' finanzjament li tiddeskrivi l-allokazzjonijiet tar-riżorsi tal-eu-LISA fl-attivitajiet kollha pplanati għall-2024. Dan id-dokument għandu l-għan li jipprovdi deskrizzjoni ċara tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati ir-rekwiżiti ġodda u l-ħtiġijiet emerġenti, filwaqt li jżomm u jiżviluppa aktar il-livell eżistenti ta' eċċellenza operazzjonali tiegħu.

- It-Taqsima 1 tipprovdi **ħarsa ġenerali lejn il-kuntest ekonomiku, ta' politika u regulatorju ġenerali** tal-ħidma tal-eu-LISA, filwaqt li tenfasizza fid-dettall l-isfidi, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet li dan id-dokument għandu l-għan li jindirizza.
- It-Taqsima 2 tiddeskrivi **l-pjan pluriennali ta' tliet snin (2025–2027)**, l-attivitajiet u r-riżorsi, filwaqt li tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata tal-fokus fuq żmien twil tal-Aġenzija u l-pjanijiet tagħha biex twassal l-għanijiet u l-oġġettivi strateġiċi.
- It-Taqsima 3 telabora aktar dwar kif l-Aġenzija tippjana li teżegwixxi **l-prijoritajiet pluriennali tagħha fl-2025**, inkluż it-tqassim tar-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.
- L-annessi ta' dan id-dokument jipprovdu **ħarsa aktar dettaljata lejn l-użu tar-riżorsi**, filwaqt li jipprovdu wkoll trasparenza addizzjonali dwar il-ħidma u l-operazzjonijiet tal-Aġenzija.

➤ Sfond legali

L-Artikolu 24(3)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1726 li jistabbilixxi l-eu-LISA jagħti l-kompitu lid-Direttur Eżekuttiv sabiex tħejji d-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija u twettaq konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni u mal-Gruppi Konsultattivi qabel ma tippreżentah għall-adozzjoni lill-Bord tat-Tmexxija.

L-Artikoli 19(1)(q) u (r) tal-istess Regolament jagħtu l-mandat lill-Bord tat-Tmexxija biex jadotta d-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija.



Struttura tad-dokument ta' programmazzjoni

Dan id-dokument ta' programmazzjoni huwa strutturat f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni²². Il-preżentazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija hija mibnija fuq sett ta' **portafolli**.²³ F'dan il-kuntest, "portafoll" jirreferi għal ġabra ta' attivitajiet, proġetti individwali u kompiti mhux ta' proġett immaniġġjati bħala grupp. Il-portafolli huma raggruppati skont l-oqsma ta' ħidma operazzjonali tal-Aġenzija: il-migrazzjoni u l-ażil, is-sigurtà interna u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, Schengen, il-fruntieri u l-viża, il-kooperazzjoni fil-ġustizzja, l-interoperabbiltà u l-infrastruttura, kif ukoll l-appoġġ għall-operazzjonijiet, il-governanza u l-funzjonijiet korporattivi.

Dan l-approċċ jiżgura koordinazzjoni aħjar bejn proġetti individwali u attivitajiet mhux ta' proġett, filwaqt li jiffaċilita wkoll l-ilħuq tal-oġġettivi strateġiċi u operazzjonali tal-eu-LISA permezz tal-użu ottimizzat tar-riżorsi

²² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2020 [COM (2020) 2297] dwar it-tisħiħ tat-tmexxija tal-Korpi tal-Unjoni skont Artikolu 70 tar-Regolament Finanzjarju 2018/1046 u fuq il-linji gwida għad-dokument uniċi tal-programmazzjoni (SPD).

²³ L-għadd ta' portafolli huwa soġġett għal bidla maż-żmien skont l-evoluzzjoni tal-kompiti assenjati lill-eu-LISA.

umani u finanzjarji disponibbli. Dan jippermetti wkoll sinerġiji u ekonomiji ta' skala u l-aħjar użu tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli.

KUNTEST ĠENERALI



1

Kuntest tal-politika

Il-mandat u l-attivitajiet operazzjonali ewlenin tal-eu-LISA jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-**linji gwida politiċi stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea** għall-perjodu 2019–2024.²⁴ F'Diċembru 2022, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ħarġu dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2023 u l-2024.²⁵ Dawn il-prijoritajiet jinkludu l-finalizzazzjoni tar-**riforma tal-migrazzjoni u l-ażil**²⁶ u r-reviżjoni tal-**Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen**.²⁷ Prijoritajiet oħrajn relatati mal-mandat tal-eu-LISA jinkludu d-**diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża u d-dokumenti tal-ivvjaġġar, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi** u l-obbligu li tiġi kkomunikata **informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri**.

F'dan l-istadju tat-tnejn tal-SPD, il-prijoritajiet tal-kulleġġ il-ġdid tal-Kummissjoni, li għandu jinġatar fi tmiem l-2024, għadhom mhumieq magħrufa. Madankollu, l-Aġenzija hija impenjata li timplimenta l-politiki rilevanti tal-UE fil-qafas tal-mandat tagħha.

✎ L-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha **spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja** mingħajr fruntieri interni, li fih il-**moviment liberu tal-persuni** jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-ażil, l-immigrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra.



Il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija huwa allinjat mal-prijorità tal-Kummissjoni li **tippromwovi l-istil ta' ħajja Ewropew** permezz tal-kontribut tagħha għaż-żamma ta' **Żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ**. L-Aġenzija tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-inizjattivi ta' sigurtà interna billi topera u tiġġestixxi sistemi tal-IT u għodod diġitali rilevanti li jappoġġaw it-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u r-riforma tas-sistema Ewropea tal-ażil. Il-kontribut tal-eu-LISA għat-**trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa** jiffoka fuq il-forniment ta' sistemi ġodda biex jitwasslu servizzi aħjar lill-Istati Membri u fl-aħħar mill-aħħar liċ-ċittadini tal-UE, bl-introduzzjoni ta' teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bħall-intelliġenza artifiċjali, il-bijometrika u ċ-ċibersigurtà, f'konformità mar-regolamenti rilevanti dwar il-protezzjoni tad-**data** u s-sigurtà. Fl-2024, l-Aġenzija bdiet tesplora l-użu possibbli ta' teknoloġiji tal-cloud sovrani biex tappoġġa l-ħidma tagħha, filwaqt li tqis ir-restrizzjonijiet speċifiċi tal-eu-LISA. Barra minn hekk, l-Aġenzija qed iżżid l-isforzi tagħha biex **tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ġustizzja tal-UE**, kif ukoll il-proċeduri tal-migrazzjoni, tal-ażil u tal-viża li jaqgħu taħt il-mandat tagħha.

L-UE se tkompli bl-**appoġġ sod tagħha lill-Ukrajna**, lill-poplu tagħha u lill-Ewropej li qed jiffaċċjaw diffikultajiet b'riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'solidarjetà, l-Aġenzija tibqa' impenjata li tassisti lill-istituzzjonijiet u lill-aġenziji tal-UE u lill-Istati Membri, bl-għodod kollha disponibbli fil-mandat tagħha. L-Aġenzija tikkontribwixxi għall-appoġġ tal-UE lill-Ukrajna permezz tal-isforzi kondiviżi tan-**Network tal-Aġenziji tal-ĠAI (JHAAN)**, kif ukoll permezz tar-rwol kritiku li għandhom xi wħud mis-sistemi tal-IT ġestiti mill-eu-LISA (b'mod partikolari, is-SIS u l-Eurodac), kif ukoll sistemi u għodod ġodda fil-fażi ta' żvilupp, bħall-EES u l-pjattaforma ta' kooperazzjoni tas-SIK. Barra minn hekk, l-Aġenzija lesta li ttipprovi pariri jew appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet tekniċi relatati mas-sistemi eżistenti jew ġodda. B'mod partikolari, peress li l-gwerra sawret mill-ġdid ix-xenarju tat-theddid taċ-ċibersigurtà, l-eu-LISA se tkompli ttejjeb aktar il-kollaborazzjoni tagħha mal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza kif ukoll issaħħaħ kontinwament is-sigurtà tagħha tad-**data** u dik fiżika.

Bidliet u xejriet fis-sitwazzjoni tal-UE u kontribut għall-politiki eżistenti

L-effiċjenza u l-effettività tal-**politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni, l-ażil u l-kontroll tal-fruntieri esterni** u l-kapaċità ta' rispons għal **theddid għas-sigurtà li qed jevolvi kontinwament** (jiġifieri t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, iċ-ċiberkriminalità), jibbażaw fuq l-iskambju f'waqt u komprensiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti fl-Ewropa kollha, iffaċilitat bl-aħjar mod minn sistemi ta' informazzjoni moderni. Dawn il-ħtiġijiet ta' politika, tan-negozju u operazzjonali huma indirizzati minn sistemi ġodda (l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN), kif ukoll minn komponenti u għodod (l-ESP, l-sBMS, is-CIR, l-MID, is-CRRS) li se jiffurmaw l-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI tal-UE. Kif deskritt fil-**Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà** approvat mill-Kunsill ĠAI f'Ottubru 2023, il-komponenti ta' din l-arkitettura tal-interoperabbiltà

²⁴ Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024, Novembru 2019.

²⁵ Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-Prijoritajiet Leġiżlattivi tal-UE għall-2023, 15 ta' Diċembru 2022.

²⁶ Il-Parlament Ewropew (2022) *The EU legal migration package. Towards a rights-based approach to attracting skills and talent to the EU*, id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Diċembru 2022.

²⁷ Il-Parlament Ewropew (2022) *Revision of the Schengen Borders Code*, Servizz ta' Riċerka Parlamentari, April 2022.

se jiġu introdotti gradwalment fi stadji konsekuttivi ta' varar biex jipprovdu approċċ intelliġenti integrat biex tiġi żgurata s-sigurtà interna tal-Ewropa.

Bħala l-aġenzija tal-UE responsabbli għat-tmexxija operattiva tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-eu-LISA se tkompli tkun waħda mill-**kontributuri ewlenin għad-dominju tal-ĠAI tal-UE**. Fis-snin li ġejjin, l-applikazzjoni ta' **teknoloġiji ġodda u innovattivi** se tiżgura kooperazzjoni operazzjonali aktar effettiva xprunata mill-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-ĠAI tal-UE u l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-ĠAI se taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti finali billi ttipprovdi approċċ integrat u intelliġenti għall-iżgurar tas-sigurtà interna.

F'dan il-kuntest, l-Aġenzija tibqa' impenjata li timplimenta l-oġġettivi tal-**Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025**²⁸, b'mod partikolari r-raba' prijorità strateġika tal-bini ta' **ekosistema tas-sigurtà Ewropea b'saħħitha**. Wara l-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolamenti tas-SIS Riformulati f'Marzu 2023, l-eu-LISA se tkompli tappoġġa l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistema biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni fl-Ewropa kollha.

Barra minn hekk, l-eu-LISA għandha l-għan li tappoġġa l-**ġestjoni moderna u effiċjenti tal-fruntieri esterni** permezz tal-**VIS Riveduta**,²⁹ u l-iżvilupp ta' żewġ sistemi ġodda: is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (**EES**), u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (**ETIAS**), li se jservu l-benefiċċju doppju taż-żamma tas-sigurtà interna taż-Żona Schengen, filwaqt li jiffaċilitaw ukoll l-ivvjaġġar internazzjonali u l-libertà ta' moviment.

Ir-**Regolament Prüm II** dwar l-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija jinkariga lill-eu-LISA bl-iżvilupp u t-tmexxija operattiva sussegwenti ta' router ċentrali ġdid li se jissostitwixxi s-sistema attwali ta' konnessjonijiet individwali bejn il-bażijiet tad-*data* nazzjonali.³⁰ Meta jibda jintuża, dan se jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi nazzjonali u jagħmel użu mill-arkitektura l-ġdida tal-interoperabbiltà. Bħalissa, qed jiġu abbozzati atti ta' implimentazzjoni fil-livell tal-kumitat u l-eu-LISA qed ttejjgi għall-iżvilupp tas-sistema li d-dħul fis-seħħ tentattiv tagħha huwa stabbilit għall-2027.

Skont ir-Regolament dwar id-**diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża**, l-eu-LISA hija responsabbli wkoll għall-iżvilupp tekniku u t-tmexxija operattiva tal-**pjattaforma tal-UE għall-applikazzjoni għal viża** (VAP tal-UE) li se tissimplifika u timmodernizza l-proċess tal-applikazzjoni għal viża ta' Schengen għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.³¹ Skont l-ippjanar tentattiv, il-VAP tal-UE hija mistennija li tibda topera mill-2028.

Barra minn hekk, hemm ukoll żewġ proposti leġiżlattivi, li jikkonċernaw lill-eu-LISA:

- router għall-ġbir u għat-trasferiment ta' **informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri** (API) biex tkompli tiġi ssimplifikata l-identifikazzjoni tal-vjaġġaturi u tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-fruntieri.³² Skont il-proposti, li jissostitwixxu d-Direttiva attwali dwar l-API,³³ l-eu-LISA se tkun responsabbli għat-tfassil, l-iżvilupp, il-hosting u l-ġestjoni teknika tar-router tal-API li se jservi bħala punt ta' konnessjoni bejn l-Istati Membri u t-trasportaturi tal-ajru għall-ġbir u għat-trażmissjoni tad-*data* tal-API. Ir-router huwa mistenni li jibda jopera fl-2028;
- l-aktar reċenti, l-eu-LISA għet proposta li tiżviluppa l-**“applikazzjoni tal-UE tal-ivvjaġġar Diġitali”** (DTA) għas-sottomissjoni elettronika tad-*data* tal-ivvjaġġar, flimkien mar-Router tal-Vjaġġatur li jibgħat id-*data* tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti.³⁴ Skont il-proposta, l-eu-LISA se tkun responsabbli għall-iżvilupp u għat-tħaddim tas-sistema ċentrali tal-UE għad-derivazzjoni ta' **kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali** (DTC) mid-dokumenti fiżiċi eżistenti tal-ivvjaġġar u għas-sottomissjoni tagħhom ma' *data* tal-ivvjaġġar rilevanti lill-awtoritajiet responsabbli.

Minbarra s-soluzzjonijiet li jindirizzaw l-ivvjaġġar internazzjonali u l-ġestjoni tal-fruntieri, l-Aġenzija qed iżżid ukoll il-kontribut tagħha għad-**diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja** permezz tal-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tal-ġħodod u tal-pjattaformi tal-IT li jtejjbu l-kooperazzjoni fid-dominju tal-ġustizzja tal-UE.³⁵ Fit-3 ta' Ġunju 2024, l-

²⁸ *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025*, 24 ta' Lulju 2020, COM (2020) 605 final.

²⁹ *Ir-Regolament 2021/1134* tas-7 ta' Lulju 2021 għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS).

³⁰ *Ir-Regolament (UE) 2024/982* dwar it-tiftix u l-iskambju awtomatizzati ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija (ir-Regolament Prüm II).

³¹ *Ir-Regolament (UE) 2023/2667* tat-22 ta' Novembru 2023 fir-rigward tad-**diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża**.

³² Il-Kummissjoni ressqet *proposti għal żewġ regolamenti* dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' **informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri** (API).

³³ *Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE* tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw *data* dwar il-passiġġieri, ĠU L 261, 6.8.2004.

³⁴ *Proposta għal Regolament* li jistabbilixxi l-**applikazzjoni tal-UE tal-ivvjaġġar Diġitali** /.../ [COM(2024) 670 final].

³⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-UE*: Strumentarju ta' Opportunitajiet, COM (2020) 710 final.

eu-LISA ħadet ir-responsabbiltà għall-immaniġġjar tas-**sistema e-CODEX**, li hija faċilitatur ewlieni għad-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera.³⁶ Barra minn hekk, l-eu-LISA nġhatat il-kompitu li tfassal, tiżviluppa u topera l-**pjattaforma ta' kollaborazzjoni futura għal Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunta** (CP tas-SIK).³⁷ Id-data tal-bidu għall-operat tal-pjattaforma se tiġi ddeterminata mill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn sentejn u nofs wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Fil-biċċa l-kbira, il-ħidma tal-eu-LISA hija ggwidata mill-Istrateġija ta' Schengen tal-Kummissjoni, il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen (SEMM) rivedut u r-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen tal-2024.³⁸ L-Istrateġija ta' Schengen għandha l-għan li ssaħħaħ u ttejjeb ir-reżiljenza taż-żona Schengen – l-akbar żona ta' moviment liberu tad-dinja.³⁹ Fil-prinċipju, is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI operati mill-eu-LISA jservu bħala miżuri ta' kumpens biex jiffaċilitaw il-moviment liberu fiż-Żona Schengen u s-**SEMM** rivedut huwa maħsub biex jgħin lill-Istati Membri jimplimentaw l-*acquis* ta' Schengen billi jsaħħaħ diversi elementi tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, inkluż ir-rwol tal-aġenziji tal-ĠAI.⁴⁰ F'dan ir-rigward, l-eu-LISA se tkompli tipparteċipa fis-SEMM u tikkontribwixxi għalih kif mitlub mill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-**mekkaniżmu ta' Blueprint dwar it-Tħejija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet tal-Migrazzjoni**, kif ukoll il-kontribut attiv tagħha għall-iżvilupp u t-tħejija tal-**Barometru ta' Schengen+** billi tipprovi l-informazzjoni u l-istatistika meħtieġa għall-identifikazzjoni tar-riskji fl-oqsma tal-fruntieri, il-migrazzjoni, is-sigurtà interna u l-viżi, fil-limiti definiti f'regolamenti speċifiċi għas-sistema. Flimkien ma' aġenziji oħra tal-UE u fi ħdan il-mandat legali tagħha, l-eu-LISA se tikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-**għarfien u l-previżjoni tas-sitwazzjoni** fil-livell tal-UE fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna. Meta nġhatat il-Presidenza tal-JHAAN fl-2024, l-eu-LISA ġiet inkarigata mill-Kummissjoni u mill-grupp ta' ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Schengen biex tmexxi l-inizjattiva tal-immappjar tal-ġhodod eżistenti ta' rapportar ta' Schengen tal-aġenziji tal-ĠAI fid-dominji tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tad-droga.

Bil-**Patt Ġdid tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**, li ġie adottat f'Mejju 2024, l-eu-LISA se jkollha rwol importanti fl-iżvilupp ulterjuri tal-**Eurodac**, is-sistema ta' ġestjoni tal-ażil tal-UE.⁴¹ Ir-**Regolament Eurodac riformulat** huwa wieħed mill-pedamenti operazzjonali li jappoġġaw il-qafas legali l-ġdid u l-iżvilupp f'waqtu u d-dħul fis-seħħ tas-sistema huma prekundizzjoni kritika għall-implimentazzjoni tal-elementi l-oħrajn kollha tal-Patt.⁴² B'mod parallel mat-tħaddim tal-Eurodac eżistenti, l-eu-LISA se tiżviluppa sistema interoperabbli u integrata ġdida għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri biex tiġġielel il-migrazzjoni irregolari b'mod aktar effettiv. Meta tibda tintuża, is-sistema l-ġdida se tkun strumentali għall-applikazzjoni ta' regoli ġodda dwar ir-responsabbiltà u l-operazzjonalizzazzjoni ta' regoli ġodda dwar is-solidarjetà billi toħloq rabtiet ċari u konsistenti bejn individwi speċifiċi u l-proċeduri li huma soġġetti għalihom, filwaqt li tiffaċilita wkoll id-detezzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħrajn.

Fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali (IA), l-eu-LISA hija waħda mill-partijiet ikkonċernati li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' **approċċ Ewropew għall-intelliġenza artifiċjali** integrat u koerenti – sett ta' regoli armonizzati applikabbli għat-tfassil, għall-iżvilupp u għall-użu ta' sistemi tal-IA bbażati fuq approċċ proporzjonat ibbażat fuq ir-riskju.⁴³ Bl-appoġġ tal-Kummissjoni, l-**ambizzjoni fit-tul tal-eu-LISA hija li l-IA jkollha rwol ewlieni fil-qasam tas-sigurtà interna, il-migrazzjoni u l-ġustizzja**. Għal dak il-għan, l-Aġenzija tkompli tibni kapaciċitajiet interni, filwaqt li tespandi u tapprofondixxi wkoll l-għarfien espert tagħha dwar is-suġġett. L-enfasi hija fuq l-esplorazzjoni tal-possibbiltajiet, il-benefiċċji u l-limitazzjonijiet tal-użu ta' soluzzjonijiet tal-IA għas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI (eż., għall-sBMS, is-CRRS u l-ETIAS), kif ukoll fil-funzjonijiet ta' appoġġ, bħall-monitoraġġ tal-applikazzjonijiet u l-infrastruttura tal-eu-LISA u għall-finijiet taċ-ċibersigurtà. Barra minn hekk, l-eu-LISA bdiet timplimenta wkoll soluzzjonijiet tal-IA għal attivitajiet korporattivi.

Matul il-perjodu kollu, l-Aġenzija hija impenjata li tibqa' fuq quddiem nett tal-**innovazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE**. L-oqsma ta' prijarità kollha tal-eu-LISA – il-kontroll tal-fruntieri, il-migrazzjoni, is-sigurtà interna u l-ġustizzja – għaddejjin minn trasformazzjoni fundamentali permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-

³⁶ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-*sit web dedikat tal-e-CODEX tal-eu-LISA*.

³⁷ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-*sit dedikat tal-Kummissjoni dwar l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta*.

³⁸ *Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2024*, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, 16 ta' April 2024, COM/2024/173 final.

³⁹ *Strateġija lejn Żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-siġħ*, COM (2021) 277 final.

⁴⁰ *Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922* dwar il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen.

⁴¹ Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna dedikata tad-DĠ HOME dwar il-**Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**.

⁴² *Ir-Regolament (UE) 2024/1358* tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-**istabbiliment tal-Eurodac** għat-tqabbil ta' *data* bijometrika sabiex jiġu applikati b'mod effettiv ir-Regolamenti (UE) 2024/1351 u (UE) 2024/1350 u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u biex jiġu identifikati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali u persuni apolidi u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, ĠU L, 22.5.2024.

⁴³ *Ir-Regolament (UE) 2024/1689* tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (**I-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali**).

awtomatizzazzjoni. L-istat tat-tnejn biex jintużaw sistemi u għodod tal-IT aktar sofistikati, flessibbli u integrati jikkontribwixxi għall-iżgurar tar-rispons effettiv tal-UE għal xenarju dejjem jinbidel tat-theddid u l-isfidi tas-sigurtà.

Dawn l-iżviluppi jeħtieġu li l-eu-LISA tiffoka aktar attenzjoni fuq iċ-**ċibersigurtà** u l-għieda kontra t-theddid fid-dominju ċibernetiku. L-Aġenzija tirrikonoxxi l-isfidi li jirriżultaw mill-era diġitali u hija impenjata li tiżgura li l-attivitajiet kollha tagħha jikkonformaw mar-**Regolament dwar iċ-ċibersigurtà** tal-UE, filwaqt li tipprovdi firxa wiesgħa ta' miżuri għal skambju sigur ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, kif ukoll tiżgura s-sigurtà ġenerali tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-eu-LISA.⁴⁴

Sabiex tiżgura għoti stabbli ta' servizzi lill-partijiet ikkonċernati kollha, l-eu-LISA qed tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza organizzazzjonali tagħha billi timplimenta approċċ komuni għall-**kontinwità tal-operat u l-irkupru minn diżastri** għas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI li timmaniġġja. Minbarra r-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà, l-Aġenzija se timplimenta r-rekwiżiti tas-sigurtà li jirriżultaw mill-proposta leġiżlattiva li tressqet fl-2022 għal **regolament tal-UE dwar is-sigurtà tal-informazzjoni**,⁴⁵ u tadatta l-qafas ta' politika attwali tiegħu għas-sigurtà u l-kontinwità tal-operat għar-reġim il-ġdid applikabbli għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE.

Kooperazzjoni ma' sħab ewlenin

Is-sħab ewlenin tal-Aġenzija huma l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll rappreżentanti tal-industrija, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, il-pubbliku ġenerali u l-media. Skont il-qafas regolatorju, l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-aġenziji rilevanti tal-UE huma rrapreżentati fil-korpi ta' governanza tal-eu-LISA għas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI. FI-UE, l-Aġenzija tikkooopera mill-qrib mal-Kummissjoni, mal-Parlament, mal-Kunsill u mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA). Barra minn hekk, l-eu-LISA għandha interazzjonijiet mill-qrib mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) u mas-Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-Istituzzjonijiet, il-Korpi, l-Uffiċċji u l-Aġenziji tal-Unjoni (CERT-UE).

Matul is-snin, l-eu-LISA rawmet kooperazzjoni mill-qrib u siewja ma' firxa wiesgħa ta' **aġenziji tal-UE**, b'mod partikolari fid-dominju tal-ĠAI, li fost l-aktar sħab qrib tagħha hemm il-Europol, il-Eurojust, il-Frontex, is-CEPOL (l-Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi), l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA) u l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA). Pereżempju, l-eu-LISA tikkoordina attivitajiet ta' taħriġ mal-Frontex, is-CEPOL u l-FRA. Barra minn hekk, l-eu-LISA tikkooopera wkoll mal-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), mal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE). Tali relazzjonijiet bilaterali bejn l-aġenziji huma rregolati minn arranġamenti ta' fidma u memoranda ta' qbil, li ġew konklużi mas-CEPOL, l-Europol, l-Eurojust, l-EUAA, il-FRA, il-Frontex u l-ENISA.

L-Aġenzija għandha l-għan li tistabbilixxi arranġament ta' fidma mal-**Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea** (EASA) sabiex tiżviluppa relazzjonijiet ta' fidma aktar mill-qrib li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tar-regolamenti ta' implimentazzjoni tal-EES u tal-ETIAS għat-trasportaturi, b'mod partikolari dispożizzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni (jew it-tneħħija tagħha). Għal dak il-għan, iż-żewġ aġenziji ħejjew abbozz ta' arranġament ta' fidma għall-iskambju ta' informazzjoni, b'enfasi fuq it-trasportaturi tal-ajru rreġistrati mal-EASA. Kwalunkwe arranġament ta' fidma bħal dan se jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni u għall-awtorizzazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA.⁴⁶

It-tiġdid ipplanat tal-arranġament ta' fidma mal-**Frontex** jirriżulta mill-mandati estiżi taż-żewġ aġenziji f'dawn l-aħħar snin u deċiżjoni rispettiva tal-Bord tat-Tmexxija tal-Frontex li ġiet adottata fl-2022. Għaddejnin diskussjonijiet biex ikompli jiżdied il-forniment ta' servizzi ta' hosting ta' riżerva għas-sistemi tal-Frontex.

L-**ENISA** u d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (DG CONNECT) bdew konsultazzjonijiet mal-eu-LISA biex tipprovdi l-għarfien espert tagħha għall-Pjattaforma Unika ta' Rapportar li għandha tiġi implimentata mill-ENISA, kif previst fl-**Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika**.⁴⁷

L-Aġenzija għadha membru attiv tan-**Network tal-Aġenziji tal-ĠAI** (JHAAN), li jinkludi disa' aġenziji tal-UE li joperaw fl-ispace ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-eu-LISA hija wkoll membru attiv taċ-**Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna** ospitat mill-Europol, fejn hija tippresjedi r-raggruppament tal-bijometrika.

⁴⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi miżuri għal **livell għoli komuni ta' ċibersigurtà** fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, ĠU L, 18.12.2023.

⁴⁵ Proposta għal Regolament dwar **is-sigurtà tal-informazzjoni** fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, COM (2022) 119 final.

⁴⁶ L-Artikolu 43(2) tar-Regolament (UE) 2018/1726. L-Artikolu 43(2) tar-Regolament (UE) 2018/1726.

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika), ĠU L, 20.11.2024.

L-eu-LISA tkompli tipparteċipa wkoll fil-ħidma tan--**Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea** (EUAN) billi tattendi laqgħat ta' livell għoli, tipparteċipa fil-biċċa l-kbira tas-subnetworks tiegħu u tinvolvi ruħha fi skambju regolari tal-aħjar prattiki dwar diversi kwistjonijiet amministrattivi (eż. il-baġit u l-finanzi, ir-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-prestazzjoni, il-komunikazzjoni, il-kwistjonijiet legali, il-kwistjonijiet ambjentali, iċ-ċibersigurtà, eċċ.). Permezz tal-EUAN, l-eu-LISA tipprovdi kontribut u għarfien espert għat-tnejn tal-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni, speċjalment dawk relatati maċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni.

L-Aġenzija qed tistenna bil-ħerqa kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-**Eurostat** fil-qasam tal-istatistika u li tikkontribwixxi għal attivitajiet ta' standardizzazzjoni relatati ma' rekords amministrattivi li huma rilevanti għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea.⁴⁸ Il-kooperazzjoni sejra tiġi formalizzata f'Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-eu-LISA. Barra minn hekk, l-eu-LISA qed tikkooopera wkoll b'mod attiv maċ-**Ċentru Konġunt tar-Riċerka** (DG JRC) tal-Kummissjoni.

⁴⁸ L-Artikolu 17(a) tar-*Regolament (KE) Nru 223/2009* dwar l-Istatistika Ewropea.

IPPJANAR PLURIENNALI



2

1. Programm ta' ħidma pluriennali

Matul is-snin, l-eu-LISA kibret minn aġenzija teknika żgħira għal kontributor affidabbli u fdat għall-implimentazzjoni tal-politiki ta' diġitalizzazzjoni tal-UE fid-dominju tal-ĠAI. L-Aġenzija tinvolve ruħha f'kooperazzjoni proattiva u skambju ta' informazzjoni fil-livell tal-UE bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti fid-dominju tal-ĠAI, tiddefendi d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u tosserva l-ogħla standards tal-protezzjoni tad-data u tas-sigurtà tal-informazzjoni.

Fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà għall-2020–2025⁴⁹ u l-Patt Ġdid dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni,⁵⁰ l-Aġenzija se tibqa' ffukata fuq attivitajiet operazzjonali li jindirizzaw u jikkontribwixxu għad-dimensjonijiet differenti tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, il-moviment sikur tal-persuni fiż-żona Schengen u l-appoġġ għal ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni. Filwaqt li tiegħu gwida minn dawn l-oġġettivi, l-eu-LISA hija impenjata li ttejjeb, issaħħaħ u tissimplifika l-għoti ta' servizzi tagħha, f'konformità mal-elementi deskritti fil-prijoritajiet politiċi u fil-politiki rilevanti fid-dominju tal-ĠAI.

It-taqsima li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA għall-2021–2027 u l-oġġettivi pluriennali definiti għat-twettiq tal-mandat tagħha, b'enfasi fuq kif l-Aġenzija se tistinka biex tissodisfa dawn il-prijoritajiet fis-snin li ġejjin.

1.1. Strateġija fit-tul għall-2021–2027

L-oġġettivi strateġiċi deskritti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-2021–2027 isaħħu l-missjoni primarja tal-eu-LISA li tipprovdi soluzzjonijiet teknoloġiċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u li tkompli d-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ĠAI biex tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati tagħha fl-isforzi tagħhom biex iżommu lill-Ewropa miftuħa u sigura.⁵¹

Sabiex tiggwida l-attivitajiet fit-tul u annwali tagħha, l-Aġenzija stabbiliet l-erba' għanijiet strateġiċi li ġejjin:

- **GĦAN STRATEĠIKU 1:** Li tkompli tikber bħala kontributor għall-politiki rilevanti fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u bħala sieħeb fl-implimentazzjoni tagħhom.
- **GĦAN STRATEĠIKU 2:** Li żżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-Istati Membri fl-ixprunar tat-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE.
- **GĦAN STRATEĠIKU 3:** Li tippermetti u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE.
- **GĦAN STRATEĠIKU 4:** Li tkompli taħdem fuq l-evoluzzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA lejn organizzazzjoni aktar effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE

⁴⁹ *Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, 2020–2025*, 24 ta' Lulju 2020, COM (2020) 605 final.

⁵⁰ *Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil*, COM (2020) 609 final.

⁵¹ *L-Istrateġija tal-eu-LISA 2021–2027*, adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2021.

1.2. Obiettivi, attività e risorse pluriennali⁵²

It-taqsimha li għejja tipprovdi farsa ġenerali lejn l-ippjanar indikattiv tal-ħidma tal-Aġenzija għall-2025–2027, li tibni fuq il-kisbiet u l-iżviluppi mis-snin preċedenti. Il-programm ta' ħidma pluriennali jlenka l-attività ta' livell għoli flimkien mar-riżorsi aggregati meħtieġa biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-għanijiet u l-obiettivi strateġiċi tal-Aġenzija.

GĦAN STRATEĠIKU 1: Li tkompli tikber bħala kontributur għall-politiki rilevanti fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u bħala sieħeb fl-implimentazzjoni tagħhom

L-Aġenzija hija impenjata li żżomm l-eċċellenza operazzjonali tagħha u tkompli ttejjeb l-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha biex tiżgura operat sigur ferm, stabbli u kontinwu tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, filwaqt li tkompli wkoll l-evoluzzjoni gradwali tas-sistemi u t-twettiq ta' servizzi relatati f'konformità mal-istandards tal-industrija u l-aħjar prattiki.

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tibqa' sieħeb aġli għall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-aġenziji sħab fit-twassil ta' teknoloġija ta' valur għoli u għarfien espert biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tal-politika.

Obiettivi ewlenin:

- Il-ġestjoni tas-sistemi u tas-servizzi kollha fdati lill-Aġenzija f'konformità mar-regolamenti applikabbli, eż. l-implimentazzjoni tal-VIS Riveduta u l-Eurodac, l-interkonnessjonijiet u l-aġġustamenti kollha tas-sistema mal-komponenti tal-interoperabbiltà.
- L-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u l-iżvilupp ta' servizzi b'mod standardizzati u f'konformità mal-qafas legali rilevanti u mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, eż., l-iżgurar tad-dħul fis-seħħ ta' arranġament kuntrattwali ġdid għas-sistemi kollha.
- It-titjib u l-iżgurar ta' livell xieraq ta' sigurtà, reżiljenza u disponibbiltà tas-sistemi kollha tal-ĠAI, eż., ir-rieżami tal-arkitettura tas-sigurtà għas-sistemi tal-ĠAI fid-dawl tar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-komponenti tal-interoperabbiltà.
- L-implimentazzjoni ta' aġilità fuq skala u t-twassil aġli tas-sistemi l-ġodda flimkien mal-evoluzzjoni gradwali lejn mudell operatorju ġdid għall-Aġenzija.
- L-għoti ta' taħriġ xieraq għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha b'rispons għat-talbiet tagħhom.

GĦAN STRATEĠIKU 2: Li żżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-Istati Membri fl-ixprunar tat-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE.

L-Aġenzija se tkompli ssaħħa l-għarfien espert u l-kapaċitajiet tekniċi tagħha billi tkompli tespandi r-rwol tagħha fl-għoti ta' soluzzjonijiet tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u pariri esperti biex jappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tal-politika fid-dominju tal-ĠAI.

Obiettivi ewlenin:

- L-istinkar kontinwu għall-eċċellenza fit-tfassil, fl-iżvilupp u fit-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fdati lill-eu-LISA, eż., l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni bbażat fuq l-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija mwettqa fl-2024, kif ukoll kwalunkwe modifika possibbli fil-mandat tagħha.
- L-appoġġ b'mod proattiv lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom ta' taħriġ u bini ta' kapaċitajiet.
- Il-promozzjoni tal-għarfien espert tal-Aġenzija fl-għoti ta' pariri lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, eż., it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri tal-Pjattaforma għall-Kondiviżjoni tal-Għarfien tal-eu-LISA.
- L-iżgurar ta' appoġġ kontinwu lill-partijiet ikkonċernati kollha tal-eu-LISA fl-iffaċilitar tal-iskambji tagħhom għal adozzjoni bla xkiel u rapida tal-proposti leġislattivi li fadal li huma ta' rilevanza għall-mandat tal-Aġenzija.

⁵² L-estimi tal-baġit jippreżentaw l-ispejjeż taħt it-Titolu 3. L-estimi tar-riżorsi umani ma jinkludux persunal addizzjonali meħtieġ u fornituri esterni tas-servizzi. L-istimi tar-riżorsi għall-2026 u l-2027 huma indikattivi u se jkunu soġġetti għal bidliet fl-SPDs li għejjin hekk kif issir disponibbli aktar informazzjoni.

GĦAN STRATEĠIKU 3: Li tippermetti u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE.

L-Aġenzija se tkompli bl-isforzi tagħha biex tiffaċilita aktar it-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI billi twettaq attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni sabiex tidentifika soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda għall-aġġornament tal-proċessi tan-negozju, tixpruna titjib fil-kwalità tad-*data* permezz tal-istandardizzazzjoni teknoloġika u tiżviluppa kapaċitajiet permanenti sabiex tipprovdi servizzi fuq talba, bħall-ittestjar, il-proġetti pilota u l-provi tal-kunċett lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha.

Objettivi ewlenin:

- Il-monitoraġġ u l-analiżi tal-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni biex jissaħħu u jiġu estiżi l-kapaċitajiet eżistenti, l-iffaċilitar tal-pilotaġġ u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda tal-IT, filwaqt li jingħataw ukoll pariri tekniċi affidabbli lil dawk li jfasslu l-politika f'oqsma ta' prijarità relatati għall-UE.
- Il-valutazzjoni ta' modi kif jiġu mmodernizzati l-infrastruttura u l-kapaċitajiet ta' hosting (hosting intelliġenti) tal-Aġenzija, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-cloud.
- Il-promozzjoni tal-istandardizzazzjoni teknoloġika madwar l-UE.
- Il-ħidma mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u mal-industrija biex jiġu identifikati u esplorati l-opportunitajiet u l-benefiċċji teknoloġiċi biex tkompli tiġi avvanzata u mmassimizzata l-effiċjenza tal-operazzjonijiet u tal-ekonomiji ta' skala fis-sistemi kollha, eż., it-tkomplija tal-avvenimenti ta' Madwar Mejda dwar l-Industrija, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA.

GĦAN STRATEĠIKU 4: Li tkompli taħdem fuq l-evoluzzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA lejn organizzazzjoni aktar effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE

L-Aġenzija se tkompli timplimenta l-proġett ta' trasformazzjoni organizzazzjonali tagħha biex taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati billi tallinja r-riżorsi tagħha b'mod effiċjenti, tiżviluppa kapaċitajiet ġodda, taġġorna s-servizzi u l-proċessi tagħha u trawwem teħid ta' deċiżjonijiet xprunat mid-*data*. Għal dak il-għan, l-eu-LISA tibqa' impenjata li tiżgura li l-proċessi kollha tagħha jevolvu f'konformità mal-bażi ġuridika u l-prinċipji ta' mmaniġġjar tajjeb tal-prestazzjoni.

Għanijiet ewlenin

- Il-valutazzjoni u l-allinjament tar-riżorsi tal-Aġenzija, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet meħtieġa, it-trawwim tat-teħid ta' deċiżjonijiet xprunat mid-*data* biex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, eż. ir-rieżami tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA, l-ippjanar finanzjarju korporattiv u l-kapaċità ta' analiżi.
- It-trawwim tal-involvement tal-persunal billi l-eu-LISA ssir post tajjeb biex taħdem biex tattira u żżomm talent ġdid, tiffaċilita t-tkabbir professjonali u tiżgura żvilupp kontinwu tat-talent biex tixpruna l-bini tal-kapaċitajiet interni, eż., billi żżid l-attivitajiet ta' rekluataġġ biex ittejjeb ir-rata ta' okkupanza, tiffinalizza strateġija tal-ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenzi, timplimenta attivitajiet ta' żvilupp tat-tmexxija, trawwem il-valuri u l-kultura tagħna, biex tkun post tajjeb, trasparenti, inklużiv u etiku.
- L-iżgurar u t-titjib tal-konformità tal-proċessi tal-Aġenzija mar-regolamenti u mal-prinċipji rilevanti tal-ġestjoni tajba tal-prestazzjoni, eż., l-implimentazzjoni tal-pjan ta' titjib tal-Qafas ta' Valutazzjoni Komuni (CAF), ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Titjib tal-Kwalità tal-eu-LISA u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar li suppost diġà saru;
- Il-progress fil-programm ta' żieda fil-kapaċità tal-Aġenzija.

Tabella 3. Stima tar-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-eu-LISA

(tinkludi biss il-baġit tat-**Titolu 3** għall-operazzjonijiet)

Attività pluriennali	BAĠIT			FTEs (membri tal-persunal u SNEs)		
	2025	2026	2027	2025	2026	2027
Affarijiet Interni	138,346,012	127,334,012	142,134,012	149.6	154.6	155.1
Sigurtà	24,486,000	24,491,000	37,871,000	36.0	40.0	43.5
SIS *	17,011,000	17,011,000	17,011,000	13.0	13.0	15.0
Prüm II	3,550,000	2,400,000	1,200,000	7.0	10.0	11.0
API	3,925,000	5,080,000	19,660,000	16.0	17.0	17.5
Fruentieri	29,528,012	49,163,012	52,433,012	51.6	50.6	44.5
VIS	7,000,000	26,635,000	29,905,000	24.7	23.7	17.6
EES	11,328,012	11,328,012	11,328,012	16.7	16.7	16.7
ETIAS	11,200,000	11,200,000	11,200,000	10.2	10.2	10.2
Ażil	68,732,000	38,080,000	36,230,000	41.0	43.0	46.1
Eurodac	68,732,000	38,080,000	36,230,000	41.0	43.0	46.1
Interoperabbiltà	15,600,000	15,600,000	15,600,000	21.0	21.0	21.0
Interoperabbiltà	15,600,000	15,600,000	15,600,000	21.0	21.0	21.0
Ġustizzja	5,752,019	3,210,019	3,210,019	19.0	21.0	21.0
Ġustizzja	5,752,019	3,210,019	3,210,019	19.0	21.0	21.0
ECRIS	1,961,019	1,961,019	1,961,019	6.0	6.0	6.0
e-CODEX	1,291,000	1,249,000	1,249,000	5.0	5.0	5.0
Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK	2,500,000	0	0	8.0	10.0	10.0
Infrastruttura	55,973,000	58,596,000	61,721,000	94.6	94.6	94.6
Infrastruttura ta' Sistema Kondiviża **	35,573,000	0	0	84.6	84.6	84.6
Infrastruttura ta' Sistema Kondiviża (inkluż il-BCU)	35,573,000			84.6	84.6	84.6
Networks	20,400,000	0	0	10.0	10.0	10.0
Networks fuq żona wiesgħa	20,400,000			10.0	10.0	10.0
Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali	15,923,000	15,713,000	14,803,000	36.1	36.1	36.1
Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali	14,170,000	0	14,803,000	32.6	32.6	32.6
Sigurtà tas-sistema u kontinwità tal-operat	2,000,000			12.7	12.7	12.7
Ittestjar u Tranżizzjoni	-			10.0	10.0	10.0
Taħriġ għall-Istati Membri	1,200,000			9.9	9.9	9.9
Appoġġ estern	10,970,000			Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli
Laqgħat u Missjonijiet	1,753,000	0	0	3.5	3.5	3.5
Gruppi Konsultattivi	1,622,000			3.4	3.4	3.4
Laqgħat u missjonijiet oħrajn	80,000			Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli
Evalwazzjonijiet ta' Schengen	51,000			0.1	0.1	0.1
TOTAL tat-Titolu 3	215,994,031	204,853,031	221,868,031	299	306	307
Attivitajiet korporattivi ***	0	0	0	173.8	174.8	173.8
Governanza u konformità				45.0	45.0	45.0
Ġestjoni u komunikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati				23.6	24.6	24.6
Sigurtà korporattiva u kontinwità tal-operat				12.0	12.0	11.0
Ġestjoni tar-riżorsi umani				25.0	25.0	25.0
Ġestjoni tal-baġit, tal-finanzi u tal-akkwist				40.0	40.0	40.0
Servizzi legali				5.0	5.0	5.0
Appoġġ korporattiv				23.2	23.2	23.2
TOTAL	215,994,031	204,853,031	221,868,031	473	481	481

* Il-portafoll tas-SIS jinkludi FTEs għall-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali (DTA).


** Il-portafoll tal-Infrastruttura ta' Sistema Kondiviża jinkludi FTEs għall-operazzjonijiet tas-sistemi.


*** mhux iffinanzjati taħt it-**Titolu 3**.

1.3. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ewlenin

Abbażi tal-oġġettivi pluriennali deskritti fit-taqsima preċedenti, iċ-ċart Gantt li ġejja tippreżenta l-inizjattivi ewlenin u l-istadji importanti tagħhom għal proġetti magħżula biex tingħata farsa ġenerali konċiża lejn l-iskeda ta' żmien u l-interrelazzjonijiet bejn l-attivitajiet ewlenin tal-Aġenzija, kif deskritt fil-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà adottat mill-Kunsill ĠAI f'Ottubru 2023. Fil-finalizzazzjoni ta' dan id-dokument, din l-iskeda ta' żmien hija tentattiva u tista' tiġi emendata.

■ implimentazzjoni ■ dħul fis-seħħ ■ aċċettazzjoni tas-sistema finali





* **CSLR**: Sistema Ċentrali għar-Riżoluzzjoni dwar il-Link Safra

** **EU-IXP**: pjattaforma ta' interkonnnettività u skambju għall-UE (network trans-Ewropew ġdid)

1.4. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni⁵³

L-Aġenzija timmonitorja u tivvaluta regolarment l-allinjament tal-attivitajiet tagħha u l-ilħuq tal-oġġettivi, filwaqt li żżomm ukoll lill-partijiet ikkonċernati tagħha aġġornati regolarment dwar l-aħħar żviluppi, progress u prestazzjoni. It-tabella 04 tiddekrivi l-indikaturi użati mill-eu-LISA biex timmonitorja u tevalwa l-progress mistenni li sar fit-tweġġ tal-għanijiet strateġiċi tagħha. L-Aġenzija qed taħdem ukoll fuq sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni biex turi l-kontribut tagħha għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE, li għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija fl-2024.

Tabella 4. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni⁵⁴

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni	Mira	Linja bażi (2023)
Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI		
Disponibbiltà tas-sistema⁵⁵		
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS	≥ 99.99 %	99.67 %
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS	≥ 99.99 %	99.97 %
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac	≥ 99.99 %	99.47 %
Disponibbiltà tas-sistema tal-EES	≥ 99.90 %	<i>mhux disponibbli</i>
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-ETIAS	≥ 99.99 %	<i>mhux disponibbli</i>
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN	97.6 %	<i>mhux disponibbli</i>
Ħin tar-rispons		
Ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS ⁵⁶	≥ 99.5 %,	99.99 %
Ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS ⁵⁷	100 %	99.98 %
Ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac ⁵⁸	≥ 99.45 %	99.98 %
Ħin tar-rispons tas-sistema tal-EES	≥ 99.55 %	<i>mhux disponibbli</i>
Ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-ETIAS	Konformità ta' 100 % mal-FLS rilevanti	<i>mhux disponibbli</i>
Ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN	>= 15-il sekonda u <= 60 sekonda għal operazzjonijiet atomiċi bażiċi	<i>mhux disponibbli</i>
Disponibbiltà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni		
Disponibbiltà tan-Network fuq Żona Wiesgħa (WAN) (dominju tas-SIS u tal-VIS)	≥ 99.99 %	99.9994 %
Appoġġ operazzjonali u taħriġ		
Taħriġ għall-Istati Membri	rata ta' sodisfazzjon: > 4	5.26
Sodisfazzjon tal-klijenti: % ta' utenti finali sodisfatti jew sodisfatti ħafna bit-tfaddim ġenerali tas-sistemi tal-ĠAI	≥ 80 %	97.33 %
Prestazzjoni tas-Service Desk tal-eu-LISA	≥ 75 %	100 %
Sigurtà u kontinwità tal-operat		

⁵³ L-aħħar verżjoni tal-KPIs korporattivi tal-eu-LISA ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija fid-9 ta' April 2020. Wara r-rieżami fi Frar 2021, l-Aġenzija implimentat bidliet addizzjonali, li l-Bord tat-Tmexxija adotta f'Marzu 2021.

⁵⁴ Il-lista tal-KPIs se tkun soġġetta għal emenda fl-2025.

⁵⁵ Il-miri tad-disponibbiltà mhumiex definiti b'mod preċiż fl-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi. Peress li s-sistemi tal-IT ġestiti mill-eu-LISA huma ddefiniti bħala sistemi ta' disponibbiltà għolja, l-Aġenzija stabbiliet il-mira ekoloġika għal 99.99 %.

⁵⁶ **Ħin tar-rispons tas-SIS:** il-ħin tar-rispons għal tfittxijiet tal-kategorija 1 bħala t-tfittxija l-aktar rappreżentattiva. Il-kategorija 1 tirrappreżenta t-tfittxijiet singoli u multipli kollha kklassifikati bħala "eżatti", minħabba li fil-kaxxi tat-tiftix hija pprovduta l-informazzjoni eżatt filwaqt li tfittxijiet "ineżatti" jew "fuzzy" huma esklużi. Il-ħin tar-rispons standard għal tfittxijiet "eżatti" huwa ta' sekonda filwaqt li għall-oħrajn kollha huwa ta' 3 sekondi. L-indikatur tal-ħin tar-rispons tas-SIS ikun "aħdar" jekk aktar minn 99.5 % tat-tfittxijiet tal-kategorija 1 jirċievu rispons fi żmien sekonda.

⁵⁷ **Ħin tar-rispons tal-VIS:** il-ħin totali tar-rispons fil-limiti kuntrattwali (l-oġġa livell fis-siegħa, il-ksur tal-FLS, ir-rekords) għal kull grupp ta' negozju (l-ażil, il-fruntieri, konsulari, l-infurzar tal-liġi u t-territorju). L-indikatur tal-ħin tar-rispons tal-VIS ikun "aħdar" jekk il-valur ikun ta' 100 %

⁵⁸ **Ħin tar-rispons tal-Eurodac:** il-funzjonijiet kummerċjali kritiċi tas-sistema huma miġbura f'żewġ kategoriji: a) tranżazzjonijiet ta' prijorità għolja (ħin tar-rispons standard ta' siegħa) u b) tranżazzjonijiet regolari (24 siegħa). L-indikatur tal-ħin tar-rispons huwa l-medja ta' dawn iż-żewġ kategoriji: "aħdar" jekk 99.45 % tat-tranżazzjonijiet isiru fil-ħin tar-rispons standard.

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni	Mira	Linja bażi (2023)
% tal-oġġettivi tas-sigurtà implimentati (kif definiti skont il-leġiżlazzjoni)	100 %	100 %
Għadd ta' eżerċizzji ta' emerġenza, ta' sigurtà u eżerċizzji relatati mal-kontinwità tal-operat imwettqa kull sena	2	3
Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni	Mira	Linja bażi (2023)
Governanza u konformità		
Valutazzjoni tal-proġett: it-tlestija evalwata skont il-linja bażi tal-parametri definiti ta' kwalità/kost/ħin, filwaqt li jitqiesu t-tolleranzi tal-proġett	< 10 %	9.83 %
Ġestjoni tal-proġetti: il-valutazzjoni tal-konformità tal-proġetti mitmuma skont il-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti tal-eu-LISA matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett	proġetti żgħar: > 75 % proġetti ta' daqs medju: > 80 % proġetti kbar: > 85 %	mhux disponibbli 76 % 75 %
Awditjar: (A) Perċentwal ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati	kritiċi: 100 % importanti ħafna: ≥ 90 % importanti: ≥ 80 %	100 % 80 % 93 %
Awditjar: (B) Għadd u żmien tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar pendenti	suppost diġà saru b'inqas minn 6 xhur: ≤ 4 suppost diġà saru b'6 xhur u sena: ≤ 2 suppost diġà saru b'aktar minn sena: ≤ 1	0 2 3
Amministrazzjoni u appoġġ ġenerali		
Indikatur ambjentali: impronta tal-karbonju	linja bażi	3506 teq CO2
Rata ta' kanċellazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament (%)	< 5 %	5.8 %
Rata ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji (%)	95–99 %	99.9 % (inkluż riport mhux awtomatiku)
Rata ta' implimentazzjoni tal-pagament (%)	> 95 %	99.9 %
Proporzjon tar-riżorsi amministrattivi kontra r-riżorsi operazzjonali meta mqabbla mar-riżorsi umani kollha fi ħdan l-Aġenzija (persunal u SNEs) (%)	amministrattivi: 20 % operazzjonali: 70 %	17.2 % 74 %
% ta' pagamenti lesti sal-iskadenzi statutorji	> 87.5 %	96.4 %
Effiċjenza tal-proċess tal-akkwist	< 25 %	16.7 %
Ġestjoni tal-akkwiżizzjoni: proġetti ta' akkwist skont l-iskeda	> 60 %	80 %
Rata annwali ta' assenteiżmu	għadd medju ta' jiem ta' liv minħabba mard: < 15-il jum għal kull membru tal-persunal % ta' membri tal-persunal fuq liv twil minħabba mard: < 10 % % tal-persunal li ma jużax liv minħabba mard: > 15 %	9.7 ijiem 5.3 % 42.7 %
Dawran annwali tal-impjegati (%)	≤ 5 %	4.09 %
Rata ta' okkupanza annwali (%)	> 94 %	94.2 %
Indiċi taż-żamma tat-talent	> 0	1.8
Livell ta' involviment tal-persunal	≥ 63 %	7.4
Impatt tal-komunikazzjoni esterna	sit web: tinżamm il-linja bażi media soċjali: +200 segwaċi fuq kull pjattaforma kull sena	LinkedIn: +4013 Twitter: +404 Facebook: +403 YouTube: +89

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni	Mira	Linja bażi (2023)
Impatt tal-komunikazzjoni interna (stħarriġ dwar is-sodisfazzjon)	avvenimenti ta' involviment: rata ta' sodisfazzjon > 90 %	86.3 % (minħabba avvenimenti online) ⁵⁹
	rata ta' parteċipazzjoni: > 95 %	95.3 % ⁶⁰
	rata ta' parteċipazzjoni: > 51 %	58 %
	rata ta' sodisfazzjon: > 70 %	89 %
	(kanali interni u attivitajiet għall-persunal)	

2. Riżorsi umani u finanzjarji: prospettiva għall-2025-2027

F'dawn l-aħħar snin, ir-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE espanda b'mod konsiderevoli, speċjalment f'termini ta' żieda fir-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-iskambju sigur ta' informazzjoni transfruntiera u t-titjib tal-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni.

Għas-snin li ġejjin, it-tmexxija operattiva tal-eu-LISA hija bbażata fuq l-aspetti li ġejjin:

- il-qafas regolatorju li qed jevolvi kontinwament,
- l-għadd kbir ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira f'dati lill-eu-LISA,
- l-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija u
- iż-żieda fil-pressjoni sabiex jinkisbu riżultati b'riżorsi limitati.

Matul dawn l-aħħar snin, l-Aġenzija vvalutat regolarment l-allokazzjoni tar-riżorsi tagħha biex tappoġġa t-talbiet li qed jiżdiedu, billi bbażat fuq ir-riallokazzjoni interna tar-riżorsi kemm finanzjarji kif ukoll dawk umani.

Il-programmazzjoni pluriennali għall-2025–2027 tirrifletti dawn l-isfidi u l-isforzi tal-Aġenzija biex tibqa' impenjata li żżid l-aġilità u l-effiċjenza operazzjonali tagħha billi tagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli allokatu għal dan il-perjodu ta' programmazzjoni u lil hinn minnu.

2.1. Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali

It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali fir-rigward tar-riżorsi umani u finanzjarji tal-Aġenzija filwaqt li tipprovdi wkoll il-prospettiva għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Informazzjoni aktar dettaljata hija pprovduta fl-Annessi II sa V.

2.1.1. Riżorsi umani

Il-persunal tal-eu-LISA jinkludi uffiċjali, persunal temporanju (TA) u persunal bil-kuntratt (CA).⁶¹ It-Tabella 05 tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-persunal tal-eu-LISA għal kull proposta leġislattiva kif awtorizzat fil-baġit tal-2023 skont it-tabella tal-persunal.

Tabella 5. Ħarsa ġenerali lejn il-persunal tal-eu-LISA fl-2023 (mill-31 ta' Diċembru 2023)

Qasam ta' attività	Awtorizzati għall-2023			Persunal fis-seħħ fl-2023		
	TA	CA	SNE	TA	CA	SNE
Regolament tal-eu-LISA						
persunal ta' referenza (karigi awtorizzati skont il-baġit tal-2020)	113	30	9	109	34	8
persunal addizzjonali (ir-Regolament rivedut tal-eu-LISA)	23	27	2	22	23	1
Regolamenti speċifiċi għas-sistema (adottati)						

⁵⁹ Data tal-2022 peress li ma hemm l-ebda data disponibbli għall-2023.

⁶⁰ Data tal-2022 peress li ma hemm l-ebda data disponibbli għall-2023.

⁶¹ It-tabella tal-persunal tal-eu-LISA ma tipprevedix karigi separati għall-uffiċjali.

Qasam ta' attività	Awtorizzati għall-2023			Persunal fis-seħħ fl-2023		
	TA	CA	SNE	TA	CA	SNE
EES	32			29		
ETIAS	7	35		6	27	
ECRIS-TCN		5			5	
e-CODEX	2	3			1	
Appoġġ għat-trasportatur tal-EES-ETIAS ⁶²		21			13	
Interoperabbiltà	31	34		26	22	
Riformulazzjoni tas-SIS (Ritorn u Fruntieri)		4			4	
VIS Riveduta ⁶³	6	7		6	6	
Karigi ta' sigurtà mogħtija fl-2023	6					
Proposti leġiżlattivi li għad iridu jiġu adottati⁶⁴						
Riformulazzjoni tal-Eurodac	2			0		
Total ta' FTE	222⁶⁵	166	11	198	135	9

Matul l-2024, l-eu-LISA rreklutat b'mod attiv persunal addizzjonali, għalkemm f'numri aktar baxxi milli kien mistenni. Peress li l-listi ta' riżerva eżistenti kienu kollha mimlijin, l-Aġenzija nediet diversi proċeduri tal-għażla ġodda, li kellhom impatt dirett fuq it-tul ta' żmien tal-proċess ta' reklutaġġ. Barra minn hekk, diversi kandidati magħżula kienu interni u dan wassal għal impatt newtrali fuq l-għadd totali ta' persunal. Din is-sitwazzjoni kienet ikkumplikata aktar peress li bosta kandidati rrifjutaw offerti ta' impjieg minħabba d-durata qasira tagħhom (li tvarja minn sena sa tliet snin), u għażlu kuntratti itwal jew karigi ta' grad ogħla xi mkien ieħor.

Fost il-karigi mhux okkupati, żewġ karigi tal-Eurodac ma kinux disponibbli għar-reklutaġġ sakemm ġie adottat ir-Regolament Riformulat.⁶⁶ Ħarsa ġenerali lejn l-ippjanar għal karigi addizzjonali tal-persunal għall-perjodu 2025–2027 hija ppreżentata fit-taqsima 2.3.2 Programmazzjoni tar-riżorsi umani.

2.1.2. Nefqa totali tal-baġit għall-2023

Il-baġit tal-eu-LISA huwa ffinanzjat permezz ta' sorsi ta' fondi differenti. Id-dħul ewlieni jiġi mis-sussidju tal-UE, li jasal fuq bażi annwali mill-baġit tal-UE - it-taqsima tal-Kummissjoni, il-Kapitolu 11 10 “*Ġestjoni tal-Fruntieri – Aġenziji Deċentralizzati*” – kif adottat mill-awtorità baġitarja, jiġifieri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE. Waslu kontribuzzjonijiet ulterjuri mill-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, bħala rimborż parzjali tan-nefqa mġarrba mill-Aġenzija.

Fl-2023, l-eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' EUR 262.23 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 294.18 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament li rċeviet bħala kontribuzzjoni mill-UE.

Ir-rati ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija sa tmiem is-sena 2023:

- 99.9 % għall-approprijazzjonijiet ta' impenn,
- 99.9 % għall-approprijazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2024.

Approprjazzjonijiet ta' impenn: sa tmiem is-sena finanzjarja 2023, it-Titolu 1 laħaq rata ta' implimentazzjoni ta' 100.0 %, it-Titolu 2 laħaq 98.8 %, u t-Titolu 3 laħaq 100.0 %.

Approprjazzjonijiet ta' pagament: taħt it-Titolu 1, ġew eżegwiti 97.9 % tal-approprijazzjonijiet u ġew riportati 2.1 % awtomatikament. Fit-Titolu 2, ir-rata ta' eżekuzzjoni laħqet 54.4 %, b'1.2 % li ġew ikkanċellati u l-44.4 % li jifdal ġew riportati awtomatikament għall-2024. Fit-Titolu 3, ġew eżegwiti 100.0 % tal-approprijazzjonijiet.

⁶² Dawn il-karigi ġew allokat i mill-ġdid b'mod temporanju mill-Frontex għall-eu-LISA għal perjodu ta' tliet snin, mill-2022 sal-2024.

⁶³ L-għadd ta' persunal tmexxa 'l quddiem b'sena minħabba l-adozzjoni tardiva tar-Regolament dwar il-VIS Riveduta. Dan huwa rifless fl-ippjanar tal-persunal.

⁶⁴ L-għadd ta' persunal indikat huwa provviżorju u bbażat fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi annessi mal-proposti leġiżlattivi rispettivi.

⁶⁵ Fl-2023, l-għadd attwali ta' karigi TA għar-reklutaġġ kien ta' 220 minflok 222, kif indikat fit-tabella, minħabba li r-Riformulazzjoni tal-Eurodac ġiet adottata f'Mejju 2024.

⁶⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/1358 dwar l-istabbiliment tal-Eurodac ġie adottat fl-14 ta' Mejju 2024.

2.2. Prospettiva għall-2025–2027

It-taqsima li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li ġejjin tal-Aġenzija, flimkien mar-riżorsi finanzjarji u umani relatati.

2.2.1. Kompiti ġodda

L-UE qed ttejjgi biex tniedi diversi inizjattivi li se jinvolvu kompiti ġodda għall-eu-LISA u li se jkollhom impatt dirett fuq l-ippjanar għas-snin 2025–2027. It-taqsima li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-proposti rilevanti tal-Kummissjoni u l-impatt tagħhom fuq l-ippjanar tar-riżorsi umani fis-snin 2025–2027:

- **Diġitalizzazzjoni tal-viża.** Kif stipulat fir-regolamenti dwar id-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża tal-UE, adottati f'Novembru 2023, l-eu-LISA se tkun responsabbli għall-iżvilupp tekniku u t-tmexxija operazzjonali tal-**pjattaforma online tal-UE ta' applikazzjoni għal viża** (VAP tal-UE).⁶⁷ L-iżvilupp tal-pjattaforma huwa skedat li jibda fl-2026 u huwa stmat li titlesta fl-2028. Wara d-dħul fis-seħħ, se japplika perjodu tranżitorju għall-Istati Membri biex jużaw il-pjattaforma; madankollu, meta jintemm il-perjodu tranżitorju, l-applikazzjonijiet kollha għal viża ta' Schengen se jiġu ppreżentati permezz tal-pjattaforma online, filwaqt li l-proċedura stampata se tkun disponibbli biss għal eċċezzjonijiet. Meta tibda tintuża, l-eu-LISA se tkun responsabbli għall-aġġornament u għaż-żamma regolari tal-pjattaforma online għall-applikazzjoni għal viża. Għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-pjattaforma, l-eu-LISA se tirċievi karigi addizzjonali, billi żżid l-għadd tal-persunal tagħha b'kariga TA waħda addizzjonali fl-2024 u kariga CA waħda fl-2025; fl-2026 huma previsti 5 karigi TA addizzjonali u 3 karigi CA biex l-għadd totali jiżdied għal 10 karigi.
- **Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (CP tas-SIK).** Skont ir-Regolament adottat f'Mejju 2023, l-eu-LISA se tkun responsabbli għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tas-CP tas-SIK li jibdev mill-2024.⁶⁸ Għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-pjattaforma, l-eu-LISA se jkollha 8 karigi TA addizzjonali fl-2025. Fl-2026, se jiġu allokat 2 karigi CA addizzjonali, biex b'hekk ikun hemm total globali ta' 10 karigi għall-proġett ta' CP tas-SIK. Ir-reklutaġġ f'waqtu għal dawn il-karigi se jiddependi mill-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni finanzjarja bejn il-Kummissjoni u l-eu-LISA.
- **Router ta' Prüm II (skambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija).** Skont ir-Regolament adottat f'Marzu 2024, l-eu-LISA se tkun responsabbli għall-iżvilupp u għall-ġestjoni ta' router biex tiżgura trażmissjoni sigura tad-data għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-pulizija tal-Istati Membri.⁶⁹ Għall-iżvilupp u l-ġestjoni tar-router, l-eu-LISA se tirċievi 6 karigi TA addizzjonali fl-2024, kariga waħda TA fl-2025 u 3 karigi TA fl-2026, biex b'hekk jintlaħaq total ta' 10 karigi TA. Fl-2027, l-Aġenzija se tistma l-ippjanar tal-persunal għat-tħaddim tar-router ċentrali ta' Prüm II.
- **Router tal-API (ġbir u trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri).** Skont il-proposti tal-Kummissjoni ppubblikati f'Diċembru 2022, l-eu-LISA se tkun responsabbli għat-tfassil, għall-iżvilupp, għall-hosting u għall-ġestjoni teknika ta' router ċentrali li se jservi bħala punt ta' konnessjoni uniku bejn l-Istati Membri u t-trasportaturi tal-ajru sabiex jiġi stabbilit approċċ tal-UE għall-ġbir u għat-trażmissjoni tad-data tal-API, f'konformità mal-istandards internazzjonali.⁷⁰ Għall-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tar-router ċentrali tal-API u abbażi tad-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva (LFS) riveduta annessa mal-proposta, l-eu-LISA tippjana 12-il kariga TA addizzjonali u 4 karigi CA fl-2025, kariga CA waħda addizzjonali fl-2026 u kariga addizzjonali waħda fl-2027 (CA waħda mit-tieni nofs tas-sena uguali għal 0.5 FTE) u b'hekk it-total finali jkun ta' 13-il kariga TA u 4.5 karigi CA fl-2027. Għas-snin ta' wara, il-pjan tal-persunal se jiġi ppreżentat fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni li jmiss.
- **Ċibersigurtà.** Bħala l-fornitur ewlieni tas-servizzi tal-IT għad-dominju tal-ĠAI tal-UE, l-eu-LISA se żżid il-fokus tagħha fuq iċ-ċibersigurtà u ttejjeb il-kapaċitajiet tagħha li tiġġieled it-theddid ċibernetiku, filwaqt li tiegħu gwida mil-leġiżlazzjoni rilevanti (eż. ir-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà u r-regolament li jmiss dwar is-sigurtà tal-informazzjoni) biex timplimenta miżuri addizzjonali ħalli tiżgura ċ-ċibersigurtà u l-kontinwità tal-operat għas-sistemi kollha tal-IT f'dati lill-eu-LISA.⁷¹ Barra minn hekk, skont id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' kooperazzjoni għall-inċidenti tas-sigurtà relatati mal-komponenti tal-interoperabbiltà, l-eu-LISA trid tistabbilixxi Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà (SOC) 24 siegħa kuljum biex jiġġestixxi l-inċidenti tas-sigurtà li jaffettwaw il-komponenti tal-

⁶⁷ Ir-Regolamenti (UE) 2023/2667 u 2023/2685 tat-22 ta' Novembru 2023 fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża.

⁶⁸ Ir-Regolament (UE) 2023/969 tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-iskadwari ta' investigazzjoni konġunta.

⁶⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/982 dwar it-tiftix u l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija (ir-Regolament Prüm II).

⁷⁰ Il-Kummissjoni ressqet *żewġ proposti għal regolamenti* dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API).

⁷¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà; u Proposta għal Regolament dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, COM/2022/119 final.

interoperabbiltà li huma parti mill-infrastruttura kritika li teħtieġ kapaċità ta' rispons 24 siegħa kuljum.⁷² L-implimentazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà teħtieġ id-dedikazzjoni ta' mhux aktar minn 10 % tal-persunal għall-ħidma rilevanti. Għalhekk, fis-snin ta' wara, se tiġi ppjanata żieda fl-għadd ta' persunal għal dan il-għan kif xieraq.

- **Applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE (DTA).** Skont il-proposti tal-Kummissjoni ppubblikati f'Ottubru 2024, l-eu-LISA se tkun responsabbli biex tappoġġa lill-Kummissjoni fit-tnejn u fl-użu tal-applikazzjoni tal-ivvjaġġar diġitali tal-UE.⁷³ L-applikazzjoni se tkun disponibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE u mhux tal-UE b'passaport bijometriku jew karta tal-identità tal-UE li jivvjaġġaw lejn iż-Żona Schengen jew minnha. Skont id-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva mal-proposta tal-Kummissjoni, il-persunal addizzjonali għal dan il-proġett se jsaħħaħ ir-riżorsi umani tal-Aġenzija, billi jibda b'2 karigi TA fl-2027. L-ippjanar futur se jiġi inkluż fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni li jmiss.

Barra minn hekk, l-eu-LISA tista' tiġi assenjata kompiti potenzjali ġodda, skont l-eżitu tal-evalwazzjoni esterna regolari tal-Kummissjoni mnedija fl-2023 biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-Aġenzija, peress li jista' jwassal għal modifika tal-mandat tal-eu-LISA, li jista' jkollha implikazzjonijiet għall-ippjanar tal-baġit.

Konsegwentement, l-ippjanar tal-persunal għall-perjodu 2025–2027 kif rifless fit-Tabella 06, fit-taqsima 2.3.2 Programmazzjoni tar-riżorsi umani, jinkludi ċifri dwar persunal addizzjonali għall-kompiti li jirriżultaw minn diversi regolamenti jew proposti tal-Kummissjoni li r-regolamenti rispettivi għad iridu jiġu adottati. Dawn iċ-ċifri jkopru prinċipalment il-pożizzjonijiet operazzjonali diretti u r-riżorsi meħtieġa għall-koordinazzjoni tal-funzjonijiet.

2.2.2. Żvilupp tal-kompiti eżistenti

Meta jitqiesu l-iżviluppi fiż-żmien meta nkiteb dan id-dokument u l-adozzjoni ta' proposti leġislattivi ġodda, l-għadd ta' persunal tal-Aġenzija qed ikompli jiżdied, b'mod partikolari fil-qasam tal-attività ewlenija.

F'dan il-qasam, il-karigi eżistenti għal żmien qasir se jkunu meħtieġa għal żmien itwal minħabba d-**dewmien fl-implimentazzjoni tal-EES**, li qed ikollu wkoll impatt fuq l-iskedi ta' żmien ta' attivitajiet oħrajn. Dan huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz u jiġi bbilanċjat l-ammont ta' xogħol ġenerali. Jeħtieġ li s-sistema ċentrali tal-EES tiġi adattata biex tikkonforma mal-komponenti tal-interoperabbiltà u mal-VIS Riveduta. Sabiex tikseb dan u tegħleb kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-kuntratti li qed jikkawżaw dewmien f'dan il-proġett, l-Aġenzija implimentat l-“istrategġija tat-3R” u adottat metodi ta' ħidma aġli.⁷⁴ Madankollu, huma meħtieġa karigi addizzjonali sabiex jintlaħqu l-oġettivi ppjanati kollha.⁷⁵

F'Mejju 2024, il-koleġiżlaturi adottaw il-**Patt Ġdid tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**, li jistabbilixxi sistema komuni tal-ażil u regoli ġodda għall-ġestjoni tal-migrazzjoni.⁷⁶ Skont ir-Regolament Eurodac riformulat,⁷⁷ ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni (AMMR, biex jissostitwixxi r-Regolament ta' Dublin III),⁷⁸ u r-Regolamenti dwar l-Iskrinjar, l-eu-LISA se tkun responsabbli mill-iżvilupp ta' verżjoni riveduta tal-Eurodac, l-aġġornament ta' DubliNet għall-finijiet tal-AMMR, kif ukoll li tiżgura l-konnessjonijiet nazzjonali u l-aċċess għal *data* speċifika għall-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni.

L-implimentazzjoni tal-**Eurodac riformulat** trid tinkiseb sa tmiem l-2026. Għalhekk, għandu jingħata persunal addizzjonali lill-Aġenzija għas-snin 2024-2026 biex tiżviluppa s-sistema. Hija ppjanata żieda fil-persunal għal din is-sistema kif ġej: 15-il kariga TA u 20 kariga CA fl-2025, bi 3 karigi CA addizzjonali fl-2026. Fl-2027, huwa previst tnaqqis ta' 2 karigi CA.

Sabiex tistabbilixxi s-sistema ta' konnessjoni u ta' aċċess għall-implimentazzjoni tar-**Regolament dwar l-Iskrinjar**, l-eu-LISA tippjana 13-il kariga addizzjonali TA u 6 karigi CA fl-2025 (li minnhom sa tmiem l-2024 jistgħu jkunu disponibbli 5 TA u 2 CA). L-għadd ta' persunal se jibqa' kostanti sal-2028.⁷⁹

⁷² Id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni [C (2021) 6663 u C (2021) 6664 tas-16 ta' Settembru 2021] li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tal-**proċedura ta' kooperazzjoni fir-rigward ta' inċidenti tas-sigurtà** li jista' jkollhom impatt fuq l-operat tal-komponenti tal-interoperabbiltà jew fuq id-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-*data*, skont l-Artikolu 43(5) tar-**Regolamenti (UE) 2019/817** u **2019/818**.

⁷³ **Proposta għal Regolament** li jistabbilixxi applikazzjoni għas-sottomissjoni elettronika ta' *data* dwar l-ivvjaġġar (l-**applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE**) u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/399 u (UE) 2018/1726 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004, fir-rigward tal-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali [COM(2024) 670 final]; u **Proposta għal Regolament tal-Kunsill** dwar il-ħruġ tal-**kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali** bbażati fuq il-karti tal-identità u l-istandards tekniċi [COM(2024) 671 final].

⁷⁴ L-istrategġija tat-3R tirreferi għal **remobilizzazzjoni, riżoluzzjoni u tiġdid**.

⁷⁵ Jekk jogħġbok irreferi għall-Anness XIII għal elenkar ta' karigi li jinkludi t-talba addizzjonali tal-persunal.

⁷⁶ Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna dedikata tad-DG HOME dwar il-**Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**.

⁷⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-**istabbiliment tal-Eurodac**, ĠU L, 22.5.2024.

⁷⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-**ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni** (AMMR), ĠU L, 22.5.2024.

⁷⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-14 ta' Mejju 2024 (ir-**Regolament dwar l-Iskrinjar**), ĠU L, 22.5.2024.

L-iżvilupp tal-**infrastruttura kondiviża komuni** (CSI) jeħtieġ aktar riżorsi umani milli kien previst fil-bidu. Filwaqt li nbdiel fl-2016, is-CSI għandha l-għan li tiċċentralizza l-infrastruttura tal-eu-LISA għas-sistemi kollha tal-ĠAI. Għalkemm is-sistemi l-ġodda kollha huma żviluppatti u jintużaw fuq is-CSI, is-sistemi ewlenin (is-SIS, il-VIS, l-Eurodac) għadhom ma emigrawx kompletament u jużaw biss partijiet mis-CSI. Is-sehem tax-xogħol ta' manutenzjoni se jiżdied biż-żieda ta' sistemi ġodda mal-pjattaforma. S'issa, l-aġġornamenti tal-infrastrutturi tas-sistema twettqu biss bħala parti mir-riformulazzjonijiet. Is-sostituzzjonijiet tas-sistema ewlenin huma mistennija mill-2026 u l-2027 (aġġornament tal-EES), li se jkollhom impatt fuq ir-riżorsi umani u finanzjarji. Minħabba li għadd limitat biss ta' persunal jista' jiġi allokat mill-ġdid mill-proġett għal xogħol ta' manutenzjoni, se jkun meħtieġa karigi addizzjonali sabiex jiġi implimentat dan il-proġett. L-ippjanar tar-riżorsi umani għal dan il-proġett iqis il-ħtieġa tal-Aġenzija li tibni l-għarfien u l-għarfien espert tagħha stess dwar is-sistemi biex tkun mgħammra aħjar ħalli tmexxi s-sistemi b'mod effettiv. Dawn l-isforzi se jtejbju l-kontroll tekniku u l-indipendenza tal-Aġenzija u b'hekk tkun tista' tiġġestixxi u tidderieġi aħjar il-ħidma tal-kuntratturi. Għalkemm is-soluzzjoni u pjan ta' investiment għandhom jitħejjew u jiġu miftiehma mal-Kummissjoni minħabba l-impatt fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, l-Aġenzija smat il-ħtieġa ta' karigi addizzjonali. Din hija ta' 19-il FTE għat-tmexxija operattiva tal-pjattaforma ta' infrastruttura ċentralizzata u għall-manutenzjoni adattiva tal-infrastruttura ċentralizzata mingħajr ma jitqiesu l-karigi li jkopru ċ-ċiklu 24 siegħa kuljum (xogħol bix-xifts).

Fl-istess ħin, l-Aġenzija teħtieġ aktar **persunal operazzjonali** biex tiġġestixxi s-sistemi l-ġodda u eżistenti tal-ĠAI. Pereżempju, l-iżgurar ta' servizz 24 siegħa kuljum fuq kariga waħda jirrikjedi 5 FTE biex ikopru x-xiftijiet u l-assenzi kollha. Barra minn hekk, l-ammont ta' xogħol matul xiftijiet differenti mhuwiex kollu l-istess u l-impatti fuq is-saħħa tax-xogħol bix-xift jridu jiġu kkunsidrati wkoll fl-ippjanar tal-persunal.

L-Aġenzija estendiet il-**ftehim tagħha dwar it-trasferiment tal-persunal mal-Frontex** sa tmien l-2027. Dan il-ftehim ikopri t-trasferiment temporanju ta' 21 kariga CA u l-baġit tal-persunal rispettiv mill-Frontex għall-eu-LISA. Din is-soluzzjoni se tindirizza l-lakuni fil-persunal f'perspettiva ta' żmien qasir ta' 3 snin u tippermetti t-tnejja għas-servizzi ta' appoġġ tat-trasportaturi.⁸⁰

Bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Akkwist tal-eu-LISA li tiddefinixxi t-tip ta' riżorsi umani miksuba għal kull servizz (jiġifieri, persunal intern jew appoġġ estern), hemm ħtieġa kostanti li jiġu esternalizzati servizzi li huma relatati ma' kompiti addizzjonali fl-unitajiet u fis-setturi rispettivi, eż. żieda fl-ammont ta' xogħol għall-funzjoni tal-akkwist li tittratta x-xiri u l-ġestjoni ta' kuntratti ta' appoġġ estern.

Sabiex tagħmel u twettaq dawn il-kompiti b'mod effiċjenti, l-eu-LISA jeħtieġ ukoll li żżid l-għadd ta' karigi fil-**funzjonijiet orizzontali ta' appoġġ** li jipprovdu servizzi kritiċi lill-bqija tal-organizzazzjoni, speċjalment hekk kif il-volum ta' tranżazzjonijiet, fajls, eċċ., ikompli jiżdied. Huma meħtieġa wkoll riżorsi umani addizzjonali sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-kompiti ta' priorità relatati mal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, id-diversità u l-inklużjoni, l-operat ekoloġiku u sostenibbli, l-implimentazzjoni ta' politika tal-ispazju tax-xogħol ibbażat fuq l-attività (ABW), eċċ. Pereżempju, is-servizzi legali, il-kontabbiltà, l-awditjar intern, l-ICT korporattivi, ir-riżorsi umani u l-funzjonijiet finanzjarji jeħtieġ li jiġu estiżi aktar biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat u tiġi pprovduta l-kwalità mistennija tas-servizz għall-Aġenzija li espandiet b'mod konsiderevoli f'termini ta' mandat, baġit u riżorsi umani. Diversi karigi għall-kompiti msemmija hawn fuq ġew inklużi fl-SPD 2024-2025 iżda ma ngħatawx. Għalhekk, il-ħtiġijiet jibqgħu validi wkoll għall-2025-2027. Barra minn hekk, diversi rakkomandazzjonijiet tal-awditjar indikaw il-ħtieġa li jissaħħu l-funzjonijiet ta' konformità u ta' kontroll intern. Biex tindirizza dan, l-eu-LISA kkontribwiet għall-istħarriġ tal-EUAN għar-reviżjoni tal-limiti massimi pluriennali tal-ippjanar finanzjarju. Dawn il-ħtiġijiet mhuwiex elenkati f'dan l-SPD u jkun jeħtieġu rivalutazzjoni interna tal-assenjazzjonijiet biex jiġu indirizzati l-prioritajiet attwali.

2.3. Programmazzjoni tar-riżorsi għall-2025–2027

Dan id-dokument ta' programmazzjoni jipprovdi stimi finanzjarji u relatati mal-persunal għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lill-eu-LISA għall-perjodu ta' ppjanar 2025–2027.

2.3.1. Programmazzjoni tar-riżorsi finanzjarji

Ir-riżorsi finanzjarji għall-perjodu 2025–2027 huma parti mill-ippjanar pluriennali tal-eu-LISA u ġew inklużi fil-previżjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021–2027.

L-**Anness II** jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn in-nefqa operazzjonali tal-eu-LISA skont is-sistema kif previst fil-programmazzjoni pluriennali u annwali u l-ġustifikazzjonijiet baġitarji, filwaqt li l-**Anness III** jaqsam il-baġit skont l-istruttura baġitarja tal-eu-LISA li tiġbor flimkien l-infiq operazzjonali għal kull sistema skont il-kapitolu baġitarju.

⁸⁰ Ġie konkluż ftehim għal perjodu ta' 3 snin mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Għall-perjodu 2025–2027, l-eżerċizzju ta' ppjanar tal-eu-LISA uża l-ippjanar tal-QFP bħala l-linja bażi għall-istimi finanzjarji:

- **sistemi ġodda fdati lill-eu-LISA:** l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja pprovdiet dettalji kritiċi li ma kinux magħrufa matul it-tnejn tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFS) rispettivi, li rriżultaw f'żieda sinifikanti fl-ambitu u fil-kumplessità tas-sistemi l-ġodda, inkluż l-integrazzjoni tagħhom fl-arkitettura tal-interoperabbiltà;
- **kumplessità miżjuda tas-sistemi:** il-kostijiet tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tas-software ta' appoġġ jaqbżu l-istimi inizjali. L-impronta tal-infrastruttura tas-sistemi l-ġodda kienet akbar milli kien antiċipat oriġinarjament, flimkien mar-riżultati tal-proċeduri tal-offerti, li fihom il-kostijiet tal-manutenzjoni tas-sistema ġew ikkalkulati abbażi tal-arkitettura eżistenti tagħhom. Barra minn hekk, l-użu tal-pjattaforma kondiviża komuni tal-Aġenzija qabżet il-pjanijiet oriġinali minħabba żieda fid-domandi li rriżultaw kemm minn sistemi ġodda kif ukoll minn daww eżistenti u dan affettwa bil-kbir il-kostijiet ta' manutenzjoni tagħha.

Dawn l-estimi huma bbażati fuq l-esperjenza preċedenti tal-Aġenzija, jiġifieri, il-fatturi attwali u l-prezzijiet ġew estrapolati minn kuntratti eżistenti u żamma f'kundizzjoni funzjonali (MWOs). Konsegwentement, l-eu-LISA se jkollha tirfina u taġġusta dawn l-estimi abbażi tal-offerti attwali li tirċievi.⁸¹

2.3.2. Programmazzjoni tar-riżorsi umani

L-istimi tal-persunal għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lill-eu-LISA u ppjanati minnha huma bbażati fuq regolamenti adottati u dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFS) li jikkostitwixxu parti integrali mill-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda jew soluzzjonijiet diġitali.⁸²

Is-sistemi l-ġodda żviluppati mill-eu-LISA, flimkien mal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà għall-qasam tal-ĠAI, huma skedati għal dħul fis-seħħ gradwali f'mewġiet konsekuttivi ta' użu, kif stabbilit fil-Pjan Direzzjonali rivedut għall-Interoperabbiltà, li ġie approvat mill-Kunsill ĠAI f'Ottubru 2023. Dan l-approċċ jeħtieġ modi aktar aġli ta' ħidma u se jgħid biex jiżjedu l-kapaċitajiet u l-kompetenzi tal-persunal li ġew esternalizzati fil-passat.

L-ċifri tal-persunal mogħtija lill-eu-LISA fil-proposti rilevanti tal-Kummissjoni huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 6. Stimi tal-persunal għall-perjodu 2025–2027.

	2025				2026				2027			
	TA	CA	SNE	Total	TA	CA	SNE	Total	TA	CA	SNE	Total
Regolament tal-eu-LISA												
Persunal ta' referenza	113	30	9	152	113	30	9	152	113	30	9	152
Regolament rivedut tal-eu-LISA	23	27	2	52	23	27	2	52	23	27	2	52
Karigi taċ-ċibersigurtà (2023)	6			6	6			6	6			6
Regolamenti speċifiċi għas-sistema (adottati)												
EES	32			32	32			32	32			32
ETIAS	7	35		42	7	35		42	7	35		42
ECRIS		5		5		5		5		5		5
e-CODEX	2	3		5	2	3		5	2	3		5
Interoperabbiltà	24	31		55	22	30		52	22	30		52
Riformulazzjoni tas-SIS (Ritorn u Fruntieri)		4		4		4		4		4		4
Appoġġ għat-trasportaturi tal-EES/ETIAS ⁸³		21		21		21		21		21		21

⁸¹ L-Aġenzija nediet offerta għall-Qafas Operazzjonali Trażversali (TOF) biex tkopri l-manutenzjoni tas-sistemi kollha. Id-⁸²dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFS) jipprovdu stima tal-impatt baġitarju (inkluż l-ispejjeż amministrattivi, tal-ġestjoni u ta' appoġġ) tal-operazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni, pereżempju fi proposti leġiżlattivi.
⁸³ Skont il-ftehim mal-Frontex dwar it-trasferiment temporanju ta' 21 kariga CA għall-eu-LISA mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027.

	2025				2026				2027			
	TA	CA	SNE	Total	TA	CA	SNE	Total	TA	CA	SNE	Total
VIS Riveduta	6	6		12	3	3		6	2			2
CP tas-SIK	8			8	8	2		10	8	2		10
Diġitalizzazzjoni tal-viża ⁸⁴	1	1		2	6	4		10	7	5		12
Riformulazzjoni tal-Eurodac ⁸⁵	15	20		35	15	23		38	15	21		36
Ir-Regolament dwar l-Iskrinjar ⁸⁶	13	6		19	13	6		19	13	6		19
Prüm II ⁸⁷	7			7	10			10	9	2		11
Proposti leġiżlattivi li għad iridu jiġu adottati⁸⁸												
DTA ⁸⁹									2			2
Router tal-API ⁹⁰	12	4		16	13	4		17	13	4.5		17.5
subtotal skont it-Tabella tal-Persunal	269	193	11	473	273	197	11	481	274	195.5	11	480.5

L-evoluzzjoni tal-kwota tal-persunal hija ppreżentata fl-**Anness IV**, filwaqt li l-**Anness V** jipprovdi aktar informazzjoni dwar il-politika ta' reklutaġġ tal-eu-LISA, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u r-riklassifikazzjoni, il-politika tal-mobbiltà, il-bilanċ bejn il-ġeneri u dak ġeografiku u l-għażliet ta' edukazzjoni għat-tfal tal-persunal tal-eu-LISA.

2.4. Strateġija għall-kisba tat-titjib fl-effiċjenza

L-oġettiv tal-eu-LISA huwa li tevolve f'organizzazzjoni aġli u effiċjenti li twassal prestazzjoni eċċellenti.

Sabiex ittejjeb il-governanza ġenerali, l-ippjanar tar-riżorsi u l-ġestjoni tal-baġit tagħha, l-Aġenzija qed tħares lejn ottimizzazzjoni ulterjuri biex tikseb titjib fl-effiċjenza oġġla u ttejjeb l-użu tar-riżorsi tagħha li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI tal-UE.

L-użu tal-kapaċitajiet tal-vidjokonferenzi għal-laqqgħat (interni u bejn l-aġenziji, kif ukoll laqqgħat mal-Kummissjoni) diġà rriżulta fi ffrankar baġitarju. Inkisbu effiċjenzi addizzjonali permezz ta' akkwist kondiviż għall-pubblikazzjoni ta' avviżi ta' pożizzjoni vakanti u fl-iskambju ta' listi ta' riżerva stabbiliti ta' kandidati magħżula. Meta jkun possibbli, l-eu-LISA se tkompli tfittex aktar possibbiltajiet għal sinerġiji bejn is-servizzi u l-proċessi tagħha stess, kif ukoll ma' aġenziji oħrajn tal-UE, eż., bl-użu ta' proċeduri ta' akkwist interistituzzjonali, primarjament għal servizzi u provvisti orizzontali. Billi jiġbru flimkien ir-riżorsi u l-kapaċità tal-akkwist, tali proċeduri ta' akkwist interistituzzjonali diġà kkontribwew għall-kisba ta' ekonomiji ta' skala aħjar. Fil-futur, l-eu-LISA tipprevedi kooperazzjoni msaħħa fi ħdan in-Network tal-Aġenziji Ewropej (EUAN) f'din id-direzzjoni.

Mill-2020 u l-pandemija tal-COVID-19, l-eu-LISA bidlet it-tweġġiq ta' attivitajiet ta' taħriġ lill-Istati Membri minn wiċċ imb wiċċ għal aktar offerti online. FI-2023, 80 % tal-attivitajiet ta' taħriġ ġew ipprovduti online (meta mqabbla ma' 52 % fl-2019), li wassal għal żieda sinifikanti fil-parteċipazzjoni online (94 %) u żieda ta' kważi seba' darbiet fl-għadd totali ta' parteċipanti fit-taħriġ: minn 623 fl-2019 għal 4 112 fl-2023. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-materjali ta' taħriġ online jistgħu jerġgħu jintużaw, li jnaqqas il-kostijiet għall-eu-LISA u l-ammont ta' xogħol tat-tim tat-taħriġ, filwaqt li jiġu pprovduti wkoll opportunitajiet ta' ffrankar tal-kostijiet għall-Istati Membri, f'termini tat-tnaqqis tal-ħin u l-kost tal-parteċipazzjoni. Din it-tendenza hija mistennija li tkompli.

Sabiex twassal prestazzjoni eċċellenti u tilħaq l-oġettivi tagħha, l-Aġenzija trid tqis ir-restrizzjonijiet relatati mar-riżorsi umani disponibbli. FI-2022, ġiet approvata strateġija tal-akkwist biex tiċċara l-kapaċitajiet meħtieġa biex jitwettqu s-servizzi tal-eu-LISA u biex tipprovdi fehim ta' kif l-aħjar jinkisbu. Għal dak il-għan, l-istrateġija

⁸⁴ L-ċifri riveduti approvati skont il-baġit tal-UE adottat għall-2024.

⁸⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac", ĠU L, 22.5.2024.

⁸⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni, ĠU L, 22.5.2024.

⁸⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/982 tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-tfittix u l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija, ĠU L, 5.4.2024.

⁸⁸ L-għadd ta' persunal indikat huwa provviżorju u bbażat fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi annessi mal-proposti leġiżlattivi rispettivi.

⁸⁹ Proposta għal Regolament li jistabbilixxi applikazzjoni għas-sottomissjoni elettronika ta' data dwar l-ivvjaġġar (applikazzjoni tal-ivvjaġġar Diġitali tal-UE) u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/399 u (UE) 2018/1726 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004, fir-rigward tal-użu ta' kredenzjali diġitali tal-ivvjaġġar [COM(2024) 670 final]; u Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità u l-istannds tekniċi tagħhom [COM(2024) 671 final].

⁹⁰ Il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti għal regolamenti dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API). L-għadd tal-persunal ippreżentat ġie rivedut matul il-proċedura baġitarja f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

tal-akkwist tindika liema tip ta' riżorsi umani jistgħu jiġu allokat biex jitwettqu l-kompiti differenti, eż., l-użu ta' persunal intern għal servizzi kritiċi li ma jistgħux jiġu esternalizzati, kuntratturi esterni għal servizzi oħrajn jew l-applikazzjoni ta' mudell imħallat. L-istrategġija tal-akkwist hija element importanti biex tiggrwida l-ippjanar tar-riżorsi umani fl-SPD b'mod aktar trasparenti u tidentifika l-ħtieġa ta' riżorsi addizzjonali li ma jistgħux jiġu esternalizzati. Bħalissa qed isir rieżami tal-istrategġija tal-akkwist sabiex tkompli tittejjeb ir-rilevanza tagħha.

B'mod parallel, l-Aġenzija qed tistabbilixxi kuntratt qafas ġdid għall-akkwist ta' appoġġ interim, jiġifieri, biex testernalizza l-kompiti u x-xogħol li għalihom l-eu-LISA ma ġietx allokata għadd suffiċjenti ta' karigi interni.

Għall-operazzjonijiet tagħha, l-eu-LISA qed tinvesti sforz sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' modi aktar aġli ta' ħidma fuq skala, filwaqt li ssaħħaħ it-trażversalità billi ġġib timijiet differenti taħt skwadri temporanji biex jipprovdu proġetti ġodda ta' żvilupp tal-IT u teżamina modi kif timmodernizza l-mudell operattiv tagħha lejn inqas dipendenza fuq kuntratturi esterni. Qed tiġi vvalutata wkoll il-possibbiltà li jinġabru flimkien xi riżorsi interni tal-persunal, sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà akbar bejn proġetti differenti. Biex tnaqqas il-pressjoni fuq il-kostijiet tal-infrastruttura, l-Aġenzija qed teżamina soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-cloud u metodi biex tistandardizza l-manutenzjoni tas-sistema. L-Aġenzija mistennija tadotta strategġija dwar il-cloud sa tmiem l-2024.

Sabiex ittejjeb l-effiċjenza fl-oqsma tal-ippjanar intern u l-allokkazzjoni tar-riżorsi lejn effettività msaħħa tal-kostijiet, fl-2023 l-eu-LISA introduċiet għodda tal-IT ġdida (Anaplan) biex tissimplifika l-isforzi tal-ippjanar fl-Aġenzija kollha, bl-użu ta' sett komuni ta' *data* bħala punt uniku ta' verità, tnaqqas l-ammont ta' xogħol u tevita sforzi ripetittivi u li jikkoinċidu, li jwasslu għal titjib fl-effiċjenza. Anaplan tintuża biex tappoġġa t-tnejn tal-programm ta' ħidma annwali, inkluż l-allokkazzjoni tal-baġit u tar-riżorsi umani. L-għodda ntużat għat-tnejn ta' SPDs għall-2024 u l-2025, għall-abbozzar tal-SPD 2026 u se tiġi appoġġata fl-2025 minn sett estensiv ta' rapporti f'Power BI aċċessibbli għall-organizzazzjoni kollha. Huwa previst ukoll, fost funzjonalitajiet oħrajn, li l-għodda tiġi estiża fl-2025 biex tappoġġa l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali.

L-Aġenzija żviluppat u ddokumentat sett estensiv ta' 69 proċess li jkopru kemm l-attivitajiet operazzjonali kif ukoll dawk korporattivi tagħha sabiex tappoġġa lill-persunal fil-kompiti tiegħu u tiffaċilita l-interazzjonijiet bejn it-timijiet. Il-proċessi kollha jitkejlu permezz ta' KPIs biex tiġi żgurata r-rilevanza tagħhom u jiġu rieżaminati u aġġornati regolarment lejn ottimizzazzjoni ulterjuri u biex jinħolqu aktar sinerġiji. Is-simplifikazzjoni ta' wħud mill-proċessi hija prevista wkoll. Fl-2024, l-Aġenzija nediet studju biex tivvaluta kif id-diġitalizzazzjoni tista' tappoġġa u tiġġestixxi l-proċessi interni tagħha b'mod aktar effiċjenti, tiffaċilita l-aċċess tagħhom u ssaħħaħ il-konformità tagħhom.

Dawn l-attivitajiet kollha se jiġu appoġġati minn ħidma u investment kontinwi biex ikomplu jiġu diġitalizzati l-flussi tax-xogħol interni u l-użu ta' għodod tal-IT biex tiġi ffaċilitata l-ħidma ta' kuljum tal-persunal tal-eu-LISA.

Fl-2024, l-Aġenzija wettqet immappjar intern tal-każijiet ta' użu fejn l-intelliġenza artifiċjali (b'mod partikolari l-IA ġenerattiva) tista' ttejjeb jew tappoġġa l-effiċjenza tal-attivitajiet korporattivi u operazzjonali, bil-ħsieb li jiġu ottimizzati l-kompiti ripetittivi jew ta' valur baxx, biex il-persunal ikun jista' jiffoka fuq attivitajiet ta' valur ogħla. Fl-2024/2025, se jitnedew xi proġetti pilota u jekk jirnexxu, jiġu estiżi gradwalment għal oqsma addizzjonali.

L-Aġenzija tirieżamina wkoll regolarment l-istrutturi ta' governanza interna u organizzazzjonali tagħha lejn l-ottimizzazzjoni. Barra minn hekk, l-eu-LISA qed tuża jew tippjana li takkwista għodod biex tottimizza l-ħidma tagħha. Fl-2025, qed nippjanaw li nestendu l-għadd ta' għodod bi:

- għodda ġdida biex tissostitwixxi l-għodda attwali tal-ITSM, li se tgħin biex tiżdied l-effiċjenza minħabba l-awtomatizzazzjoni tal-proċess u flussi tax-xogħol issimplifikati biex jittejjeb is-servizz tal-klijenti, jitnaqqsu l-kostijiet minħabba l-ottimizzazzjoni tal-proċess u tiżdied l-aġilità għal adattament għall-ħtiġijiet tan-negozju li qed jinbidlu,
- sistema ta' ġestjoni tal-avvenimenti (EMS) li se ġġib osservazzjoni bi ħġieġa unika għas-sistemi tal-ĠAI kollha ġestiti mill-eu-LISA (kemm fil-livell tal-applikazzjoni kif ukoll tal-infrastruttura), li tipprovdi avvenimenti deduplikati u korrelati minn sistemi ta' monitoraġġ sottostanti u proċessi awtomatizzati ta' ġestjoni tal-inċidenti u l-problemi u b'hekk jitnaqqas il-ħin ta' rkupru;
- Manwal ġdid għall-Operaturi elettroniċi (eOPM) bħala evoluzzjoni tal-eOPM attwali tas-SIS li se jintuża għas-sistemi kollha tal-ĠAI biex jappoġġa s-Service Desk billi jimplimenta l-flussi tax-xogħol Manwal għall-Operaturi f'għodda li se tiġbor flimkien il-kompiti għas-sistemi kollha, tipprovdi status ċar fuq kull fluss tax-xogħol lill-Istati Membri u s-service desk, tiskatta tfakkiriet fuq il-kompiti ppjanati u tawtomatizza xi kompiti bażiċi,
- għodda li tipprovdi effiċjenza permezz ta' struttura minn tarf sa tarf bħala l-pedament għaċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott,
- għodda għall-ġestjoni tar-rekwiżiti tal-utenti,
- għodda ġenerika għall-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati,
- għodda ta' analiżi tan-negozju.

2.5. Prijoritajiet negattivi jew tnaqqis tal-kompiti eżistenti

Fil-kuntest tal-ippjanar tar-riżorsi għall-2025 u lil hinn, il-prijoritajiet negattivi huma marbuta mat-twettiq ippjanat ta' sistemi ġodda fl-2025, flimkien mal-bidla u r-riallokazzjoni tar-riżorsi għall-implimentazzjoni gradwali tas-sistemi u l-komponenti li jifdal inklużi fil-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà approvat mill-Kunsill ĠAI f'Ottubru 2023 u f'konformità mar-regolamenti rilevanti.

Baġit: Fit-30 ta' Settembru 2024, l-eu-LISA bagħtet ittra lill-Kummissjoni li fiha enfasizzat il-ħtiġijiet strutturali għal riżorsi baġitarji addizzjonali għall-2025 u lil hinn. L-ittra telenka l-oqsma li ġejjin fejn il-baġit mhuwiex biżżejjed u tenfasizza l-ħtieġa ta' riżorsi addizzjonali għall-infrastruttura tal-interoperabbiltà u l-manutenzjoni tal-applikazzjonijiet (inkluż is-Sistema Ċentrali għar-Riżoluzzjoni dwar il-Link Safra, CSLR), investiment addizzjonali meħtieġ għas-servizzi web tal-EES/ETIAS u estensjoni tal-kapaċità għall-unità ċentrali ta' riżerva (BCU) fl-Awstrija. Mingħajr riżorsi addizzjonali, l-Aġenzija jista' jkollha bżonn tipprijoritizza l-attivitajiet mill-ġdid skont ir-riżorsi disponibbli.

Barra minn hekk, minħabba allokkazzjoni insuffiċjenti tar-riżorsi, diversi attivitajiet importanti li se jkunu meħtieġa għall-futur ma jistgħux jiġu pplanati għalissa, eż., estensjoni tal-sBMS għal kapaċità sħiħa (attwalment disponibbli 50 % biss), aġġornament tal-hardware tas-sistemi u l-komponenti tekniċi tal-hardware (eż. Interfaċċi Nazzjonali Uniformi, NUI) li jirrappreżentaw kostijiet addizzjonali sinifikanti u se jsiru kritiċi f'ċertu punt.

Riżorsi Umani: B'mod ġenerali, xi titjib fl-effiċjenza deskritt hawn fuq jista' jgħin biex jitnaqqas xi ftit mill-ammont ta' xogħol u l-ħin iffrankat jista' jiġi assenjat mill-ġdid għal kompiti ta' prijorità oġġa jew ta' valur miżjud. L-evoluzzjonijiet mistennija, bħal aġli fuq skala, il-ġbir flimkien tar-riżorsi, l-użu ta' IA ġenerattiva, laqgħat u taħriġ online u l-użu ta' għodod tal-IT imtejba, jistgħu jikkontribwixxu għal din l-assenjazzjoni mill-ġdid. Barra minn hekk, xi wħud mill-attivitajiet imwettqa fl-2024, bħall-kompiti tal-Presidenza tal-JHAAN imwettqa mill-eu-LISA se jintemmu fl-2025 u b'hekk ir-riżorsi jkunu liberi għal kompiti oħrajn.

Għalhekk, minħabba r-riżorsi limitati disponibbli bħalissa u abbażi ta' analiżi ta' każ b'każ, l-eu-LISA jista' jkollha bżonn tipprijoritizza mill-ġdid xi attivitajiet ta' prijorità aktar baxxa jew mhux essenzjali jew ftitex modi biex tottimizza t-twettiq ta' kompiti jew proġetti aktar essenzjali (eż., tillimita l-għadd ta' rappreżentanti tal-eu-LISA f'laqgħat esterni, tillimita l-kontribut tagħna għall-evalwazzjonijiet ta' Schengen, eċċ). Fil-futur, l-Aġenzija se tħares ukoll b'mod aktar kritiku lejn il-fattibbiltà ta' kompiti addizzjonali assenjati mingħajr il-forniment tar-riżorsi meħtieġa. Madankollu, għandu jiġi nnotat li f'dawn l-aħħar xhur, l-eu-LISA ġiet ikkonsultata b'mod sistematiku mill-Kummissjoni dwar l-aspetti tekniċi u finanzjarji relatati ma' inizjattivi ġodda sabiex tipprovdi l-kontribut tagħha u tiżgura valutazzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet tar-riżorsi.

IPPJANAR ANNWALI



3

1. Sommarju eżekuttiv

Il-programm ta' ħidma annwali jiddeskrivi l-oġġettivi ewlenin tal-eu-LISA għall-2025 u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitàjiet li beħsiebha ttwettaq l-Aġenzija biex tilħaq l-oġġettivi strateġiċi tagħha.

L-għadd kbir ta' sistemi ta' informazzjoni fdati lill-Aġenzija, flimkien mal-ambjent regolatorju li qed jevolvi kontinwament, jippreżenta ambjent ta' sfida kbira għad-deċennju li ġej tal-eu-LISA, speċjalment meta titqies il-pessjoni dejjem tikber biex jinkisbu riżultati b'riżorsi limitati meta mqabbel l-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tagħna. Dan il-programm ta' ħidma annwali jirrifletti l-isforzi sostnuti tal-eu-LISA li żżomm u ssaħħa l-effiċjenza operazzjonali u l-aġilità tagħha biex tindirizza dawn l-isfidi.

Prijoritajiet tal-eu-LISA għall-2025

➤ **Prijorità 1: L-iżgurar ta' operat u implimentazzjoni effiċjenti tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE fdati lill-eu-LISA**

- **L-iżgurar ta' operat stabbli u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE fdati lill-eu-LISA: is-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-e-CODEX u l-ECRIS RI.**

Il-prijorità ewlenija tal-Aġenzija għall-2025 se tkun li tiżgura l-operat stabbli u mingħajr interruzzjoni u l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA: is-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-e-CODEX u l-ECRIS RI. Sabiex tiżgura d-disponibbiltà kontinwa tagħhom, l-eu-LISA se tipprovdi manutenzjoni għal dawn is-sistemi kollha u l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni rispettivi tagħhom, flimkien ma' appoġġ proattiv u ta' kwalità għolja lill-utenti finali fil-komunità tal-ĠAI tal-UE, jiġifieri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE.

Barra minn hekk, l-Aġenzija se tiffoka l-isforzi tagħha fuq it-titjib tal-prestazzjoni ġenerali tas-servizz għal dawn is-sistemi, filwaqt li ttejjeb u tiżgura livell xieraq ta' sigurtà, reżiljenza u disponibbiltà ta' kull sistema.

L-Aġenzija se tkompli wkoll tespandi l-portafoll tas-servizzi diġitali tagħha f'konformità mal-pjanijiet tal-UE għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja billi tiżgura t-tmexxija operattiva tal-e-CODEX u l-iżvilupp ulterjuri tagħha.

- **Il-proċediment bl-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà fi stadji tal-varar: l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN, flimkien mal-komponenti tal-interoperabbiltà; u l-iżvilupp ta' sistemi tal-ĠAI (potenzjali) ġodda oħrajn li se jiġu fdati lill-eu-LISA (is-CP tas-SIK, l-API, il-pakkett dwar il-ġustizzja elettronika)**

FI-2025, l-Aġenzija se tkompli l-implimentazzjoni u t-twassil tekniku tal-EES, tal-ETIAS, tal-ECRIS-TCN, tal-VIS Riveduta u tal-komponenti tal-interoperabbiltà, li se jitwasslu gradwalment fi stadji konsekuttivi ta' varar sal-2026.⁹¹

FI-2025, l-Aġenzija se tkompli wkoll l-iżvilupp tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta, li se żżid l-involviment ġenerali tal-eu-LISA mal-komunità tal-ġustizzja tal-UE, filwaqt li tistabbilixxi sħubiji aktar mill-qrib. Barra minn hekk, l-eu-LISA se tibda t-tnejjiet għad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża tal-UE.

- **Il-proċediment bl-implimentazzjoni ta' inizjattivi leġiżlattivi ġodda (Prüm II, il-VIS Riveduta, ir-riformulazzjoni tal-Eurodac) u l-integrazzjoni tagħhom fl-arkitettura tal-interoperabbiltà**

Fir-rigward tal-kompiti l-ġodda, l-Aġenzija se tibda wkoll l-iżvilupp tar-router ċentrali ta' Prüm il-ġdid u tkompli l-iżvilupp tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK. Barra minn hekk, se tkompli l-ħidma biex tiġi implimentata l-VIS Riveduta u r-riformulazzjoni tal-Eurodac (inkluż l-aġġornament ta' DublinNet skont ir-Regolament ta' Dublin riformulat), filwaqt li jiġu ffinalizzati l-konnessjonijiet mal-komponenti tal-interoperabbiltà. Sabiex tiżgura l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-SIS, il-VIS u l-ETIAS, kif ukoll il-komponenti tal-interoperabbiltà, l-Aġenzija se tkompli taġġorna l-funzjonalitajiet tas-SIS u tal-VIS biex tiggarantixxi l-interkonnessjoni mal-ETIAS, li tippermetti tftixxijiet tas-SIS u tal-VIS mill-ETIAS.

- **L-implimentazzjoni tal-kunċett ta' Fabbrika tas-Software (SoFa) u l-adozzjoni ta' Aġilità fuq skala**

L-Aġenzija se tiddefinixxi wkoll l-istrateġija tagħha għall-fabbrika tas-software u timplimentaha permezz ta' proġett pilota għall-Eurodac, qabel ma tiġġeneralizzaha għall-proġetti l-oħrajn kollha. L-Aġenzija se tkompli

⁹¹ L-iskeda ta' żmien għandha tiġi kkonfermata.

testendi l-Aġilità fuq skala u tikkonsolida l-ħidma ta' timijiet transfunzjonali biex tottimizza l-iżvilupp ta' sistemi ġodda.

- **It-titjib tal-kapaċitajiet tal-ittestjar tal-Aġenzija**

L-Aġenzija se ttejjeb il-prattiki ta' ttestjar attwali tagħha billi tespandiha aktar lejn l-appoġġ ta' testijiet tan-negozju għall-Istati Membri.

➤ **Prijorità 2: It-titjib tal-prestazzjoni tal-Aġenzija f'termini ta' konformità**

- **It-tiżniħ ulterjuri tas-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija, b'enfasi partikolari fuq il-ġestjoni tal-kuntratti**

L-Aġenzija se tkompli ttejjeb u ssaħħa is-sistema ta' kontroll intern tagħha, kif ukoll timplimenta l-pjan ta' azzjoni li jirriżulta mill-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni (CAF), kif miftiehem fl-2022. Il-kontrolli interni, inkluża l-Istrateġija ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA, se jiffukaw fuq oqsma fejn qed iseħħu n-nuqqasijiet ewlenin, b'mod partikolari fuq it-titjib tal-proċessi u l-attivitajiet tal-ġestjoni tal-kuntratti.

- **It-tkomplija tal-iżgurar tas-sigurtà tad-data u l-protezzjoni tad-data f'konformità sħiħa mal-istandards rilevanti**

L-Aġenzija se tkompli tapplika l-oġġetti tal-livelli ta' sigurtà tal-informazzjoni u standards tal-protezzjoni tad-data għad-data u għall-informazzjoni li tospita, filwaqt li tiggarantixxi li t-trattament tal-informazzjoni personali jibqa' ġust u legali, f'konformità sħiħa mal-prinċipji u mar-regolamenti l-aktar stretti dwar il-protezzjoni tad-data. Ir-rapportar dwar il-protezzjoni tad-data u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) jibqa' element ewleni fir-responsabbiltà tal-Aġenzija, filwaqt li l-kollaborazzjoni ma' aġenziji oħrajn tal-UE tippromwovi l-aħjar prattiki.

➤ **Prijorità 3: It-trawwim tal-involviment tal-persunal billi l-Aġenzija ssir post tajjeb għax-xogħol biex tattira u żżomm talent ġdid**

- **It-titjib tar-rata ta' okkupanza tal-persunal**

L-Aġenzija se tistinka biex ittejjeb ir-rata ta' okkupanza tagħha, b'mod partikolari billi twettaq proċeduri ta' reklutaġġ aktar rapidi, bl-użu tal-media soċjali biex tappoġġa r-reklutaġġ u timmassimizza l-użu ta' listi ta' riżerva interni eżistenti u listi ta' riżerva kondiżi ma' aġenziji oħrajn.

- **L-użu u t-titjib tal-kapaċità tal-eu-LISA li tattira, tiżviluppa u żżomm it-talenti**

L-Aġenzija se tkompli bl-isforzi tagħha biex tingrana u ttejjeb il-kapaċità tagħha li tiżgura li jkollha l-persuni xierqa fil-pożizzjonijiet it-tajba billi tattira, tiżviluppa u żżomm professjonisti kwalifikati li jħaddnu l-istess valuri tal-Aġenzija u li jkunu motivati u impenjati hafla li jwettqu l-missjoni u l-oġġetti tagħha.

- **It-trawwim tal-valuri u l-kultura biex tkun post tajjeb għax-xogħol, trasparenti, inklużiva u etika**

L-għan tal-Aġenzija huwa li ssir organizzazzjoni fejn l-individwi ġenwinament jieħdu pjaċir jaħdmu u jsibu sodisfazzjon. L-eu-LISA taspira li ssir post tajjeb għax-xogħol li jhegħeġ sforz kollaborattiv u jagħti s-setgħa lil kull impjegat biex jagħmel differenza. Billi tħaddan il-potenzjal, il-perspettiva u l-esperjenzi uniċi ta' kull individwu, l-Aġenzija qed tfittex li ssir aktar profiċjenti fl-użu tal-settijiet ta' ħliet differenti disponibbli fl-organizzazzjoni u taħdem aħjar billi tadotta soluzzjonijiet innovattivi. Se tingħata enfasi partikolari lill-bilanċ bejn il-ġeneri, id-diversità u l-inklużjoni. L-Aġenzija se tkompli trawwem il-benesseri tal-impjegati u tappoġġa timijiet aktar b'saħħithom.

➤ **Prijorità 4: Tkun adatta għall-futur, ittejjeb it-teknoloġiji u l-innovazzjoni**

- **L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjoni indipendenti esterna regolari tal-Aġenzija mwettqa f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA**

Abbażi tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni, l-Aġenzija se timplimenta l-pjan ta' azzjoni approvat mill-Bord tat-Tmexxija.

- **Il-progress fil-programm ta' żieda fil-kapaċità, b'mod partikolari ċ-ċentru tad-data modulari, biex jiġu appoġġati l-hiġijiet tas-sistemi eżistenti u dawk ġodda.**

L-Aġenzija se tkompli tagħmel progress bil-programm ta' żieda fil-kapaċità biex tiżgura r-reżiljenza u d-disponibbiltà tas-sistemi kollha tal-attività ewlenija billi ttejjeb il-kapaċità tal-enerġija u t-tkessiġ fiċ-ċentru tad-*data* ta' Strażburgu biex tissodisfa l-ħtiġijiet operazzjonali li qed jiżdiedu li jirriżultaw mill-mandat estiż tagħha u għadd dejjem jikber ta' sistemi u volumi ġodda ta' *data*.

- **Il-progress fil-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u l-kapaċitajiet ta' hosting tal-eu-LISA (hosting intelliġenti).**

L-Aġenzija se tkompli l-migrazzjoni tal-infrastruttura u l-applikazzjonijiet tal-IT korporattivi tagħha lejn il-cloud ospitata mid-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Diġitali (DIGIT) tal-Kummissjoni biex tnaqqas il-kostijiet, ittejjeb l-effettività tal-proċessi tal-IT u tipprovdi ambjent dinamiku u fuq talba biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti. L-Aġenzija se timplimenta wkoll l-istrateġija tagħha dwar il-cloud biex tappoġġa s-sistemi tal-attività ewlenija u tindirizza sfidi speċifiċi.

- **L-użu tat-tagħlimiet miksuba mill-mod aġli ġdid ta' ħidma u mill-aħjar prattiki ttestjati permezz tal-approċċ fi stadji**

L-Aġenzija se tkompli tespandi l-modi l-ġodda ta' ħidma ttestjati b'suċċess permezz tal-approċċ fi stadji billi tadatta l-metodi ta' ħidma tagħha lejn prattiki aktar aġli u organizzazzjoni aktar trażversali tar-rwoli fi ħdan l-Aġenzija u billi taħdem b'mod aktar integrat mal-kuntratturi u mal-fornituri tas-servizzi.

- **L-iżgurar li l-eu-LISA tibqa' fuq quddiem nett tat-teknoloġija u tas-soluzzjonijiet innovattivi biex tappoġġa lill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qasam tal-bijometrika, l-IA, iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza ċibernetika.**

FI-2025, l-Aġenzija se tkompli ttejjeb il-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tagħha billi tiffoka fuq il-monitoraġġ tar-riċerka u l-innovazzjonijiet rilevanti li jistgħu jiġu implimentati mill-eu-LISA, kif ukoll tipprovdi appoġġ espert lill-Programm Ewropew tar-Riċerka u lill-Istati Membri, f'konformità mal-istrateġija ta' riċerka approvata fl-2024. L-Aġenzija se tkompli wkoll l-appoġġ proattiv tagħha bħala membru taċ-ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna.

Sabiex tindirizza aħjar iż-żieda fl-attakki u l-inċidenti ċibernetiċi, l-Aġenzija se tiffoka fuq it-tiżiġ tar-reżiljenza ċibernetika u l-kapaċitajiet ta' rispons tagħha. Għal dak il-għan, l-eu-LISA se tkompli tiżviluppa u ttejjeb l-organizzazzjoni, il-proċessi, il-kompetenzi, l-oqfsa, l-għodod u t-teknoloġiji għall-protezzjoni kontra dawn l-azzjonijiet u l-atturi, id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, l-evitar u r-rispons għalihom.

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li s-sistemi tal-IT ġestiti minnha jkunu konformi mal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.⁹²

- **It-titjib ulterjuri tal-effiċjenza, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' għodod għall-ġestjoni awtomatizzata tal-proċessi**

L-Aġenzija se tistinka biex tkompli ttejjeb l-effiċjenza tagħha, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' għodod u teknoloġiji li se jappoġġaw il-proċessi operazzjonali u korporattivi tagħha. Dan se jinkludi l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi u s-servizzi (inkluż l-implimentazzjoni tat-tagħlim awtomatiku u l-IA) f'oqsma rilevanti fil-livell korporattiv, jew biex jiġu appoġġati attivitajiet operazzjonali, bħas-service desk, l-infrastruttura, iċ-ċibersigurtà, eċċ.

➤ **Prijorità 5: Il-konsolidazzjoni tal-governanza u r-relazzjonijiet tal-Aġenzija mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha**

- **Konsolidazzjoni tal-governanza tal-Aġenzija**

Meta jitqies li r-responsabbiltajiet tal-eu-LISA ġew estiżi b'mod sostanzjali u se jkomplu jikbru, hemm ħtieġa ċara li jiġu identifikati mudelli ta' governanza ta' referenza possibbli applikabbli għal aġenzija tal-IT transsettorjali possibbli futura tal-UE li tiġi stabbilita permezz tal-espansjoni li ġejja tal-mandat tal-eu-LISA. L-Aġenzija se tkompli tappoġġa lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha li twettaq evalwazzjonijiet perjodiċi tal-eu-LISA.

It-tiżiġ tas-sħubiji u l-alleanzi istituzzjonali mal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri, mal-pajjiżi ospitanti, mal-akkademja u mal-industrija. L-Aġenzija se tkompli taħdem mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati tagħha, b'mod partikolari l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-aġenziji sħab u l-Parlament Ewropew. Se ssaħħaħ ukoll is-sħubiji mal-pajjiżi ospitanti u l-bliet ospitanti (Tallinn, l-Estonja u Strażburgu, Franza) biex

⁹² *Ir-Regolament (UE) 2024/1689* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, 168/2013, 2018/858, 2018/1139 u 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, 2016/797 u 2020/1828 (*l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali*), ĠU L, 2024/1689, 12. Lulju 2024.

tiżgura aktar viżibbiltà għall-UE u sensibilizzazzjoni aħjar dwar ir-rwol tal-eu-LISA fil-livell lokali. Is-sħubiji mal-industrija u mal-akkademja se jkomplu jissafu wkoll.

- **Evoluzzjoni minn fornitur tas-servizz għal sieħeb fin-negozju**

L-Aġenzija se ttejjeb iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ġestjoni tar-rekwiżiti tagħha għas-sistemi eżistenti u ġodda. Fir-rigward tal-iżvilupp ta' sistemi ġodda, L-Aġenzija se jra tiżviluppa b'mod proattiv prodotti vijabbli minimi (MVPs) u mudelli biex tkopri aħjar il-feedback tal-utenti u tikseb il-kontribut meħtieġ għall-prodott finali.

2. Programm ta' ħidma annwali għall-2025

Il-programm ta' ħidma li ġej jiddeskrivi l-prijoritajiet ewlenin tal-eu-LISA għall-2025 u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li beħsiebha twettaq L-Aġenzija biex tilħaq l-oġettivi strateġiċi tagħha stabbiliti f'dan id-dokument ta' programmazzjoni taħt kull priorità stabbilita.

L-estimi tal-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa għall-kompiti kollha huma ppreżentati fl-Anness II.

2.1. Sigurtà interna u kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi

L-Aġenzija tappoġġa l-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, b'mod partikolari l-bini ta' **ekosistema tas-sigurtà Ewropea b'saħħitha**. Permezz tas-SIS imġedda u r-routers Prüm II u tal-API li ġejjin, l-eu-LISA tikkontribwixxi għas-sigurtà interna tal-UE billi ttipprovdi skambju ta' informazzjoni affidabbli u sigur li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Ewropej tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra r-reati u t-terroriżmu transfruntiera.

2.1.1. Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)

Bħala waħda mill-pedamenti tal-arkitettura ta' Schengen, is-SIS tikkontribwixxi direttament għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni taż-żona Schengen billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali deżinjati madwar l-Ewropa, inkluż l-infurzar tal-liġi, il-kontroll fuq il-fruntieri, il-verifiki doganali, l-ipproċessar tal-viża u l-awtoritajiet ġudizzjarji. Is-SIS tippermetti l-kondiviżjoni u l-konsultazzjoni ta' allerti dwar persuni (eż., persuni mfittxija għal arrest jew verifiki ta' investigazzjoni, persuni neqsin jew vulnerabbli) u ċittadini ta' pajjiżi terzi (jiġifieri r-rifjut ta' dħul jew soġġorn) fiż-żona Schengen. Barra minn hekk, is-SIS tiffaċilita l-kondiviżjoni ta' allerti dwar oġġetti (eż. dokumenti tal-identità, vetturi, jew oġġetti użati bħala evidenza fi proċedimenti kriminali). Is-SIS hija appoġġata mill-funzjonalità tat-tiftix bijometriku tagħha – is-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS), li tippermetti l-identifikazzjoni ta' persuni ta' interess abbażi tal-marki tas-swaba', il-pala tal-id u l-marki tagħhom.

Objettivi ewlenin għall-2025

Tmexxija operattiva tas-SIS

- L-iżgurar ta' tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tas-SIS (inkluż il-funzjonalità tat-tiftix bijometriku AFIS sal-2026 meta l-sBMS jidħol fis-seħħ għas-SIS) billi l-infrastruttura tal-hardware u s-software jinżammu aġġornati u jiġu appoġġati l-Istati Membri fil-ġestjoni tas-sistemi nazzjonali tas-SIS.
- Il-forniment lill-utenti finali fl-Istati Membri tad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tas-SIS (inkluż il-funzjonalità tat-tiftix bijometriku AFIS), skont ir-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, inkluż it-tkomplija bil-kontrolli regolari tal-konsistenza tad-data.

Aġġornament u evoluzzjoni tas-SIS

- It-twertiq tal-evoluzzjonijiet meħtieġa għal titjib kontinwu tas-sistema billi tiġi ffinalizzata l-implimentazzjoni tal-allert il-ġdid ta' informazzjoni tas-SIS li għandu jintuża mill-Istati Membri, fuq proposta mill-Europol, dwar persuni suspettati b'terroriżmu jew reati serji oħrajn u l-implimentazzjoni ta' oġġetti ta' valur għoli.
- iż-żieda fil-kapaċità tas-sistema ċentrali tas-SIS biex takkomoda traffiku addizzjonali wara l-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà.

Interoperabbiltà tas-SIS

- Il-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-interfaċċi tal-interoperabbiltà meħtieġa għall-konnessjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà (ESP u MID) għat-tiftix u l-kontroverifika tal-identitajiet fis-sistemi kollha ta' informazzjoni tal-ĠAI abbażi ta' *data* bijometrika u alfanumerika.
- L-iffinalizzar tal-konnessjoni mal-ETIAS sabiex ikunu jistgħu jsiru tfittxijiet awtomatizzati għall-valutazzjoni tad-dritt ta' dħul tal-applikant u ta' servizzi aktar issimplifikati lill-utenti finali tas-sistema.
- It-tlestija tad-disinn għall-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tas-SIS mal-VIS biex tittejjeb l-effiċjenza tal-proċess tal-approvazzjoni tal-viża billi jiġu permessi tfittxijiet dwar hits possibbli fis-SIS.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (2022)
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS ⁹³	≥ 99.99 %	99.94 %
Fin tar-rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS ⁹⁴	≥ 99.5 %	98.98 %

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultat mistenni	Deskrizzjoni u riżultati
Tmexxija operattiva tas-SIS		
Manutenzjoni tas-SIS u tal-AFIS żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni; avvenimenti ġestiti skont il-FLS.	Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inkluż il-manutenzjoni tal-AFIS. Integrazzjoni mas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Avvenimenti.
Appoġġ tas-SIS lill-Istati Membri żamma tal-istatus quo	It-tnejn operazzjonali tas-sistemi nazzjonali u l-kompatibbiltà mas-sistema ċentrali tas-SIS.	L-għoti ta' appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri matul l-użu ta' rilaxxi ġodda, kampanji ta' ttestjar u ta' kwalifika.
Evoluzzjonijiet tas-SIS		
Għodda għall-ġestjoni u l-analiżi tal-applikazzjonijiet tas-SIS tweqqiq tal-proġett 2025	Il-ġestjoni mtejbja tal-applikazzjoni tas-sistema, is-sigurtà, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-analitika.	L-introduzzjoni ta' għodda ġdida għall-ġestjoni tal-applikazzjoni tas-sistema, is-sigurtà, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-analitika, inkluż l-allinjament mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-eu-LISA.
Migrazzjoni tas-sistema ċentrali tas-SIS għas-CSP tweqqiq tal-proġett 2026	Is-sistema ċentrali tas-SIS li titħaddem fuq il-pjattaforma kondiviża komuni (CSP).	It-tkomplija tal-migrazzjoni tas-sistema ċentrali tas-SIS għas-CSP, inkluż l-allinjament tal-istandards tal-hardware u tas-software, il-kapaċitajiet attivi-attivi.
Kontinwazzjoni tar-riformulazzjoni tas-SIS it-tweqqiq tal-proġett irid jiġi ddeterminat	Aġġornament tas-SIS skont id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni li jirriżultaw mir-Riformulazzjoni tas-SIS.	Implimentazzjoni ta' aġġornamenti skont id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tas-SIS, inklużi oġġetti ta' valur għoli u allerti ġodda.
Żieda fil-kapaċità tas-SIS tweqqiq tal-proġett 2027	Prestazzjoni kontinwa ta' livell għoli u disponibbiltà mingħajr interruzzjoni fil-kuntest ta' traffiku addizzjonali li jirriżulta mill-interoperabbiltà u allerti ġodda.	Id-definizzjoni tar-rekwiżiti u t-tfassil dettaljat sabiex jiġu żviluppati bidliet funzjonali u mhux funzjonali fis-sistema ewlenija/ċentrali, inkluż id-daqs tal-binarij għat-trattament tal-marki tas-swaba' b'definizzjoni oġġetiva u tranżazzjonijiet ta' allerti.
Evoluzzjonijiet tas-SIS tweqqiq tal-proġett 2025/2026	Aġġornament tas-SIS biex tappoġġa l-oġġetti tar-Regolament dwar l-Iskrinjar.	Implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-Iskrinjar, inkluż iż-żieda fil-għadd ta' marki tas-swaba' u fid-daqs tal-fajl ta' NIST.

⁹³ **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS:** frazzjoni tal-ħin li l-funzjonijiet kummerċjali kritiċi tas-sistema jkunu disponibbli għall-utenti finali, espressi bħala perċentwal. Il-funzjonijiet tan-negozju tas-SIS huma miġbura fi tliet kategoriji: 1) manipolazzjoni tad-*data*, 2) tfittxijiet tad-*data* (tfittxijiet) u 3) irkupru tad-*data* (tfittxijiet). Il-perċentwal jirrappreżenta d-disponibbiltà tas-sistema globali, inkluż l-infrastruttura ta' komunikazzjoni.

⁹⁴ **Fin tar-rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS:** tfittxijiet tal-kategorija 1 jintużaw bħala l-indikatur ewleni minħabba li hija t-tfittxija l-aktar rappreżentattiva. Il-kategorija 1 tirrappreżenta t-tfittxijiet singoli u multipli kollha kklassifikati bħala "eżatti", minħabba li fil-kaxxi tat-tiftix hija pprovduta l-informazzjoni eżatt filwaqt li tfittxijiet "ineżatti" jew "fuzzy" huma esklużi. Il-ħin tar-rispons standard għal tfittxijiet "eżatti" huwa ta' sekonda filwaqt li għall-oħrajn kollha huwa ta' 3 sekondi. L-indikatur tal-ħin tar-rispons tas-SIS (KPI 7) ikun "aħdar" jekk aktar minn 99.5 % tat-tfittxijiet tal-kategorija 1 jirċievu rispons fi żmien sekonda, "ambra" jekk bejn 99.5-99 %, u "aħmar" jekk inqas minn 99 %.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultat mistenni	Deskrizzjoni u riżultati
Interoperabbiltà tas-SIS		
Konnessjoni tas-SIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà twettiq tal-proġett 2025	Il-prestazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-SIS tjiebu bl-istabbiliment ta' konnessjonijiet tal-interoperabbiltà għal servizzi simplifikati għall-utenti finali fil-komunità tal-ĠAI tal-UE.	L-istabbiliment ta' konnessjonijiet ma' komponenti tal-interoperabbiltà, jiġifieri l-ESP, l-sBMS, l-MID, is-CRRS; it-tnedija tal-proċess MID u l-links.
Konnessjoni tas-SIS mal-ETIAS twettiq tal-proġett 2025	Ġiet stabbilita interoperabbiltà ta' sistema għal sistema biex twassal servizzi aktar simplifikati, inklużi tfittxijiet awtomatizzati għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet.	L-istabbiliment tal-interoperabbiltà ta' sistema għal sistema billi tiġi stabbilita soluzzjoni ta' bus tas-servizzi għall-intrapriżi bejn is-SIS u l-ETIAS għall-iskambju tad- <i>data</i> .
Konnessjoni tas-SIS mal-VIS twettiq tal-proġett 2027	Ġiet stabbilita interoperabbiltà ta' sistema għal sistema biex ittejjeb l-effiċjenza tal-proċess tal-approvazzjoni tal-viża billi tippermetti tfittxijiet fuq hits possibbli fis-SIS.	L-istabbiliment tal-interoperabbiltà ta' sistema għal sistema billi jiġu definiti r-rekwiżiti u jiġi konkluż id-disinn dettaljat biex tibda tiġi żviluppata l-interkonnessjoni bejn is-SIS u l-VIS ewlenin.

2.1.2. Router ċentrali ta' Prüm II (skambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija).

Ir-router ċentrali l-ġdid ta' Prüm II li jippermetti l-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija se jsaħħaħ u jimmodernizza l-qafas eżistenti ta' Prüm u jippermetti l-interoperabbiltà mas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti tal-ĠAI.⁹⁵ Ir-router il-ġdid se jissimplifika u jiffaċilita l-iskambju aktar faċli, aktar rapidu u sistematiku tad-*data* bejn l-Istati Membri biex il-kriminalità transfruntiera tiġi miġġielda b'mod aktar effiċjenti, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Ir-router il-ġdid se jissostitwixxi l-konnessjonijiet individwali attwali bejn il-bażijiet tad-*data* nazzjonali f'kull Stat Membru u jipprovdi l-pedament għal arkitettura ġdida biex tiġi estiża d-*data* disponibbli mid-DNA, mill-marki tas-swaba', u mir-reġistrazzjoni tal-vetturi sabiex tinkludi wkoll l-immaġnijiet tal-wiċċ u r-rekords tal-pulizija.

Objettiv ewleni għall-2025

Implimentazzjoni tar-router ċentrali ta' Prüm II

- Jibda l-iżvilupp tar-router ċentrali ta' Prüm II biex jissimplifika l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol, billi jespandi l-ammont ta' informazzjoni kondiviża u jipprovdi lill-utenti konnessjoni unika mal-bażijiet tad-*data* kollha tal-Istati Membri u d-*data* tal-Europol għal tfittxijiet bijometriċi u biex ikabbar is-Sistema ta' Indiċi Ewropea tar-Rekords tal-Pulizija (EPRIS) għal tfittxijiet fir-rekords tal-pulizija.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (2022)
kost tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	mhux applikabbli
skeda tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	
ambitu tal-proġett	l-ebda devjazzjoni	

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Implimentazzjoni tar-router ċentrali ta' Prüm II		
Implimentazzjoni tar-router ċentrali ta' Prüm twettiq tal-proġett 2027	Skambju simplifikat ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni ta' reati kriminali u terroristiċi transfruntiera.	Id-definizzjoni tar-rekwiżiti u t-tfassil dettaljat għar-router ċentrali l-ġdid ta' Prüm II.

⁹⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/982 dwar it-tiftix u l-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija (ir-Regolament Prüm II), filwaqt li l-qafas preċedenti ta' Prüm kien ibbażat fuq id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2018/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur il-paġna dedikata tal-Kummissjoni fuq il-*pakkett ta' kooperazzjoni tal-Pulizija tal-UE*.

2.1.3. Router tal-API (informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri)

Ir-router tal-API għall-ġbir u għat-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri, jiġifieri, *data* dwar il-vjaġġaturi u informazzjoni dwar it-titjiriet qabel il-wasla tal-vjaġġaturi, se jiffaċilita l-identifikazzjoni u l-approvazzjoni tal-vjaġġaturi matul il-proċess ta' qsim tal-fruntieri fil-fruntieri esterni. Ir-router uniku tal-API se jipprovdi skambju ta' *data* aktar faċli, aktar rapidu u aktar sistematiku bejn it-trasportaturi tal-ajru u l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri permezz ta' ġbir awtomatizzat ta' *data* permezz ta' *data* ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li tinqara minn magna. It-trasferiment tad-*data* tal-API permezz tar-router se jnaqqas il-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità tat-trasportaturi mal-obbligu li tiġi kkomunikata d-*data* tal-API filwaqt li jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji u abbuż. B'riżultat ta' dan, verifiki msaħħa fil-fruntieri se jippermettu ġlieda aktar effiċjenti kontra l-immigrazzjoni illegali u jgħinu fil-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà interna tal-Istati Membri filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

Objettiv ewlieni għall-2025

Implimentazzjoni tal-API

- Jibda l-iżvilupp tar-router tal-API sabiex jiġi stabbilit router uniku li jiġbor id-*data* tal-API mibgħuta mit-trasportaturi tal-ajru permezz tal-interfaċċa tat-trasportaturi u jibgħat id-*data* miġbura lill-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri u tal-infurzar tal-liġi.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (2022)
kost tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	mhux applikabbli
skeda tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	
ambitu tal-proġett	l-ebda devjazzjoni	

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Implimentazzjoni tar-router tal-API		
Implimentazzjoni tal-API tweitiq tal-proġett 2028	Proċess imtejjeb u simplifikat tal-ġestjoni tal-fruntieri biex jippermetti prevenzjoni aktar effiċjenti tal-immigrazzjoni illegali u jsaħħa l-Istati Membri tas-sigurtà interna billi jiġġieled it-theddid.	Id-definizzjoni tar-rekwiżiti u t-tfassil dettaljat għar-rekwiżiti funzjonali u mhux funzjonali tar-router tal-API u l-estensjoni tal-interfaċċa tat-trasportaturi tal-EES/ETIAS għall-API, dment li r-regolament jiġi adottat fl-2024.

2.2. Schengen, fruntieri u viża

L-Aġenzija tikkontribwixxi għall-ġestjoni moderna, intelliġenti u effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-UE għall-finijiet taż-**żamma tal-integrità taż-Żona Schengen**. Permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), l-Aġenzija tiżgura li l-persunal awtorizzat kollu bħall-gwardji tal-fruntiera, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-uffiċjali tal-immigrazzjoni jkollhom aċċess rapidu, bla xkiel u sistematiku għad-dettalji dwar il-vjaġġaturi li jidħlu.

2.2.1. Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)

Bħala waħda mill-elementi ewlenin tal-arkitettura ta' Schengen, il-VIS tgħaqqad il-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni tal-UE mal-konsulati tal-Istati Membri f'pajjiżi mhux tal-UE u tappoġġa lill-awtoritajiet tal-viża fil-ġestjoni ta' viżi għal soġġorn qasir għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) li jivvjaġġaw lejn iż-Żona Schengen jew li jgħaddu minnha. Is-sistema tinkludi sistema ta' tqabbil bijometriku (BMS), li tiffaċilita l-verifika tal-identità fil-fruntieri. Barra minn hekk, il-VIS tgħin fil-ġlieda kontra l-frodi tal-viża billi tidentifika persuni li jistgħu ma jissodisfawx jew ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza fiż-Żona Schengen. Il-VIS tappoġġa wkoll l-identifikazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mill-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil u tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà interna.

Objettivi ewlenin għall-2025

Tmexxija operattiva tal-VIS

- L-iżgurar ta' tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-VIS billi l-infrastruttura tal-hardware u s-software jinżammu aġġornati u jkunu ta' appoġġ għall-Istati Membri fil-ġestjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom;
- Il-forniment lill-utenti finali fl-Istati Membri ta' disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-VIS skont ir-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz.

Aġġornament u evoluzzjoni tal-VIS

- It-twertiq tal-evoluzzjonijiet meħtieġa għal titjib kontinwu tas-sistema, flimkien mas-soluzzjoni attiva-attiva orizzontali biex tiġi żgurata d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistema.
- It-tnedija tat-tnejjiet għall-iżvilupp tal-pjattaforma tal-UE għall-applikazzjoni għal viża (VAP) wara l-ftehim li ntlaħaq f'Ġunju 2023 dwar ir-regoli biex tiġi diġitalizzata l-proċedura tal-viża ta' Schengen.

Interoperabbiltà tal-VIS

- Wara l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-VIS Riveduta f'Lulju 2021, ikompli jiġu introdotti l-bidliet meħtieġa biex jiġu ffaċilitati funzjonalitajiet addizzjonali, l-aktar importanti, l-integrazzjoni ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza.⁹⁶
- L-iffinalizzar tal-implimentazzjoni tal-interfaċċi meħtieġa għall-istabbiliment ta' konnessjonijiet ma' komponenti tal-interoperabbiltà (ESP u MID) biex ikunu jistgħu jsiru tfittxijiet awtomatizzati f'sistemi oħrajn, b'mod partikolari, l-istabbiliment tal-konnessjoni bejn il-VIS u l-ESP għal tfittxija simultanja tal-VIS u l-ETIAS.
- L-istabbiliment ta' kanal ta' komunikazzjoni dirett bejn il-VIS u l-EES biex jippermetti l-irkupru awtomatizzat ta' *data* relatata mal-viża mill-VIS (eż. il-validità tal-viża u l-verifika tal-identità) u jippermetti lill-awtoritajiet tal-viża jikkonsultaw l-EES meta jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal viża.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS	≥ 99.99	99.80 %
Ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS ⁹⁷	100 %	99.99 %

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Tmexxija operattiva tal-VIS		
Manutenzjoni tal-VIS żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni; avvenimenti ġestiti skont il-FLS.	Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema.
Evoluzzjonijiet tal-VIS		
Implimentazzjoni tal-VIS riveduta twettiq tal-proġett 2027	Sistema ċentrali tal-VIS aġġornata biex takkomoda funzjonalitajiet ġodda skont ir-Regolament dwar il-VIS Riveduta u biex tiżgura disponibbiltà kontinwa mingħajr interruzzjoni tas-sistema (inkl. struttura attiva-attiva).	L-iżvilupp u l-ittestjar ta' bidliet funzjonali u mhux funzjonali integrati fis-sistema ċentrali u fis-sistemi nazzjonali, inkl. struttura attiva-attiva għall-ebda perjodu ta' qtugħ u telf tad- <i>data</i> .
Interoperabbiltà tal-VIS		
Konnessjoni tal-VIS mal-ETIAS u l-komponenti tal-interoperabbiltà twettiq tal-proġett 2027	It-tnejn tal-VIS għall-interoperabbiltà tas-sistemi biex jingħataw servizzi aktar simplifikati lill-utenti finali, skont l-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS u r-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà.	L-istabbiliment ta' konnessjonijiet mal-komponenti tal-interoperabbiltà ESP, CIR, CRRS u konnessjoni diretta minn sistema għal sistema mal-ETIAS. Din l-attività

⁹⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tas-7 ta' Lulju 2021 għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, ĠU L 248, 13.7.2021.

⁹⁷ Il-valur tal-indikatur tal-ħin tar-rispons tal-VIS huwa s-sehem tal-ħin tar-rispons totali fil-limiti kuntrattwali (l-ogħla fis-sieġha, il-ksur tal-FLS, ir-rekords) għal kull grupp ta' negozju (l-ażil, il-fruntieri, konsulari, l-infurzar tal-liġi u t-territorju). L-indikatur tal-ħin tar-rispons tal-VIS (KPI 9) ikun "aħdar" jekk il-valur ikun ta' 100 %, "ambra" jekk ikun bejn 90 % u 100 %, u "aħmar" jekk il-valur ikun inqas minn 90 %.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Konnessjoni tal-VIS mal-EES tweitiq tal-proġett 2025	L-istat ta' tħejija tal-VIS għal skambju dirett ta' informazzjoni minn sistema għal sistema mal-EES u l-sBMS biex tagħti servizzi aktar simplifikati lill-utenti finali tas-sistema fil-komunità tal-ĠAI tal-UE.	It-tkomplija tal-migrazzjoni għall-sBMS u l-istabbiliment ta' konnessjoni diretta mal-EES għall-iskambju dirett ta' informazzjoni minn sistema għal sistema skont ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli.

2.2.2. Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)

L-EES hija waħda miż-żewġ sistemi tal-IT li se jimmodernizzaw il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE billi jissostitwixxu l-prattika attwali tal-ittimbrar manwali tal-passaporti bir-**reġistrazzjoni elettronika taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi** (TCNs) li jidħlu u joħorġu miż-żona Schengen, inkluża d-**data** relatata mar-rifjuti ta' dħul. L-EES se tiffaċilita wkoll il-monitoraġġ ta' soġġorni awtorizzati għal żmien qasir (għal żjarat li jdumu sa 90 jum, fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum) u l-identifikazzjoni ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn billi tiġi kkalkulata d-durata tas-soġġorn awtorizzaqt u jiġu ġġenerati allerti meta din tiskadi. Bħala tali, is-sistema tappoġġa l-prevenzjoni tal-immigrazzjoni irregolari u ssaħħaħ is-sigurtà interna billi tgħin fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Meta tibda tintuża, l-awtomatizzazzjoni tal-verifiki fil-fruntieri se tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-flussi dejjem jidiedu tal-vjaġġaturi, filwaqt li tgħin ukoll biex jiġi ottimizzat l-għadd ta' gwardji tal-fruntiera fil-punti ta' qsim.

Sabiex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar integrat u simplifikat tal-vjaġġaturi tat-TCN li deħlin fil-fruntieri ta' Schengen, l-EES se jkollha servizz web konġunt mal-ETIAS. Dawn is-servizzi web konġunti se jinkludu diversi moduli esposti għall-pubbliku, inklużi **interfaċċi tal-web u applikazzjonijiet mobbli dedikati għall-vjaġġaturi u għat-trasportaturi** (linji tal-ajru, marittimi u bit-triq).

NOTA: Id-dati tat-tweitiq ippreżentati hawn taħt huma skont l-ippjanar attwali, jiġifieri, il-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà adottat mill-Kunsill ĠAI f'Ottubru 2023. Huwa previst li l-iżvilupp tal-EES se jkompli fl-2025 u skont id-deċiżjonijiet relatati mar-reviżjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà, id-dati rilevanti jistgħu jiġu riveduti.

Objettivi ewlenin għall-2025

Implimentazzjoni tal-EES u tas-servizzi web

- L-iffinalizzar tal-implimentazzjoni tal-EES u tas-servizzi web relatati (aċċettazzjoni finali tas-sistema) f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà approvat mill-Kunsill ĠAI fid-19 ta' Ottubru 2023, bl-approvazzjoni tal-iskeda ta' żmien riveduta għall-Fruntieri Intelliġenti u l-Interoperabbiltà.
- L-iffinalizzar tal-istabbiliment ta' konnessjonijiet bejn l-EES u l-komponenti kollha tal-interoperabbiltà f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà rivedut approvat mill-Kunsill ĠAI f'Ottubru 2023.

Tmexxija operattiva tal-EES

- L-iżgurar tat-tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-EES u s-servizzi web assoċjati tagħha għat-TCNs u għat-trasportaturi tal-passiġġieri, filwaqt li jitwettqu wkoll evoluzzjonijiet meħtieġa u jingħata appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni tagħhom tal-unitajiet nazzjonali.
- Il-forniment lill-utenti finali fl-Istati Membri ta' disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-EES u s-servizzi web assoċjati tagħha f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, inkluż l-appoġġ tat-trasportatur.

Interoperabbiltà tal-EES

- L-istabbiliment ta' konnessjonijiet mal-komponenti kollha tal-interoperabbiltà, b'mod partikolari bejn l-EES u l-ESP sabiex ikunu jistgħu jsiru ftitxijiet simultanji fl-EES u fl-ETIAS sabiex tissaħħaħ u tiġi ssimplifikata l-effiċjenza tal-kontrolli fil-fruntieri, kif ukoll mas-CRRS sabiex jiġu prodotti rapporti u statistika.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (2022)
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-EES	≥ 99.99 %	mhux applikabbli
Fin tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-EES	≥ 99.55 %	mhux applikabbli
kost tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	kif ippjanat
skeda tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	inqas minn kif ippjanat
ambitu tal-proġett	l-ebda devjazzjoni	kif ippjanat

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Tmexxija operattiva tal-EES u tas-Servizzi Web		
Żvilupp u manutenzjoni tal-EES żamma tal-istatus quo	L-iżvilupp tal-EES ġie ffinalizzat. Il-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni; l-avvenimenti ġestiti f'konformità mal-FLS.	Finalizzazzjoni tal-iżvilupp tal-EES. Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema.
Manutenzjoni tas-servizzi tal-web tal-EES/ETIAS żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni tas-servizzi web tal-EES/ETIAS f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni, skont il-FLS.	Il-forniment ta' manutenzjoni adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inkluż l-aġġornament u t-titjib tal-infrastruttura tas-servizzi tal-web.
Manutenzjoni tal-hardware tal-EES u tas-Servizzi Web u appoġġ u liċenzja tas-COTS żamma tal-istatus quo	Appoġġ u servizzi mingħajr interruzzjoni.	Żgurar tat-tiġdid f'waqtu tal-appoġġ u tal-liċenzji.
Tranżizzjoni tal-EES għat-TEF/TOF tweġiq tal-proġett 2025	Il-kontinwità tas-servizzi ta' inġinerija u operazzjonali esternalizzati għall-EES li għandhom jingħataw minn kuntratturi ġodda.	Il-konklużjoni ta' kuntratt ġdid għal servizzi ta' inġinerija u operazzjonali esternalizzati, inkluż it-taħriġ ta' kuntratturi ġodda, is-sorveljanza tal-istabbiliment tal-ambjent tal-iżvilupp u t-timijiet tagħhom, ir-rieżami tar-rapporti tal-kuntrattur preċedenti wara t-trasferiment.
Implimentazzjoni tal-EES u tas-Servizzi Web		
Tranżizzjoni tal-EES għat-tħaddim tweġiq tal-proġett 2024; EIO 2025 skont l-ippjanar attwali (soġġett għal reviżjoni)	Bidu tal-ħidma b'suċċess tal-EES.	Żgurar tat-tranżizzjoni tal-EES għat-tħaddim (aċċettazzjoni finali tas-sistema).
Tranżizzjoni tas-Servizzi Web għat-tħaddim tweġiq tal-proġett 2025; EIO 2025 skont l-ippjanar attwali (soġġett għal reviżjoni)	Bidu tal-ħidma b'suċċess tas-servizzi web tal-EES/ETIAS.	L-iżgurar ta' tranżizzjoni għat-tħaddim b'suċċess, inkluż l-għoti ta' taħriġ dwar it-tmexxija operattiva tas-servizzi web tal-EES.
Servizzi ta' appoġġ ta' TEF tweġiq tal-proġett 2027	L-eżekuzzjoni tal-attivitajiet ta' ttestjar imwettqa fl-ambitu tal-evoluzzjonijiet tal-EES.	L-appoġġ lill-kuntrattur tat-TEF b'analiżi tan-negożju, assigurazzjoni tal-kwalità u konsulenza għall-attivitajiet kollha relatati mal-EES u s-servizzi web.
Evoluzzjoni tas-Servizzi Web tal-EES/ETIAS		
Evoluzzjoni tas-servizzi web tal-EES/ETIAS għall-VIS Riveduta tweġiq tal-proġett 2026	L-evoluzzjoni tal-funzjonalitajiet tas-servizzi web tal-EES/ETIAS biex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament dwar il-VIS Riveduta.	L-evoluzzjoni tas-servizzi web tal-EES/ETIAS skont ir-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament dwar il-VIS Riveduta.
Interoperabbiltà tal-EES		
Konnessjoni tal-EES mal-komponenti tal-interoperabbiltà tweġiq tal-proġett 2027	L-istat ta' thejġija tal-EES għall-interoperabbiltà tas-sistemi biex jingħataw servizzi aktar simplifikati lill-utenti finali fil-komunità tal-ĠAI tal-UE.	L-istabbiliment ta' konnessjonijiet bejn l-EES u l-komponenti tal-interoperabbiltà skont ir-Regolamenti dwar l-EES u l-Interoperabbiltà.

2.2.3. Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)

L-ETIAS, is-sistema online ta' awtorizzazzjoni ta' qabel l-ivvjaġġar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) eżenti mill-obbligu tal-viża, tintroduċi awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar bħala **kundizzjoni ġdida għad-dħul fiż-żona Schengen** għal soġġorn qasir. Minbarra s-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri għat-TCNs, l-ETIAS se tikkontribwixxi għas-sigurtà interna tal-UE billi tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' riskji potenzjali għas-sigurtà, għall-migrazzjoni u għas-saħħa pubblika. L-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar tal-ETIAS se jiġu vverifikati mit-trasportaturi tal-ajru, tal-baħar u tal-art qabel l-imbark u aktar tard ukoll mill-gwardji tal-fruntiera li se jieħdu d-deċiżjoni finali dwar l-għoti jew ir-rifjut tad-dħul fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni tal-UE. L-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-Europol se jkollhom ukoll aċċess għall-bażi tad-*data* tal-ETIAS sabiex jipprevjenu, jidentifikaw jew jinvestigaw theddid terroristiku jew reati kriminali serji.

Objettivi ewlenin għall-2025

Implimentazzjoni tal-ETIAS

- L-iffinalizzar tal-implimentazzjoni tal-ETIAS u tas-servizzi web relatati skont il-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà rivedut approvat mill-Kunsill ĠAI fid-19 ta' Ottubru 2023, bl-approvazzjoni tal-iskeda ta' żmien riveduta għall-Fruntieri Intelliġenti u l-Interoperabbiltà.
- L-iffinalizzar tal-istabbiliment ta' konnessjonijiet bejn l-ETIAS u l-komponenti kollha tal-interoperabbiltà skont il-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà rivedut approvat mill-Kunsill ĠAI fid-19 ta' Ottubru 2023.

Tmexxija operattiva tal-ETIAS

- L-iżgurar tat-tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-ETIAS, filwaqt li jitwettqu wkoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa u jingħata appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni tagħhom tal-unitajiet nazzjonali.
- Il-forniment lill-utenti finali fl-Istati Membri ta' disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-ETIAS u s-servizzi web assoċjati tagħha f'konformità mar-regolamenti applikabbli u l-ftehim dwar il-livell ta' servizz.

Interoperabbiltà tal-ETIAS

- L-istabbiliment ta' konnessjonijiet mal-komponenti kollha tal-interoperabbiltà, b'mod partikolari biex jiġi pprovdut skambju ta' informazzjoni minn sistema għal sistema mal-VIS permezz tal-ESP u tiġi pprovduta soluzzjoni għall-ġestjoni tal-links tad-detettur ta' identitajiet multipli (MID) biex jiġu appoġġati l-unitajiet nazzjonali tal-ETIAS.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-ETIAS	≥ 99.99 %	mhux applikabbli
Fin tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-ETIAS	Konformità ta' 100 % mal-FLS rilevanti	mhux applikabbli
kost tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	kif ippjanat
skeda tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	inqas minn kif ippjanat
ambitu tal-proġett	l-ebda devjazzjoni	kif ippjanat

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Tmexxija operattiva tal-ETIAS		
Manutenzjoni tal-ETIAS żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni; avvenimenti ġestiti skont il-FLS.	Il-forniment ta' manutenzjoni adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema.
Osservazzjoni tat-teknoloġija ġdida tal-ETIAS żamma tal-istatus quo	Il-monitoraġġ ta' żviluppi ġodda fit-teknoloġija biex tittejjeb il-prestazzjoni tas-sistema u jingħataw pariri lill-Istati Membri.	Il-monitoraġġ ta' żviluppi ġodda fit-teknoloġija u t-tweġġiq ta' riċerka dwar is-suq biex jiġu identifikati soluzzjonijiet tekniċi xierqa għat-tiftix ta' <i>data</i> kriptata f'modalità mhux eżatta, kif ukoll għodod tal-awdjovidjo biex tittejjeb il-prestazzjoni tas-sistema, inkluż ir-rapportar regolari u proposti ta' aġġornamenti tekniċi lill-partijiet ikkonċernati wara ttestjar b'suċċess.
Tranżizzjoni tal-ETIAS għat-TEF/TOF tweġġiq tal-proġett 2025	Il-kontinwità tas-servizzi ta' inġinerija u operazzjonali esternalizzati relatati mal-ETIAS li għandhom jingħataw minn kuntratturi ġodda.	Il-konklużjoni ta' kuntratt ġdid għal servizzi tal-inġinerija u operazzjonali esternalizzati, inkluż it-taħriġ ta' kuntratturi ġodda, is-sorveljanza tal-istabbiliment tal-ambjent tal-iżvilupp tagħhom, ir-rieżami tar-rapporti dwar id-diliġenza dovuta mill-kuntrattur preċedenti wara t-trasferiment.
Implimentazzjoni tal-ETIAS		
Tranżizzjoni tal-ETIAS għat-tħaddim tweġġiq tal-proġett 2025	Bidu tal-ħidma b'suċċess tal-ETIAS.	L-iżgurar tat-tranżizzjoni tal-ETIAS għall-bidu tat-tħaddim.
Interoperabbiltà tal-ETIAS		
Konnessjoni tal-ETIAS mal-VIS u l-komponent tal-interoperabbiltà tal-MID tweġġiq tal-proġett 2026	L-istat ta' thejġija tal-ETIAS għall-interoperabbiltà biex jingħataw servizzi aktar simplifikati lill-utenti finali fil-komunità tal-ĠAI tal-UE.	L-iżvilupp tal-bidliet funzjonali u mhux funzjonali meħtieġa għall-iskambju ta' informazzjoni minn sistema għal sistema bil-VIS. L-għoti ta' soluzzjoni għall-ġestjoni tal-links tad-detettur ta' identitajiet multipli (MID) biex jiġu appoġġati l-unitajiet nazzjonali tal-ETIAS, inkluż il-ġestjoni tad-domanda u l-ittestjar tas-soluzzjoni mfassla mal-Istati Membri.

2.3. Migrazzjoni u ażil

L-Aġenzija tappoġġa l-implimentazzjoni tas-**Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA)**⁹⁸ permezz tal-applikazzjoni tar-**Regolament ta' Dublin**⁹⁹ permezz tal-Eurodac, wieħed mill-istrumenti ċentrali għas-simplifikazzjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil. Wara l-adozzjoni tal-**Patt Ġdid tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**, f'Mejju 2024, ir-**Regolament Eurodac Riformulat**, li tippermetti skambju ta' informazzjoni saħansitra aktar komprensiv dwar kwistjonijiet relatati mal-ażil u l-migrazzjoni irregolari, se tiffaċilita l-ġestjoni saħansitra aktar effiċjenti tal-ażil u tal-migrazzjoni fl-UE kollha.¹⁰⁰

2.3.1. Euradac (Bażi tad-*data* Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Asil)

Il-Eurodac tappoġġa l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin, wieħed mill-istrumenti użati għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (**SEKA**), billi tassisti lill-Istati Membri biex jiddeterminaw il-pajjiż responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil. Dan isir billi l-marki tas-swaba' ta' applikanti ġodda jitqabblu ma' dawk diġà rreġistrati fil-bażi tad-*data*. Il-Eurodac tintuża wkoll biex jiġu stabbiliti l-identitajiet ta' persuni maqbuda b'konnessjoni ma' qsim illegali tal-fruntieri u dawk li jinstabu li qed joqogħdu illegalment fiż-żona Schengen. Sabiex jipprevjenu, jidentifikaw jew jinvestigaw reati terroristiċi jew kriminali serji, l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-Europol ingħataw ukoll aċċess għall-Eurodac, iżda taħt kundizzjonijiet stretti biss u b'ħala l-aħħar soluzzjoni.

⁹⁸ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur il-paġna dedikata tad-DĠ HOME dwar is-**Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil**.

⁹⁹ Ir-**Regolament (UE) Nru 604/2013** li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali /.../ (tfassil mill-ġdid), ĠU L 180, 29.6.2013 (ir-**Regolament ta' Dublin**).

¹⁰⁰ Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna dedikata tad-DĠ HOME dwar il-**Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**.

Bl-adozzjoni tal-**Patt Ġdid tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**, f'Mejju 2024, l-Aġenzija mistennija terġa' tibni l-Eurodac. Ir-**Regolament Eurodac Riformulat**, li daħal fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2024, se jespandi b'mod sinifikanti l-ambitu tas-sistema, filwaqt li jitransforma l-bażi tad-*data* eżistenti tal-marki tas-swaba' f'sistema sħiħa ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.¹⁰¹ B'hal fil-każ tas-sistemi l-oħrajn kollha tal-ĠAI, il-Eurodac se tiġi aġġustata għall-interoperabbiltà sabiex tippermetti tftitxijiet fis-sistemi interoperabbli kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA.

Obiettivi ewlenin għall-2025

Tmexxija operattiva tal-Eurodac

- L-iżgurar ta' tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-Eurodac u n-network ta' komunikazzjoni tagħha DubliNet billi l-infrastruttura tal-hardware u s-software jinżammu aġġornati u j-Istati Membri jiġu appoġġati fil-ġestjoni tagħhom tas-sistemi nazzjonali.
- Il-forniment lill-utenti finali fl-Istati Membri tad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-Eurodac u DubliNet skont ir-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz.

Aġġornament u evoluzzjoni tal-Eurodac

- It-tweġġiq tal-evoluzzjonijiet meħtieġa biex is-sistema tittejjeb kontinwament, inkluż l-aġġornament ta' DubliNet wara r-riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin.
- L-implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac Riformulat, kif adottat f'Mejju 2024.

Ir-Regolament dwar l-Iskrinjar

- Wara l-adozzjoni f'Mejju 2024, l-Aġenzija se tkompli timplimenta r-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament dwar l-Iskrinjar, bil-ħsieb li jitwettqu fl-2026.¹⁰²

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (2022)
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac ¹⁰³	99.99 %	99.45 %
Ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac ¹⁰⁴	99.45 %	99.98 %

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Manutenzjoni operazzjonali tal-Eurodac		
Manutenzjoni ta' Eurodac u DubliNet żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni; l-avvenimenti ġestiti f'konformità mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz.	Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, anke għal DubliNet.
Aġġornament u evoluzzjoni tal-Eurodac		
Aġġornamenti tal-Eurodac tweġġiq tal-proġett 2026	Il-kapaċità tal-Eurodac ottimizzata b'antiċipazzjoni tar-Regolament Riformulat, biex takkomoda kwalunkwe traffiku addizzjonali li jirriżulta mill-ħtiġijiet tan-negozju ġodda li jirriżultaw mir-riformulazzjoni u mir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà.	It-tkomplija bil-proġetti ta' aġġornament tal-Eurodac bi thejġija għar-riformulazzjoni, biex tiżdied il-kapaċità tal-bażi tad- <i>data</i> u throughput tat-tranżazzjonijiet, inkluż aġġornament tal-infrastruttura biex jissostitwixxi l-hardware eżistenti u s-software ta' aġġornament li jkun laħaq it-tmien tal-appoġġ.
Ir-Riformulazzjoni tal-Eurodac u l-konnessjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà	L-Eurodac allinjata mar-rekwiżiti deskritti fir-Regolament Riformulat u	It-tfassil u l-varar ta' arkitettura tas-sistema ġdida (inklużi kategoriji ġodda, immaġnijiet tal-wiċċ, eċċ.), il-ħolqien ta' interfaċċa bil-

¹⁰¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-Eurodac, ĠU L, 22.5.2024.

¹⁰² Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-14 ta' Mejju 2024, ĠU L, 22.5.2024.

¹⁰³ Il-miri tad-disponibbiltà mhumiex definiti b'mod preċiż fl-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi. Peress li s-sistemi tal-IT ġestiti mill-eu-LISA huma ddefiniti b'hal sistemi ta' disponibbiltà għolja, l-Aġenzija stabbiliet il-mira ekoloġika għal 99.99 %.

¹⁰⁴ Il-funzjonijiet kummerċjali kritiċi tal-Eurodac huma miġbura f'żewġ kategoriji: a) tranżazzjonijiet ta' prijorità għolja (ħin tar-rispons standard ta' siegħa) u b) tranżazzjonijiet regolari (24 siegħa). L-indikatur tal-ħin tar-rispons (KPI 4) huwa l-medja ta' dawn iż-żewġ kategoriji: "aħdar" jekk 99.45 % tat-tranżazzjonijiet ikunu fil-ħin tar-rispons standard, "ambra" jekk it-tranżazzjonijiet ikunu bejn 90-99.45 %, u "aħmar" jekk it-tranżazzjonijiet ikunu inqas minn 90 %.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
twettiq tal-proġett 2026	fir-Regolamenti Interoperabbiltà.	I- komponenti tal-interoperabbiltà (CIR, CRRS), kif ukoll bil-VIS Riveduta u l-ETIAS. Il-migrazzjoni ta' <i>data</i> bijometrika għall-sBMS u l-infrastruttura għal pjattaforma kondiviża komuni.
Tfassil mill-ġdid/aġġornament ta' DubliNet wara r-riformulazzjoni tal-Eurodac twettiq tal-proġett 2027	DubliNet ġie allinjat mar-rekwiżiti (funzjonalitajiet ġodda) stabbiliti fir-Regolament ta' Dublin Riformulat u ottimizzat il-kapaċità li tiġi sostnuta tagħbija akbar li tirriżulta minn ħtiġijiet ġodda tan-negozju.	Il-ġbir ta' rekwiżiti mir-Regolament ta' Dublin il-ġdid u l-allinjament mal-aħħar standards teknoloġiċi biex tiġi żgurata sigurtà ta' livell għoli tal-iskambju tad- <i>data</i> , inkluż l-abbozzar tad-dokumentazzjoni teknika u operazzjonali, il-persunal tat-taħriġ u l-Istati Membri.
Implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Iskrinjar twettiq tal-proġett 2026	Ir-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mir-Regolament dwar l-Iskrinjar implimentati skont il-bażi ġuridika.	L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-Iskrinjar sabiex jiġi pprovdut aċċess lill-awtoritajiet tal-iskrinjar tal-Istati Membri għat-tfittxijiet fis-sistemi interoperabbli kollha tal-ĠAI.

2.4. Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja

Fid-dominju tal-ġustizzja, l-Aġenzija qed iżżid il-kontribut tagħha għad-**diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja** permezz tal-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' soluzzjonijiet diġitali ġodda li jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni kontinwi tas-sistemi nazzjonali fl-Ewropa kollha, bil-ħsieb li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej, filwaqt li jingħata wkoll aċċess aħjar għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u għan-negozji tal-UE.¹⁰⁵

2.4.1. Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)

Skont id-dritt tal-Unjoni, il-qradi nazzjonali jridu jqisu l-kundanni preċedenti meta jagħtu s-sentenzi f'kawżi kriminali. Għal dak il-għan, ġiet stabbilita s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej dwar ir-rekords kriminali. L-implimentazzjoni ta' referenza tal-ECRIS (ECRIS RI) tipprovdni interfaċċa ta' integrazzjoni li tiffaċilita l-konnessjoni bejn ir-reġistri nazzjonali tar-rekords kriminali għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali permezz tal-ECRIS. L-ECRIS-TCN hija sistema ċentralizzata "hit/no-hit", li tissupplimenta l-ECRIS b'informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) ikkundannati fl-UE.

Flimkien, dawn iż-żewġ sistemi – l-ECRIS RI u l-ECRIS-TCN – se jgħinu lill-imħallfin, lill-prosekuturi u lill-awtoritajiet rilevanti oħrajn jiksbu informazzjoni komprensiva dwar l-istorja kriminali tat-TCNs, irrispettivament mill-Istat Membru fejn ġew ikkundannati qabel. B'riżultat ta' dan, l-ECRIS-TCN se tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji fl-UE.

Objettivi ewlenin għall-2025

Tmexxija operattiva tal-ECRIS

- L-iżgurar ta' tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-ECRIS TCN u tal-ECRIS RI billi l-infrastruttura tal-hardware u s-software jinżammu aġġornati u l-Istati Membri jiġu appoġġati fil-ġestjoni tagħhom tas-sistemi nazzjonali, filwaqt li jitwettqu wkoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa biex ikun hemm aġġornament mat-teknoloġiji ġodda u l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tan-negozju li qed jevolvu, inkluż il-monitoraġġ tal-akkuratezza bijometrika fl-ECRIS-TCN, jiġifieri rati ta' identifikazzjoni pożittivi/negattivi foloz.
- Il-forniment lill-utenti finali fl-Istati Membri tad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN u tal-ECRIS RI skont ir-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz.

Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN

- L-iffinalizzar tal-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN f'konformità mal-iskeda ta' żmien riveduta tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà approvata mill-Kunsill ĠAI fid-19 ta' Ottubru 2023.¹⁰⁶
- Evoluzzjonijiet tal-ECRIS RI u tal-ECRIS-TCN.

¹⁰⁵ *Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea*: Strumentarju ta' Opportunitajiet, COM (2020) 710 final.

¹⁰⁶ L-iskeda ta' żmien hija soġġetta għal reviżjoni.

- Allinjament tal-ECRIS TCN mal-interoperabbiltà u r-Regolament dwar l-Iskrinjar.¹⁰⁷
- It-tfassil mill-ġdid tas-soluzzjoni tal-ECRIS RI b'livell ogħla ta' sigurtà.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (2022)
Konformità tal-ECRIS RI mal-FLS	Konformità ta' 100 % mal-KPIs	kif ippjanat: il-biljetti kollha ttrattati għal kull FLS
Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN	97.6 %	mhux applikabbli
Min tar-rispons tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN	>= 15-il sekonda u <= 60 sekonda għal operazzjonijiet atomiċi bażiċi (f'konformità mal-FLS rilevanti)	mhux applikabbli
kost tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	parzjalment kif ippjanat
skeda tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	inqas minn kif ippjanat
ambitu tal-proġett	l-ebda devjazzjoni	kif ippjanat

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Manutenzjoni operazzjonali		
Manutenzjoni tal-ECRIS RI żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni; l-avvenimenti ġestiti f'konformità mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz.	Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inkluż l-appoġġ lill-Istati Membri.
Manutenzjoni tal-ECRIS-TCN żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni u avvenimenti ġestiti f'konformità mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz.	Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema.
Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN		
Tranżizzjoni tal-ECRIS-TCN għat-tħaddim twettiq tal-proġett 2025 ¹⁰⁸	Id-dħul fis-seħħ b'suċċess tal-ECRIS-TCN.	L-iżgurar tat-tranżizzjoni tal-ECRIS-TCN għat-tħaddim, inkluż l-aċċettazzjoni finali tas-sistema.
Evoluzzjonijiet tal-ECRIS-TCN		
Allinjament tal-ECRIS-TCN mal-interoperabbiltà twettiq tal-proġett 2025	L-ECRIS-TCN ġiet allinjata b'suċċess mal-interoperabbiltà.	L-iżgurar li l-ECRIS TCN tkun allinjata mal-interoperabbiltà.
Regolament dwar l-Iskrinjar tal-ECRIS-TCN twettiq tal-proġett 2025	L-ECRIS-TCN ġiet allinjata b'suċċess mar-Regolament dwar l-Iskrinjar.	L-iżgurar li l-ECRIS TCN tkun allinjata mar-Regolament dwar l-Iskrinjar.
Riformulazzjoni tal-ECRIS RI		
Riformulazzjoni tal-ECRIS-RI twettiq tal-proġett 2025	ECRIS-RI mġedda.	Riformulazzjoni tas-sistema kollha għall-finijiet tat-titjib tal-applikazzjoni u t-tnaqqis tar-riskji.

¹⁰⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/1352 tal-14 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 għall-fini tal-introduzzjoni tal-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni, ĠU L, 22.5.2024.

¹⁰⁸ L-iskeda ta' żmien hija soġġetta għal reviżjoni.

2.4.2. e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' Data Online)

Is-sistema e-CODEX tipprovd i-l-infrastruttura diġitali għal komunikazzjoni u skambju ta' data siguri u interoperabbli bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej u sservi bħala faċilitatur teknoloġiku ewlieni għall-modernizzazzjoni tal-kooperazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera.¹⁰⁹

Objettivi ewlenin għall-2025

Tmexxija operattiva tal-e-CODEX

- L-iżgurar ta' tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tal-e-CODEX, inkluż il-ġestjoni ta' standards proċedurali diġitali, filwaqt li jitwettqu wkoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa.
- Il-forniment lill-utenti finali fl-Istati Membri ta' disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u prestazzjoni effiċjenti tas-sistema e-CODEX skont ir-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, inkluż il-forniment ta' ambjent ta' hosting sigur espost għall-internet.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
Disponibbiltà u prestazzjoni tal-e-CODEX ¹¹⁰	Konformità ta' 100 % mal-FLS	mhux applikabbli

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Manutenzjoni operazzjonali tal-e-CODEX		
Manutenzjoni tal-e-CODEX żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni; l-avvenimenti ġestiti f'konformità mal-FLS.	Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema; l-appoġġ u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-ittestjar, l-appoġġ għall-punti ta' aċċess.
Ġestjoni tal-istandards proċedurali diġitali tal-e-CODEX żamma tal-istatus quo	Il-ġestjoni effiċjenti tal-istandards proċedurali diġitali tal-e-CODEX u l-Vokabularju Fundamentali tal-e-Ġustizzja tal-UE.	Il-ġestjoni tal-istandards proċedurali diġitali (inkluż il-Vokabularju Fundamentali tal-e-Ġustizzja tal-UE), mill-iżvilupp u l-varar sal-manutenzjoni u l-aġġornamenti; l-appoġġ tekniku lill-Kummissjoni fit-tnejja ta' atti ta' implimentazzjoni għar-Regolament (UE) 2023/2844. ¹¹¹

2.4.3. Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (CP tas-SIK)

Il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (SIK) tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ġustizzja tal-UE. Din il-pjattaforma ta' komunikazzjoni dedikata se ttejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transfruntiera billi tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi nazzjonali u l-aġenziji rilevanti tal-UE, eż., il-Europol, il-Eurojust, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

Objettiv ewlieni għall-2025

Implimentazzjoni tas-CP tas-SIK

- L-implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta biex jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kriminali transfruntiera.

¹⁰⁹ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web uffiċjali tal-e-CODEX.

¹¹⁰ *Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/117* tat-13 ta' Jannar 2023 dwar ir-rekwiżiti tal-livell ta' servizz tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu minn eu-LISA fir-rigward tas-sistema e-CODEX, C/2023/197, ĠU L 15, 17.1.2023, p. 17-24.

¹¹¹ *Ir-Regolament (UE) 2023/2844* tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
kost tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	mhux applikabbli
skeda tal-proġett	devjazzjoni totali ≤ 5 %	
ambitu tal-proġett	I-ebda devjazzjoni	

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Implimentazzjoni tas-CP tas-SIK		
Implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK tweitiq tal-proġett 2025	L-iżvilupp ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u tal-infurzar tal-liġi u l-aġenziji rilevanti tal-UE f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali transfruntiera.	It-tfassil u l-iżvilupp ta' rekwiżiti funzjonali u mhux funzjonali għall-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK biex jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kriminali transfruntiera, skont ir-Regolament 2023/969. ¹¹²

2.5. Interoperabbiltà

Il-ġestjoni effiċjenti tas-sigurtà interna u tal-fruntieri esterni tal-Ewropa tibbaża fuq il-kapaċità tas-sistemi tal-IT li jiskambjaw *data* u informazzjoni. Sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-Ewropa kollha, l-eu-LISA ngħatat il-kompitu li tiżviluppa l-**arkitettura ġenerali tal-interoperabbiltà** għas-sistemi kollha tal-ĠAI li tiġġestixxi: is-SIS, il-VIS, l-Eurodac, l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN. Meta tibda tintuża, din l-interoperabbiltà tas-sistemi se tippermetti forniment aktar aġli u effiċjenti ta' servizzi lill-komunità tal-ĠAI, filwaqt li ssaħħaħ ukoll is-sigurtà interna tal-UE.

L-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI tal-UE se tinkludi l-komponenti li ġejjin:

- il-**portal Ewropew tat-tfittxija** (ESP) li jippermetti lill-utenti awtorizzati jwettqu tfittxijiet uniċi fis-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI li huma awtorizzati jaċċessaw,
- ir-**repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità** (CIR), bażi tad-*data* ta' informazzjoni bijografika dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi biex tiġi żgurata identifikazzjoni affidabbli,
- id-**detettur ta' identitajiet multipli** (MID) għall-iżgurar tal-identifikazzjoni korretta ta' vjaġġaturi bona fide, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni tal-frodi tal-identità,
- is-**servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku** (sBMS) għal tqabbil trażversali ta' *data* tal-identità ma' identifikaturi bijometriċi fis-sistemi kollha tal-ĠAI.

Barra minn hekk, l-eu-LISA qed tiżviluppa wkoll **repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS)** biex tipprovdi *data* statistika bejn is-sistemi u r-rapportar analitiku dwar is-sistemi kollha tal-ĠAI għal finijiet ta' politika, operazzjonali u ta' kwalità tad-*data*.

2.5.1. Servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS)

Is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS), li jaħżen mudelli bijometriċi ġġenerati minn *data* maħżuna fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u fis-SIS, se jappoġġa tfittxijiet dwar id-*data* bijometrika fis-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA, li jagħmlu wieħed mill-akbar sistemi bijometriċi fid-dinja. Bħala tali, dan jikkostitwixxi wieħed mill-pedamenti tas-sistema ta' sigurtà interna u ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-UE.

Objettivi ewlenin għall-2025

Tmexxija operattiva tal-sBMS

- L-iżgurar ta' tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tal-sBMS, filwaqt li jitwettqu wkoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa,

¹¹² Ir-Regolament (UE) 2023/969 tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 132, 17.5.2023, p. 1-20.

- Il-forniment lill-utenti finali fl-Istati Membri ta' disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u prestazzjoni effiċjenti tal-sBMS skont ir-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz.
- It-titjib tal-portafoll tal-bijometrika tal-Aġenzija billi jsir investiment f'attivitajiet ta' riċerka u soluzzjonijiet ġodda għall-finijiet taż-żieda tal-kwalità ġenerali tal-bijometrika użata fis-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, filwaqt li jiġi offrut ukoll appoġġ f'waqt u ta' kwalità għolja lill-partijiet ikkonċernati tiegħu.
- Il-kontribut attiv għall-ħidma tas-sottokumitat tal-ISO dwar il-bijometrika u s-segwitu tad-diskussjonijiet u l-iżvilupp ta' standards rilevanti madwar id-dinja.

Implimentazzjoni tal-sBMS

- It-tlestija tal-migrazzjoni tad-*data* għall-sBMS f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà rivedut approvat mill-Kunsill ĠAI fid-19 ta' Ottubru 2023, li japprova l-iskeda ta' żmien riveduta għall-Fruntieri Intelliġenti u l-Interoperabbiltà.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
Konformità mal-FLS dwar l-sBMS u l-KPIs korporattivi relatati	Konformità ta' 100 % mal-KPIs fil-FLS	mhux applikabbli

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Tmexxija operattiva tal-sBMS		
Manutenzjoni tal-sBMS żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni, skont il-FLS.	Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema (inkluż il-kitt tas-software tal-utent).
Portafoll tal-bijometrika żamma tal-istatus quo	Kwalità mtejba tal-prodotti bijometriċi eżistenti u futuri tal-eu-LISA, flimkien ma' kapaċitajiet interni mtejba biex tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni bijometrika.	L-investiment f'riċerka mmirata u soluzzjonijiet bijometriċi biex tittejjeb il-kwalità tal-prodotti bijometriċi eżistenti u futuri, biex jittejjbu l-għarfien espert u r-reputazzjoni tal-eu-LISA f'dan il-qasam u tinkiseb l-indipendenza minn fornituri esterni.
Implimentazzjoni tal-sBMS		
Implimentazzjoni tal-sBMS twettiq tal-proġett 2026	Il-finalizzazzjoni tal-migrazzjoni tad- <i>data</i> mis-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-EES u l-ECRIS-TCN, li tippermetti operazzjonijiet bijometriċi kif previst fir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. Kapaċità ta' throughput suffiċjenti biex tiġi indirizzata ż-żieda fit-tranżazzjonijiet.	It-tkomplija tal-migrazzjoni tad- <i>data</i> (il-marki tas-swaba' u l-immaġnijiet tal-wiċċ) mis-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-EES u l-ECRIS-TCN għall-finijiet tat-twettiq ta' operazzjonijiet bijometriċi (inkluż permezz tas-CIR u tal-MID) kif previst fir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà.
Aġġornament u evoluzzjoni tal-sBMS		
Żieda fil-kapaċità tal-sBMS twettiq tal-proġett 2026	Kapaċità suffiċjenti biex tiġi indirizzata ż-żieda stmata fit-throughput tat-tranżazzjoni li tirriżulta mir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà.	It-tfassil u l-implimentazzjoni taż-żieda fil-kapaċità għall-sBMS biex tappoġġa l-MID, is-SIS u l-EES.
sBMS għall-Eurodac twettiq tal-proġett 2027	Il-migrazzjoni tad- <i>data</i> tal-marki tas-swaba' tal-Eurodac lejn l-sBMS għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet bijometriċi ġodda kif speċifikat fir-Regolament Eurodac Riformulat u r-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà.	Il-migrazzjoni tad- <i>data</i> eżistenti tal-marki tas-swaba' tal-Eurodac għall-sBMS biex tittejjeb il-prestazzjoni, tkun tista' sseħħ l-ottimizzazzjoni tal-kostijiet u l-iskalabbiltà futura. Skont ir-regolament Eurodac riformulat, dan il-proġett se jiffoka fuq il-marki tas-swaba' u r-rikonoxximent tal-wiċċ għandu jiġi ddid aktar tard bħala proġett separat.

2.5.2. Komponenti tal-interoperabbiltà (ESP, CIR, MID) u CRRS

Minbarra l-sBMS, l-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI tal-UE se tinkludi l-portal Ewropew tat-tfittxija (**ESP**), ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (**CIR**), id-detettur ta' identitajiet multipli (**MID**) u r-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (**CRRS**). Barra minn hekk, l-eu-LISA se tiżviluppa s-**Sistema Ċentrali għar-Riżoluzzjoni tal-Link Safra (CSLR)**.

Objettivi ewlenin għall-2025

Tmexxija operattiva tal-komponenti tal-interoperabbiltà

- L-iżgurar ta' tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tal-ewwel komponenti tal-interoperabbiltà (ESP u CIR) u s-CRRS, filwaqt li jitwettqu wkoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa.
- Il-forniment lill-utenti finali fl-Istati Membri ta' disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u prestazzjoni effiċjenti tal-komponenti tal-interoperabbiltà skont ir-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz.

Implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà

- It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà ESP, CIR, MID u CRRS f'konformità mal-Pjan Direzzjonali rivedut għall-Interoperabbiltà approvat mill-Kunsill ĠAI fid-19 ta' Ottubru 2023, filwaqt li tiġi approvata l-iskeda ta' żmien riveduta għall-Fruntieri Intelliġenti u l-Interoperabbiltà.
- It-tkomplija tal-iżvilupp tas-Sistema Ċentrali għar-Riżoluzzjoni tal-Link Safra (CSLR).

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (2022)
Disponibbiltà u prestazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà f'konformità mal-FLS rispettivi	Konformità ta' 100 % mal-FLS dwar il-komponenti tal-interoperabbiltà rispettivi	mhux applikabbli

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Tmexxija operattiva tal-komponenti tal-interoperabbiltà		
Manutenzjoni tal-ESP żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni, skont il-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS).	Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa; l-appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri matul il-kampanji ta' ttestjar u ta' kwalifika.
Manutenzjoni tas-CIR żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni, skont il-FLS.	Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa; l-appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri matul il-kampanji ta' ttestjar u ta' kwalifika.
Manutenzjoni tas-CRRS żamma tal-istatus quo	Il-prestazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni, skont il-FLS.	Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa; l-appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri matul il-kampanji ta' ttestjar u ta' kwalifika.
Implimentazzjoni tal-għodod u l-komponenti tal-interoperabbiltà		
Implimentazzjoni tal-ESP twettiq tal-proġett 2025 ¹¹³	Tranżizzjoni b'suċċess għat-tħaddim tal-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP).	L-implimentazzjoni tal-ESP u l-iżgurar tal-evoluzzjoni meħtieġa.
Implimentazzjoni tal-CIR twettiq tal-proġett 2025*	Tranżizzjoni b'suċċess għat-tħaddim ta' repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR).	L-implimentazzjoni tal-CIR u l-iżgurar tal-evoluzzjoni meħtieġa.
Implimentazzjoni tal-CRRS twettiq tal-proġett 2025*	Tranżizzjoni b'suċċess għall-operat tas-CRRS.	L-implimentazzjoni tal-CRRS u l-iżgurar tal-evoluzzjoni meħtieġa.
Implimentazzjoni tal-MID twettiq tal-proġett 2026*	Tranżizzjoni b'suċċess għat-tħaddim ta' detettur ta' identitajiet multipli (MID).	L-implimentazzjoni tal-MID u l-iżgurar tal-evoluzzjoni meħtieġa.
Implimentazzjoni tal-CSLR twettiq tal-proġett 2027*	Mod standardizzat kif jissolvew il-links sofor fl-Istati Membri u d-diversi	L-iżvilupp ta' soluzzjoni ċentrali għall-ġestjoni tal-links, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tal-links sofor.

¹¹³ L-iskeda ta' żmien hija soġġetta għal reviżjoni.

2.6. Riċerka, innovazzjoni u bini tal-kapaċitajiet

Sabiex tkompli ttejjeb l-eċċellenza operazzjonali u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA, l-Aġenzija timmonitorja b'mod attiv l-aħħar żviluppi fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li ttejjeb ukoll l-għarfien espert professjonali biex tkompli tipprovdi valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, l-eu-LISA tipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ regolari dwar it-tħaddim u l-użu tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI u tfassalhom għall-ħtiġijiet u d-diskrepanzi fl-għarfien kif identifikati mill-utenti finali. L-Aġenzija tippubblika wkoll rapporti dwar l-istatistika tal-prestazzjoni teknika u l-użu relatata mas-sistemi li tiġġestixxi mil-lat operattiv.

2.6.1. Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija

Sabiex tiżgura l-evoluzzjoni teknoloġika kontinwa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE fdati lill-eu-LISA, l-Aġenzija timmonitorja r-riċerka u l-innovazzjoni u tikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni, filwaqt li tikkordina wkoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mal-industrija u l-akkademja f'oqsma relatati mal-mandat tal-Aġenzija. Sabiex iżżomm approċċ strutturat għar-riċerka u l-innovazzjoni f'konformità mal-għanijiet strateġiċi, l-eu-LISA se tkompli timplimenta l-istrateġija tagħha ta' riċerka u innovazzjoni, adottata fl-2024 u tippubblika **rapporti annwali ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija**. Fl-2025, l-Aġenzija se tistabbilixxi Kumitat għat-Teknoloġija u tiżviluppa **Pjan Direzzjonali għat-Teknoloġija** sabiex tivvaluta teknoloġiji ġodda li għandhom jiġu inkorporati fl-attivitajiet tal-eu-LISA.

Abbażi tat-Termini ta' Referenza tal-2021 dwar il-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fil-**Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni**, l-eu-LISA tkompli tappoġġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA) fl-implimentazzjoni tal-programm ta' finanzjament Orizzont Ewropa għar-riċerka u l-innovazzjoni. L-Aġenzija se tkompli wkoll il-kontribut attiv tagħha għaċ-**Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna**, b'mod partikolari billi tissekonda persunal wieħed lis-segretarjat u billi tippresjedi r-raggruppament taċ-Ċentru dwar il-bijometrika.

Biex tindirizza aħjar il-ħtiġijiet tal-Istati Membri u tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni dwar teknoloġiji, prodotti u servizzi ġodda, l-Aġenzija tkompli l-impenn proattiv tagħha mal-industrija billi torganizza avvenimenti annwali ta' Diskussjoni Madwar Mejda dwar l-Industrija li jipprovdu forum biex jiġu diskussi l-isfidi u l-lakuni fil-kapaċità fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE u soluzzjonijiet prattiċi possibbli mill-industrija.

L-Aġenzija tiffoka fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-għarfien espert tagħha fil-qasam tal-**intelliġenza artifiċjali** biex trawwem l-adozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi. Bħala parti minn dan l-isforz, l-eu-LISA se tkompli tagħti prova, tittestja u, fejn fattibbli, timplimenta soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA biex tkompli ttejjeb l-effiċjenza operazzjonali u l-kwalità tas-servizz tagħha (eż., chatbots, analiżi tad-*data*, proċessi ta' simplifikazzjoni). B'mod partikolari, l-Aġenzija se tiffoka fuq it-titjib tat-tħaddim tas-sistemi ta' rikonoxximent bijometriku li tuża, permezz ta' ttestjar u evalwazzjoni regolari.

Objettivi ewlenin għall-2025

- Il-monitoraġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni teknoloġika (eż., il-bijometrika, il-kriptaġġ, it-teknoloġiji tal-cloud) biex tiġi żgurata l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, kif ukoll il-kordinazzjoni tal-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-eu-LISA mal-industrija u l-akkademja biex jitrawmu l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.
- L-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-għarfien espert tal-eu-LISA fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali, inkluż it-tkomplija tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-IA għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-ĠAI (eż., l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi ta' identifikazzjoni u rkupru tal-ħsarat u għaċ-ċibersigurtà), kif ukoll applikazzjonijiet biex jissaħħu l-proċessi interni ta' kuljum, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni ta' applikazzjonijiet ġenerattivi tal-IA.
- L-appoġġ għall-ittestjar operazzjonali ta' teknoloġiji ta' rikonoxximent bijometriku u l-esplorazzjoni tad-disponibbiltà ta' settijiet ta' *data* ta' kwalità għolja għal skopijiet ta' ttestjar, b'kunsiderazzjoni għal tekniki ġodda ta' protezzjoni tal-privatezza biex tiġi żgurata l-idoneità għall-iskop (eż. psewdoanonimizzazzjoni, kriptaġġ, pjattaformi tal-computing distribwiti).
- Il-monitoraġġ u l-appoġġ għall-iżvilupp ta' standards rilevanti għall-proċessi tal-attività ewlenija tagħha, b'enfasi fuq l-avvanz tat-teknoloġija tar-ikonoxximent bijometriku billi tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' standards għall-metrika tal-kwalità, b'mod partikolari, għall-immaġnijiet tal-wiċċ u għall-marki tas-swaba'.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
Għad irid jiġi ddeterminat (skont l-istrateġija ta' riċerka tal-eu-LISA pendent)	Għad irid jiġi ddeterminat	mhux applikabbli

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija żamma tal-istatus quo	It-trawwim tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi u l-istandardizzazzjoni għall-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, flimkien mal-iżvilupp tal-għarfien espert, il-kapaċitajiet u l-prattiki organizzazzjonali tal-Aġenzija.	Il-monitoraġġ tar-riċerka akkademika u industrijali, b'enfasi fuq teknoloġiji ġodda u li qed jevolvu u aspetti oħrajn rilevanti għas-sistemi tal-IT tal-ĠAI, l-appoġġ għall-integrazzjoni tas-sejbiet tar-riċerka fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjonijiet tal-eu-LISA billi jiġu identifikati każijiet ta' użu u provi tal-kunċett; l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' ttestjar tas-soluzzjonijiet, il-koordinazzjoni tal-istandardizzazzjoni. It-tnejn tal-Pjan Direzzjonali għat-Teknoloġija.
Soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA għal effiċjenza mtejbja żamma tal-istatus quo	L-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA għat-titjib tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet u l-attivitajiet korporattivi tal-eu-LISA.	L-iżvilupp ta' għarfien espert u kapaċitajiet fl-IA permezz tal-identifikazzjoni u l-pilotaġġ ta' soluzzjonijiet ġodda (inkluża IA ġenerattiva), li jkopru firxa wiesgħa ta' każijiet ta' użu biex tittejjeb l-effiċjenza tal-proċessi korporattivi u operazzjonali: l-istabbiliment ta' Komunità ta' Prattika interna tal-IA.

2.6.2. Rapportar statutorju

L-Aġenzija tippubblika rapporti dwar il-prestazzjoni teknika u l-istatistika dwar l-użu relatati mas-sistemi taħt it-tmexxija operattiva tagħha, inkluż l-aġġornament tal-lista ta' awtoritajiet maħtura b'aċċess għas-sistemi. Barra minn hekk, l-eu-LISA tikkontribwixxi għat-titjib tal-għarfien u l-previżjoni tas-sitwazzjoni fil-livell tal-UE, b'mod partikolari, billi tipprovdi statistika għall-**Barometru ta' Schengen+**.

Objettivi ewlenin għall-2025

- Il-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' statistika u rapporti dwar il-funzjonament tekniku u l-użu tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI f'konformità mal-obbligi statutorji tal-eu-LISA, b'enfasi partikolari fuq l-ECRIS-TCN.
- L-introduzzjoni tar-repożitorju komuni għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS) u l-appoġġ lill-Istati Membri fl-użu ta' din l-għodda l-ġdida ta' rapportar.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
Pubblikazzjoni ta' rapporti	konformità mar-rekwiżiti legali u l-FLS	kif ipplanat

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Rapportar statutorju		
Rapportar tekniku u statistika aggregata żamma tal-istatus quo	It-trasparenza tal-operazzjonijiet tal-eu-LISA u s-sensibilizzazzjoni pubblika msafha.	It-tnejn u l-pubblikazzjoni ta' statistika aggregata u rapporti statutorji tal-prestazzjoni dwar is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA; il-kompilazzjoni u l-aġġornament ta' listi ta' awtoritajiet li għandhom drittijiet ta' aċċess għas-sistemi; l-introduzzjoni tas-CRRS u l-għoti ta' appoġġ lill-utenti finali.
Kontribut għall-għarfien tas-sitwazzjoni tal-UE u l-previżjoni għall-	Sensibilizzazzjoni u tbassir imtejbja tas-sitwazzjoni fil-livell tal-UE; li jikkontribwixxu għall-Barometru ta' Schengen+ biex jappoġġa l-	Il-forniment ta' statistika rilevanti lill-Kummissjoni, fil-limiti definiti fir-regolamenti speċifiċi għas-sistema.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Rapportar statutorju		
ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna	identifikazzjoni tar-riskju għas-sigurtà interna.	
żamma tal-istatus quo		

2.6.3. Taħriġ lill-Istati Membri

L-eu-LISA tipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ regolari adatti għall-iskop dwar it-tħaddim u l-użu tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI u tfassalhom għall-ħtiġijiet u d-diskrepanzi fl-għarfien kif identifikati mill-utenti finali, bil-ħsieb li jinżamm livell eċċellenti ta' sodisfazzjon.

Objettivi ewlenin għall-2025

Taħriġ lill-Istati Membri

- It-tfassil u l-għoti ta' taħriġ imfassal apposta lill-utenti finali dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi eżistenti u ġodda tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA, jiġifieri, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, tal-ġestjoni tal-fruntieri u dawk ġudizzjarji, l-aġenziji tal-ĠAI.

Kooperazzjoni mas-CEPOL u aġenziji oħrajn tal-ĠAI

- Il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) fil-forniment ta' korsijiet ta' taħriġ konġunti dwar l-użu tas-sistemi tal-ĠAI u l-kondiviżjoni tal-għarfien espert f'oqsma ta' interess reċiproku; il-kooperazzjoni mal-Frontex u ma' Aġenziji oħrajn tal-ĠAI sabiex jingħata taħriġ rilevanti.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni M	Linja bażi (Ġunju 2023)
(KPI 16) Taħriġ: rata ta' sodisfazzjon	punteġġ medju '1 fuq minn 4 (fuq skala minn 1 sa 6)	5.4

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Taħriġ għall-Istati Membri żamma tal-istatus quo	L-utenti finali tas-sistema fil-komunità tal-ĠAI tal-UE mgħammra u aġġornati regolarment b'għarfien rilevanti dwar il-funzjonament tekniku u l-aħjar prattiki relatati mal-użu u t-tħaddim tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA.	It-tnejn ta' pjanijiet ta' taħriġ annwali skont il-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ. Il-forniment ta' taħriġ permezz ta' diversi metodi ta' twassil, jiġifieri webinars diretti, korsijiet online li l-parteċipanti jagħmlu bil-pass tagħhom, tagħlim wiċċ imb wiċċ. L-iżvilupp ta' metodoloġija ta' taħriġ ibbażata fuq approċċi u xejriet ġodda. L-għoti ta' aċċess mingħajr limitu lill-parteċipanti għall-kontenut tat-tagħlim fil-pjattaforma tat-taħriġ online. Il-portafoll ta' taħriġ tal-2025 ikopri s-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-EES, l-ETIAS, l-Interoperabbiltà, l-ECRIS-TCN, l-e-CODEX u l-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK.

2.6.4. Evalwazzjonijiet ta' Schengen

Il-funzjonament effettiv taż-żona Schengen jibbaża fuq qafas regolatorju u ta' politika kumpless, inklużi l-kooperazzjoni fis-SIS/SIRENE u l-politika komuni dwar il-viżi. Sabiex tiżgura l-applikazzjoni effettiva tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri, l-UE stabbiliet mekkaniżmu dedikat għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni xierqa tal-kooperazzjoni tas-SIS/SIRENE u tal-politika komuni dwar il-viżi (inkluża l-VIS). Ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-**mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen** (SEMM) hija kondiviża b'mod konġunt mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-eu-LISA tikkontribwixxi għas-SEMM billi tipprovdi għarfien espert speċjalizzat billi tipparteċipa bħala osservaturi f'missjonijiet ta' evalwazzjoni, kif ukoll f'rapporti ta' evalwazzjoni sussegwenti.

Objettiv ewlieni għall-2025

- il-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen tal-UE bħala osservatur u l-kontribut għal rapporti ta' evalwazzjoni biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-acquis ta' Schengen.

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Evalwazzjonijiet ta' Schengen żamma tal-istatus quo	L-implimentazzjoni xierqa tal- <i>acquis</i> ta' Schengen u l-għajnuna lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar mis-SIS u I-VIS, I-EES u I-ETIAS.	Il-parteċipazzjoni bħala osservaturi fl-evalwazzjonijiet ta' Schengen fl-oqsma tas-SIS/SIRENE u tal-VIS/tal-politika komuni dwar il-viżi, inkluż il-kontribut għal rapporti ta' evalwazzjoni sussegwenti.

2.7. Infrastruttura u networks

Sabiex tappoġġa b'mod effettiv il-tmexxija operattiva tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, l-Aġenzija tipprovdi infrastruttura sigura u affidabbli li tospita s-sistemi kollha tal-ĠAI li jiffaċilitaw it-trasferiment sigur tad-*data*. Għal dak il-għan, l-eu-LISA tiżgura l-operat kontinwu ta' żewġ siti tekniċi li jospitaw is-sistemi tal-ĠAI tal-UE u l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni tagħhom: l-unità ċentrali (CU) fi Strażburgu, Franza u l-unità ċentrali ta' riżerva (BCU) f'St Johann im Pongau, l-Awstrija. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija responsabbli biex tiżgura sigurtà ta' livell għoli u disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi għall-Istati Membri, flimkien mas-servizzi tekniċi u l-appoġġ għall-utenti 24 siegħa kuljum.

2.7.1. Network

L-Aġenzija hija responsabbli mill-ġestjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni li tipprovdi trasferiment sigur u affidabbli tad-*data* bejn is-sistemi ċentrali operati mill-eu-LISA u l-utenti finali tas-sistema, jiġifieri l-Istati Membri u aġenziji oħrajn tal-UE. Barra minn hekk, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tipprovdi wkoll konnessjoni minn punt għal punt bejn l-unità ċentrali fi Strażburgu u l-unità ċentrali ta' riżerva f'St Johann im Pongau, l-Awstrija.

L-infrastruttura tal-komunikazzjoni tuża n-network TESTA-ng (Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida), li jipprovdi network ewlieni separat mill-internet pubbliku. In-network TESTA-ng huwa operat minn fornitur privat ta' servizzi u fil-livell tal-UE l-kuntratt huwa ġestit mill-Kummissjoni Ewropea (DIGIT). L-Aġenzija tuża tliet dominji fuq it-TESTA-ng għall-operat tas-sistemi ĠAI (il-komponenti tal-interoperabbiltà se jintużaw ukoll fuq it-tliet dominji kollha):

- Id-Dominju tas-SIS għas-SIS u s-SIRENE Mail,¹¹⁴
- Id-Dominju tal-VIS għall-VIS u l-VISMail¹¹⁵, l-EES u l-ETIAS,
- EuroDomain għal Eurodac, DublinNet u ECRIS-TCN.

L-utenti finali jikkonnettjaw mad-dominji differenti (fiżikament separati fil-bini tal-utenti) bl-użu ta' punti ta' aċċess turnkey (TAPs) separati, normalment tnejn, li jinsabu f'faċilitajiet ġeografikament imbiegħda biex jerġgħu jibdwu l-operazzjonijiet malajr f'każ ta' diżastru jew manutenzjoni. Sabiex jiġu żgurati aktar id-disponibbiltà u l-affidabbiltà tan-network, it-TAPs innifishom jinkludu ridondanzi addizzjonali.

Objettivi ewlenin għall-2025

- Il-forniment ta' servizzi ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni disponibbli ħafna u siguri skont ir-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, inkluża t-tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tat-TAPs, filwaqt li jiġu implimentati wkoll l-aġġornamenti u l-evoluzzjonijiet meħtieġa.
- L-iżgurar ta' tmexxija operattiva effiċjenti tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS (it-tieni saff ta' kriptaġġ) biex tipprevjeni lill-korpi esterni (eż. il-fornitur ta' TESTA-ng) milli jkollhom aċċess għal *data* sensitiva u tipprevjeni l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzat tad-*data* waqt it-trasferimenti.
- Il-forniment ta' servizzi pubbliċi tas-sistema tal-ĠAI konnessi mal-Internet (eż. servizzi web tal-EES/ETIAS) u ż-żamma ta' riżorsi essenzjali tal-Internet (eż., numru tas-sistema awtonoma, żewġ blokko ta' indirizzi tal-IPv6 u żewġ blokko ta' indirizzi tal-IPv4).

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
Disponibbiltà tan-network fuq żona wiesgħa (WAN) (għas-SIS u għall-VIS)	≥ 99.99 %	kif ipplanat

¹¹⁴ **SIRENE Mail** huwa mekkaniżmu ta' komunikazzjoni użat mill-Uffiċċji nazzjonali ta' SIRENE għal informazzjoni supplimentari relatata ma' twissijiet tas-SIS.

¹¹⁵ **VISMail** huwa mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni użat mill-awtoritajiet nazzjonali tal-viża biex jikkonsultaw dwar l-applikazzjonijiet għal viża ta' Schengen.

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Tmexxija operattiva		
Tmexxija operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni żamma tal-istatus quo	Infrastruttura ta' komunikazzjoni affidabbli u sigura għas-sistemi tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA, skont il-FLS.	It-tħaddim tas-soluzzjonijiet tat-tieni saff ta' kriptaġġ fuq l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS/VIS, is-supervizzjoni operazzjonali tal-fornituri ta' servizzi, il-ġestjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-baġits/mal-kuntratti.
Aġġornamenti u evoluzzjoni		
Evoluzzjoni ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni tweqqi tal-proġett 2027	Infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura għas-SIS u I-VIS.	It-tnejn għall-aġġornament ta' saffi ta' kriptaġġ tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni għan-network ta' SIS, VIS u TESTA-ng.

2.7.2. Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI) u Pjattaformi ta' Hosting Intelliġenti (SHP)

L-infrastruttura fl-eu-LISA tikkonsisti mill-**Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI)** li tipprovdi Infrastruttura bħala Servizz (IaaS) għall-varar fuq il-post u l-**Pjattaforma Kondiviża Komuni (CSP)** li tibni fuq is-CSP, flimkien mal-**Pjattaforma Komprensiva tal-Cloud (CCP)**. Din l-infrastruttura skalabbli, aġli u standardizzata tipprovdi s-servizzi tekniċi sottostanti meħtieġa biex jiġihaddmu s-sistemi ċentrali kollha tal-IT ġestiti mill-eu-LISA. Bl-applikazzjoni ta' teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, dawn il-pjattaformi joffru qafas effiċjenti fir-riżorsi, is-simplifikazzjoni tal-kompiti ta' żvilupp u operazzjonali (riżerva ta' varar orjentat lejn id-DevOps), filwaqt li joffru wkoll grad għoli ta' awtomatizzazzjoni għall-ġestjoni tal-infrastruttura (Infrastruttura bħala Kodiċi).

Obiettivi ewlenin għall-2025

- L-iżgurar ta' tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti tas-CSP, tas-CSP u tas-CCP, flimkien ma' manutenzjoni korrettiva (inkluż hardware) u t-tiġdid f'waqtu tal-liċenzji tas-software kummerċjalment disponibbli (COTS), kif ukoll il-forniment ta' manutenzjoni adattiva f'rilaġġi ċikliċi għaż-żamma ta' software f'livell sigur u aġġornat.
- Il-ġestjoni tal-aċċess għas-sistemi tal-ĠAI permezz tan-network ta' ġestjoni sigura.
- L-għoti ta' servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti.
- It-tweqqi tal-evoluzzjonijiet meħtieġa biex jittejjbu l-prestazzjoni ġenerali tas-servizz, l-iskalabbiltà, il-flessibbiltà u s-sigurtà u l-allinjament tal-kapaċitajiet teknoloġiċi mal-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-UE u tal-Istati Membri.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
Min ta' rikonoxximent tal-inċidenti	rispons skont il-FLS	kif ippjanat
Min għar-riżoluzzjoni tal-inċidenti	rispons skont il-FLS	kif ippjanat
Disponibbiltà tas-sistema/tas-servizz	ambjenti ta' qabel il-produzzjoni: 99.50 % ambjenti tal-produzzjoni: 99.99 %	kif ippjanat

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Tmexxija operattiva		
Tmexxija operattiva tal-CSI żamma tal-istatus quo	It-tmexxija operattiva 24 siegħa kuljum tal-infrastruttura li tospita s-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE u l-manutenzjoni korrettiva skont ir-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet rispettivi dwar il-livell ta' servizz.	Il-monitoraġġ operazzjonali 24 siegħa kuljum tal-infrastruttura li tospita l-komponenti tas-CSP u li tipprovdi manutenzjoni korrettiva. L-identifikazzjoni, l-iżolament u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet, ir-restawr tas-CSI għall-kundizzjonijiet operazzjonali, il-manutenzjoni tal-hardware u tas-software (inklużi l-liċenzji).
Manutenzjoni adattiva tas-CSI żamma tal-istatus quo	Infrastruttura aġġornata, sigura u operazzjonali li tospita s-sistemi tal-ĠAI tal-UE biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema skont ir-rekwiżiti rilevanti ta' kapaċità, disponibbiltà u prestazzjoni.	Il-provvista ta' manutenzjoni adattiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema wara ċ-ċikli ta' tmiem il-ħajja għall-aġġornament u s-sostituzzjoni tal-infrastruttura.
Servizzi ta' hosting għall-Frontex u l-EUAA żamma tal-istatus quo	Servizzi ta' riżerva 24 siegħa kuljum għall-Frontex u l-Aġenzija tal-UE għall-ażil (EUAA) f'konformità mal-ftehimiet rispettivi dwar il-livell ta' servizz.	L-għoti ta' appoġġ 24 siegħa kuljum u koordinazzjoni fuq il-post ta' inċidenti u kwistjonijiet oħrajn, komunikazzjoni regolari u aġġornamenti tal-istatus, kif meħtieġ.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Manutenzjoni tas-CCP żamma tal-istatus quo	Stabbiltà u governanza mtejbja tal-pjattaforma tal-cloud.	L-ottimizzazzjoni tal-operazzjonijiet tal-pjattaforma tal-cloud għat-titjib tal-prestazzjoni u l-kosteffiċjenza
Manutenzjoni tas-CSP żamma tal-istatus quo	Titjib fl-istabbiltà u fil-governanza tal-pjattaformi fil-bini.	L-ottimizzazzjoni tal-operazzjonijiet tal-pjattaforma fil-bini għal prestazzjoni mtejbja u kosteffiċjenza.

2.8. Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet

Il-kapitolu li ġej jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-appoġġ għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-ĠAI tal-UE, b'enfasi fuq is-sigurtà u l-kontinwità tal-operat u s-servizzi ewlenin tal-IT, bħall-ġestjoni tat-tibdil operazzjonali, il-ġestjoni tat-testijiet, il-ġestjoni tar-rilaxx u tal-varar, kif ukoll il-ġestjoni tal-kuntratti. Flimkien, dawn l-attivitajiet u l-inizjattivi jipprovdu soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri u lill-utenti finali tas-sistemi l-oħrajn kollha, filwaqt li jsaħħu wkoll il-kapaċitajiet tagħhom għas-sigurtà tal-informazzjoni.

Għall-2025, l-eu-LISA tipprevedi l-kumplessità akbar tal-attivitajiet ta' sigurtà bħala waħda mill-isfidi ewlenin. Il-konnessjoni futura tas-sistemi tal-IT mal-internet pubbliku permezz tas-servizzi tal-web tirrappreżenta riskju kbir ġdid. Barra minn hekk, hemm riskju sostanzjali għaż-żieda fil-frekwenza tal-fażijiet ta' ttestjar u perjodi iqsar ta' ttestjar, li jistgħu jirriżultaw fil-forniment ta' servizzi ta' ttestjar ta' kwalità baxxa lill-partijiet ikkonċernati.

2.8.1. Operazzjonijiet tas-sistema

Sabiex tiżgura d-disponibbiltà u t-tħaddim mingħajr interruzzjoni tas-sistemi tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha, l-Aġenzija tipprovdi appoġġ operazzjonali kontinwu lill-utenti finali tas-sistemi kollha permezz tas-Service Desk tal-eu-LISA, li jopera fuq bażi 24 siegħa kuljum. Is-Service Desk jittratta t-talbiet għal servizz (proċeduri standard) u jikkoordina r-riżoluzzjoni tal-inċidenti (interruzzjonijiet fis-servizz) u l-problemi (investigazzjoni tal-kawżi ewlenin). Għal operazzjonijiet effettivi, l-Aġenzija tiżgura wkoll l-aġġornamenti kontinwi għall-**għodod ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM)**, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tranżizzjoni lejn il-mudell operattiv trażversali.

Objettivi ewlenin għall-2025

Appoġġ operazzjonali: appoġġ tal-ewwel u tat-tieni livell

- L-iżgurar ta' appoġġ kontinwu u ta' kwalità għolja tal-ewwel u tat-tieni livell għall-utenti finali tas-sistema.¹¹⁶

Għodod tas-servizzi operazzjonali

- L-iżgurar ta' monitoraġġ effettiv tas-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA, inkluż l-aġġornament tal-għodod biex jittejbu r-rispons u l-kwalità tal-appoġġ tal-ewwel u tat-tieni livell, jiġifieri l-għodda tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM), il-Manwal tal-Operatur Elettroniku (eOPM) u s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Avvenimenti (EMS).
- L-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Avvenimenti u l-integrazzjoni tas-sistemi eżistenti u ġodda kollha tal-ĠAI, kif ukoll infrastruttura kritika oħra tal-IT, biex jitnaqqas iż-żmien għar-rispons u jiġu solvuti l-inċidenti permezz ta' dehra unifikata tal-ekosistema sħiħa tal-IT.

Ġestjoni tal-kuntratti

- L-għoti ta' appoġġ effettiv u effiċjenti għall-akkwist ta' provvisti u servizzi operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI mill-istabbiliment tal-kuntratt sal-għeluq.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
(KPI 20) Prestazzjoni tas-Service Desk tal-eu-LISA	≥ 75 %	97 %
(KPI 19) Sodisfazzjon tal-klijenti (% tal-Istati Membri sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizz ipprovdut)	≥ 80 %	ikkalkulat fl-aħħar tas-sena

¹¹⁶ Skont ir-*Regolament e-CODEX 2022/850*, l-eu-LISA trid tipprovdi appoġġ tal-ewwel u tat-tieni livell biss matul il-ħinijiet tax-xogħol (EET).

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Ċentru tas-Servizzi tal-Operazzjonijiet		
Ċentru tas-Servizzi tal-Operazzjonijiet żamma tal-istatus quo	Is-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA jirċievu appoġġ suffiċjenti u effettiv biex jippermettu l-funzjonament xieraq tagħhom.	It-tmexxija operattiva 24 siegħa kuljum tas-sistemi kollha tal-attività ewlenija, jiġifieri s-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA.
Operazzjonijiet u manutenzjoni tas-soluzzjonijiet		
Operazzjonijiet u manutenzjoni tas-soluzzjonijiet żamma tal-istatus quo	Is-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA jirċievu appoġġ suffiċjenti u effettiv biex jippermettu l-funzjonament xieraq tagħhom.	L-għoti ta' appoġġ tekniku kontinwu lis-sistemi eżistenti, filwaqt li tiġi żgurata wkoll tmexxija operattiva mingħajr interruzzjoni u ta' kwalità għolja:
Għodod tas-servizzi operazzjonali		
Għodod ta' servizzi operazzjonali trażversali żamma tal-istatus quo	Il-prodotti/l-għodod tas-servizzi operazzjonali u l-proċessi ta' riżoluzzjoni jiżguraw disponibbiltà stabbli u kontinwa tas-sistemi u livelli ta' prestazzjoni mistennija f'termini ta' affidabbiltà u kwalità.	Il-forniment ta' servizzi ta' appoġġ għall-amministrazzjoni ta' prodotti/għodod tas-servizz operazzjonali, b'manutenzjoni korrettiva, preventiva, adattiva u ta' perfezzjonament, inklużi l-liċenzji.
Titjib fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Avvenimenti twettiq tal-proġett 2026	Titjib fis-servizzi ta' appoġġ għall-utenti finali 24 siegħa kuljum billi jitnaqqas il-ħin għar-rispons u r-riżoluzzjoni tal-inċidenti.	L-integrazzjoni tas-sistemi eżistenti u ġodda kollha tal-ĠAI, flimkien ma' infrastruttura kritika tal-IT, fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Avvenimenti.
Sostituzzjoni tal-ġodda tal-ITSM twettiq tal-proġett 2026	Kontinwità tas-soluzzjoni tal-ITSM tal-eu-LISA.	Il-migrazzjoni tal-proċessi attwali tal-ITSM għall-ġodda l-ġdida, il-varar ta' hardware ġdid, il-ħolqien ta' dokumentazzjoni rilevanti għall-personalizzazzjoni tal-eu-LISA u t-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati kollha fl-użu tal-ġodda l-ġdida.
Ġestjoni tal-kuntratti		
Ġestjoni tal-kuntratti żamma tal-istatus quo	Id-disponibbiltà u l-kontinwità tas-servizzi tal-inġinerija u dawk operazzjonali għas-sistemi tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA.	L-iżgurar ta' ġestjoni tal-kuntratti konformi u effettiva permezz tal-monitoraġġ u l-kontroll tal-eżekuzzjoni ta' kuntratti qafas trażversali, skont il-qafas ta' governanza.
Tranżizzjoni ta' servizzi esternalizzati żamma tal-istatus quo	Il-kontinwità tas-servizzi esternalizzati għall-inġinerija u l-operazzjonijiet tas-sistemi tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA.	L-għoti ta' appoġġ għat-tranżizzjoni tas-servizzi mit-TEF/TOF jew kuntratti qafas oħrajn, għall-istruttura kuntrattwali li jmiss għas-servizzi tal-inġinerija u operazzjonali, inklużi l-ippjanar tat-tranżizzjonijiet għal kull sistema tal-ĠAI u l-komponenti assoċjati, id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' akkwist, l-appoġġ għall-ippjanar u l-eżekuzzjoni, it-trasferiment tal-għarfien u r-responsabbiltà lil kuntratturi ġodda (mekkaniżmu ta' trasferiment/akkwiżizzjoni).

2.8.2. Tranżizzjoni tas-servizzi

Fl-appoġġ għall-operazzjonijiet tas-sistema, wieħed mill-kompiti ewlenin tal-eu-LISA huwa l-aspett tal-kontroll tal-kwalità, imwettaq permezz ta' tmexxija operattiva tat-tibdil, tal-ittestjar, tat-tranżizzjoni, tar-rilaxx u tal-varar, flimkien mal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni, inkluża t-tranżizzjoni għat-tħaddim.

Obiettivi ewlenin għall-2025

- L-għoti ta' appoġġ u manutenzjoni għas-sistemi kollha tal-ĠAI u l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni tagħhom, il-komponenti tal-interoperabbiltà, l-infrastruttura ċentralizzata li tospita s-sistemi u l-pjattaforma ta' ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni, inkluż l-appoġġ għall-aġġornamenti u l-ittestjar tas-sistemi eżistenti u r-riformulazzjonijiet kritiċi.
- L-għoti ta' appoġġ operattiv lill-Istati Membri, filwaqt li tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-kontropartijiet ċentrali u nazzjonali, inkluż appoġġ lit-trasportaturi;
- Il-konsolidazzjoni tal-għodod u l-proċessi interni biex jiġi adottat approċċ aktar aġli għall-ġestjoni tar-rilaxx, tal-bidla u tal-ittestjar/tal-kwalifiki, inkluż it-titjib tal-għodod taċ-Ċiklu tal-ħajja tal-Iżvilupp tas-Sistemi (SDLC).

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
il-kampanji ta' ttestjar tlestew skont l-iskeda	> 90 %	kif ippjanat: sistemi ta' legat: 100 %; sistemi ġodda: mhux disponibbli
kopertura shiġa tar-rekwiżiti	> 95 %	kif ippjanat: sistemi ġodda 100 %; sistemi ta' legat: mhux disponibbli (ir-rekwiżiti mhux definiti kollha)
bidliet operattivi implimentati b'mod effettiv magħluqa matul is-sena (mhux abbandunati jew ikkanċellati)	> 75 %	kif ippjanat

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Tranżizzjoni tas-servizzi		
Ġestjoni tat-testijiet żamma tal-istatus quo	L-assigurazzjoni li l-prodotti u s-servizzi jwasslu l-valur maħsub; stabbiltà mtejbja, inqas inċidenti u sodisfazzjon tal-klijenti.	L-ġhotti ta' pariri dwar l-approċċ ta' ttestjar, il-prattiki, l-ġhodod, flimkien ma' informazzjoni u taħriġ lill-utenti finali. L-ippjanar, it-tfassil, ir-rieżami u l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' ttestjar għall-operazzjonijiet ta' manutenzjoni korrettivi u adattivi kollha.
Ġestjoni tat-tibdil operazzjonali żamma tal-istatus quo	L-implimentazzjoni xierqa tal-bidliet tekniċi mill-partijiet ikkonċernati, b'impatt kummerċjali minimu fuq il-forniment ta' servizzi.	L-ipproċessar tal-bidliet u l-appoġġ għat-timijiet operazzjonali fl-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-bidliet.
Ġestjoni tar-rilaxx u tal-varar żamma tal-istatus quo	Is-sistemi tal-IT ġew aġġornati b'suċċess bl-aħħar funzjonalitajiet u softwares korrettivi, b'impatt minimu fuq il-prestazzjoni u d-disponibbiltà tas-sistema.	Il-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' ġestjoni tar-rilaxx u tal-varar fil-fażijiet kollha: l-ippjanar, il-bini, l-ittestjar u l-validazzjoni, il-varar, ir-rieżami u l-ġheluq, inkluż il-ġestjoni tat-trasferiment formali ta' servizzi ġodda, modifikati jew irtirati lil timijiet operazzjonali.
Tranżizzjoni għat-tħaddim żamma tal-istatus quo	Sistemi ġodda tal-IT li joperaw b'suċċess fl-ambjent tal-produzzjoni, f'konformità mal-bażi ġuridika applikabbli u mar-rekwiżiti tas-sistema.	L-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' tranżizzjoni mit-tnejn sal-aċċettazzjoni finali tas-sistema u l-valutazzjoni tal-prontezza organizzazzjonali għat-tranżizzjoni għat-tħaddim.

2.8.3. Sigurtà, ċibersigurtà u kontinwità tal-operat

Sabiex tiżgura l-pożizzjoni tas-sigurtà effettiva u r-reżiljenza tas-sistemi tal-ĠAI fdati lill-eu-LISA, l-Aġenzija timmonitorja u tiġġestixxi kontinwament il-vulnerabbiltajiet, it-teddidi u r-riskji residwi tas-sigurtà permezz ta' miżuri ta' sigurtà robusti, inkluż it-titjib kontinwu u t-titjib tal-miżuri taċ-ċibersigurtà.

Obiettivi ewlenin għall-2025

- L-iżgurar tal-ogħla konformità mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti tas-sigurtà billi jiġi applikat **approċċ ta' "difiża fil-fond"** għal kull sistema ta' informazzjoni tal-ĠAI (inklużi sistemi esposti għall-Internet) u jiġi implimentati saffi ta' miżuri ta' sigurtà biex tiġi pprovduta reżiljenza għal inċidenti u attacchi ċibernetiċi.¹¹⁷
- Il-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskji residwi għas-sistemi tal-IT fdati lill-eu-LISA, biex tiġi pprovduta assigurazzjoni li l-kontrolli tas-sigurtà xierqa jkunu effettivi, implimentati u ġestiti kif xieraq, inkluż l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet relatati mas-sigurtà minn awditi, valutazzjonijiet, eżerċizzji u ż-żamma tal-qafas tas-sigurtà aġġornat.
- It-titjib tal-pożizzjoni taċ-ċibersigurtà tal-Aġenzija, it-tiżiħ tad-difiżi ċibernetiċi tagħha u ż-żieda fil-kapaċitajiet tagħha biex tidentifika u tirreaġixxi fil-pront għall-operazzjonijiet ċibernetiċi.
- L-iskambju kontinwu tal-għarfien u tal-aħjar Prattiki dwar kwistjonijiet relatati mal-kontinwità tal-operat.

¹¹⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi miżuri għal **livell għoli komuni ta' ċibersigurtà** fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, ĠU L, 18.12.2023.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
% tal-oġġettivi statutorji tas-sigurtà implimentati	100 %	100 %
% tal-valutazzjonijiet tar-riskju tas-sigurtà mwettqa fil-konfront tas-sistemi (id-disinn, l-iżvilupp, il-produzzjoni)	100 %	100 %

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Sigurtà, ċibersigurtà u kontinwità tal-operat		
Kontinwità tal-operat operazzjonali żamma tal-istatus quo	Ir-reżiljenza u l-kontinwità tas-servizzi għas-sistemi tal-attività ewlenija tal-eu-LISA f'konformità mar-rekwiżiti legali.	It-tmexxija u r-rieżami tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq in-negozju u l-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju għall-operazzjonijiet kollha tas-sistema tal-attività ewlenija inkluż l-abbozzar u l-aġġornament ta' pjanijiet ta' kontinwità tal-operat speċifiċi għas-sistema, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' kontrolli tal-kontinwità tal-operat, it-twettiq ta' eżerċizzji u l-iżgurar tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u tar-rapporti tal-eżerċizzju.
Servizzi ta' sigurtà tal-IT ġestiti żamma tal-istatus quo	L-appoġġ għas-servizzi tas-sistemi tal-attività ewlenija, ir-riskji għas-sigurtà tal-IT ġestiti f'livell aċċettabbli.	Il-monitoraġġ tas-sigurtà tal-infrastruttura tal-IT korporattiva tal-eu-LISA biex jiġu appoġġati s-servizzi tas-sistema tal-attività ewlenija (inklużi l-punti tat-tmim u l-punti ta' aċċess għan-network korporattiv); is-sigurtà tal-konfini, is-sigurtà tal-punt tat-tmim, is-servizzi ta' ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċavetta pubblika u l-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà.
Sigurtà u assigurazzjoni tal-informazzjoni żamma tal-istatus quo	Ir-riskji għas-sigurtà tal-informazzjoni huma ġestiti f'livell xieraq f'konformità mar-rekwiżiti legali u tan-negozju, kif ukoll l-aħjar prattiki għas-sigurtà tal-informazzjoni.	Is-sorveljanza tas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni tal-eu-LISA (inklużi valutazzjonijiet tar-riskju u pjanijiet ta' sigurtà għas-sistemi tal-IT), l-arkitettura u l-ittestjar tas-sigurtà, il-konsulenza dwar il-politika tas-sigurtà (inklużi valutazzjonijiet, awditi u testijiet tas-sigurtà).
Servizzi tal-operazzjonijiet taċ-ċibersigurtà żamma tal-istatus quo	Il-vulnerabbiltajiet u r-riskji taċ-ċibersigurtà huma ġestiti f'livell xieraq f'konformità mal-aħjar prattiki fid-detezzjoni tat-theddud u r-rispons għall-inċidenti, bil-ħsieb li tibqa' kustodju affidabbli u sigur tal-informazzjoni sensittiva.	Il-monitoraġġ kontinwu taċ-ċibersigurtà u l-ittestjar tal-vulnerabbiltà, il-monitoraġġ tal-informazzjoni dwar is-sigurtà u l-ġestjoni tal-avvenimenti, il-ġestjoni u r-rispons għall-inċidenti tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess, il-ġestjoni tal-vulnerabbiltà tat-teknoloġija, il-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċavetta pubblika, il-ġestjoni sigura tal-konfigurazzjoni u l-indirizzar ta' inċidenti ċibernetiċi mis-CSIRT.
Eżerċizzju ta' kontinwità tal-operat u ta' rkupru minn diżastri 2025 twettiq tal-proġett 2025	L-assigurazzjoni li l-eu-LISA topera f'konformità mar-rekwiżiti tal-kontinwità tal-operat, tal-ġestjoni tal-inċidenti u tal-irkupru minn diżastri f'każ ta' inċidenti ta' tfixkil relatati mas-sistemi jew mas-servizzi tan-negozju tal-ĠAI.	L-ittestjar tas-sistemi tal-ĠAI għal kontrolli, proċeduri u proċessi speċifiċi għall-kontinwità tal-operat, l-irkupru minn diżastri, is-sigurtà, il-ġestjoni tal-inċidenti. Eżerċizzju mħejji u eżegwit f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri parteċipanti, evalwazzjoni tal-eżiti u rapportar lill-Bord tat-Tmexxija.

2.8.4. Appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri

Kif stipulat fl-Artikoli 9 u 16 tar-Regolament li jstabbilixxi l-eu-LISA, l-Aġenzija tinsab lesta li tappoġġa lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lil aġenziji rilevanti oħrajn tal-UE fit-tnejn, fl-iżvilupp jew fl-operazzjonalizzazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI fdati lilha billi tipprovdi:

- pariri esperti lill-Istati Membri u aġenziji oħrajn tal-UE dwar il-konnessjoni tas-sistemi jew l-interfaċċi nazzjonali tagħhom mas-sistemi ċentrali ġestiti mill-eu-LISA,
- appoġġ ad hoc li jitolbu l-Istati Membri mill-Kummissjoni f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni,
- parir jew appoġġ lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tekniċi relatati ma' sistemi tal-IT eżistenti jew ġodda,

- assistenza fl-iżvilupp, fil-ġestjoni jew fl-ospitar ta' komponenti tal-IT komuni, jekk jintalbu minn tal-inqas 5 Stati Membri, bl-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni u wara deċiżjoni pożittiva tal-Bord tat-Tmexxija.

L-Aġenzija tkompli tiġġestixxi u tiżviluppa aktar is-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE fdati lilha, twettaq il-kompiti u s-servizzi stabbiliti fir-regolamenti rilevanti u tipprovdi taħriġ tekniku lill-utenti finali kollha fil-komunità tal-ĠAI tal-UE.

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri <i>ad hoc, kif mitlub</i>	L-appoġġ lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni jew lil aġenziji oħrajn tal-UE fit-tnejn, fl-iżvilupp jew fl-operazzjonalizzazzjoni tas-sistemi tal-ĠAI, skont l-Artikoli 9 u 16 tar-Regolament fundatur.	L-għoti ta' pariri esperti, appoġġ ad hoc, pariri tekniċi/appoġġ relatati ma' sistemi tal-IT eżistenti jew ġodda u assistenza għall-iżvilupp, il-ġestjoni jew l-ospitar ta' komponenti tal-IT komuni.

2.8.5. Gruppi Konsultattivi, laqgħat u missjonijiet

L-Aġenzija tappoġġa u tikkoordina kontinwament il-ħidma kemm tal-partijiet ikkonċernati interni kif ukoll ta' dawk esterni u tal-korpi ta' governanza billi tiġbor u tanalizza t-talbiet u r-rekwiżiti tan-negozju, tippresjedi l-laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi tal-eu-LISA (jiġifieri, is-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-EES-ETIAS, l-ECRIS-TCN, l-Interoperabbiltà, l-e-CODEX u s-CP tas-SIK) u ta' diversi gruppi ta' ħidma oħrajn.

Objettivi ewlenin għall-2025

Gruppi Konsultattivi u laqgħat

- L-għoti ta' appoġġ amministrattiv u loġistiku ta' kwalità għolja lill-Gruppi Konsultattivi (AG) eżistenti u possibbilment ġodda u lill-Bordijiet tat-Tmexxija tal-Programmi (PMB) tal-eu-LISA biex jappoġġaw il-ħidma ta' kuljum tagħhom u jiżguraw li l-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom jiġu ssodisfati, inkluż appoġġ lil diversi gruppi ta' kooperazzjoni u ta' ħidma, kif ukoll diversi workshops tekniċi kif mitlub mill-AGs.¹¹⁸

Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija

- L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-eu-LISA biex jiġu indirizzati s-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
Sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati bl-appoġġ organizzazzjonali u segretarjali	>70 % (imkejje kull sena)	98.6 %

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Gruppi Konsultattivi, laqgħat u missjonijiet		
Appoġġ amministrattiv lill-Gruppi Konsultattivi <i>żamma tal-istatus quo</i>	Appoġġ effettiv u f'waqtu lill-AGs u lill-PMBs tal-eu-LISA kif stipulat fir-Regolament fundatur u fir-regoli ta' proċedura tal-korpi ta' governanza.	L-appoġġ lill-AGs u lill-PMBs tal-eu-LISA, lill-gruppi ta' ħidma u lill-gruppi ta' esperti, inklużi l-koordinazzjoni, it-tnejn u l-faċilitazzjoni tal-laqgħat; il-kollegament u l-komunikazzjoni regolari; il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u tal-eżiti.
Appoġġ amministrattiv għal laqgħat u missjonijiet oħra <i>żamma tal-istatus quo</i>	L-appoġġ effettiv u f'waqtu għad-diversi laqgħat u missjonijiet tal-eu-LISA.	Il-ġestjoni u l-koordinazzjoni ta' missjonijiet u laqgħat, inklużi laqgħat ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, laqgħat u avvenimenti regolari u ad hoc, konferenza annwali, avvenimenti madwar mejda tal-industrija, eċċ.

¹¹⁸ Għaddejnin negozjati biex jiġi ddeterminat jekk għandhomx jiġu akkomodati inizzjattivi ġodda li ngħataw mandat lill-eu-LISA (eż., ir-router tal-API, il-VAP tal-EU, ir-router ta' Prüm) fl-ambitu ta' strutturi ta' governanza eżistenti jew ġodda, eż., ir-router tal-API skont il-korpi ta' governanza tal-EES/ETIAS u l-VAP tal-UE skont il-Grupp Konsultattiv tal-VIS; jeħtieġ li jiġu stabbiliti korpi ta' governanza ġodda għar-router ta' Prüm II u Bord tat-Tmexxija tal-Programm ġdid għall-VAP tal-UE.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Gruppi Konsultattivi, laqgħat u missjonijiet		
Pjan ta' Azzjoni dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija żamma tal-istatus quo	Prestazzjoni operazzjonali mtejbja b'riżultat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni; l-eu-LISA hija mgħammra aħjar biex twassal objettivi strateġiċi.	It-tnejn tal-pjan ta' azzjoni tal-eu-LISA biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni, inkluż il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-rapportar regolari tal-progress lill-Bord tat-Tmexxija.

2.9. Attivitàjiet korporattivi

Dan il-kapitolu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitàjiet korporattivi u ta' governanza li jappoġġaw il-ġestjoni effiċjenti u kosteffettiva tal-eu-LISA, filwaqt li jsaħħaħ ukoll il-kapaċità tal-Aġenzija li tindirizza l-bidliet fil-prijoritajiet politiċi fid-dominju tal-ĠAI tal-UE, kif ukoll id-domandi dejjem akbar mill-partijiet ikkonċernati.

2.9.1. Governanza

L-Aġenzija kontinwament ittejjeb u timplimenta sistema b'saħħitha ta' governanza korporattiva biex tiżgura operat trasparenti u responsabbli bbażat fuq proċessi effiċjenti, kosteffettivi u teħid ta' deċiżjonijiet xprunat mid-*data*. Dawn l-attivitàjiet jinkludu l-ippjanar strateġiku u operazzjonali, il-monitoraġġ u r-rapportar tal-prestazzjoni, il-protezzjoni tad-*data*, il-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni dwar l-attivitàjiet tal-eu-LISA.

L-isfidi ewlenin għall-governanza korporattiva baqgħu l-istess: biżżejjed persunal kwalifikat; id-disponibbiltà ta' *data* ta' kwalità għat-teħid ta' deċiżjonijiet effiċjenti, id-dipendenza fuq fornituri ta' servizzi esterni għall-biċċa l-kbira tal-kompiti ta' governanza.

Governanza u konformità

Sabiex tilħaq l-objettivi annwali u pluriennali tagħha u tallinja mar-rekwiżiti u l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati u tiżgura l-konformità mal-qafas regolatorju tal-UE, l-Aġenzija kontinwament tallinja r-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħha, ittejjeb is-servizzi u l-proċess tagħha, issaħħaħ il-qafas ta' governanza tagħha u trawwem it-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiku u operazzjonali xprunat mid-*data*.

Objettivi ewlenin għall-2025

- It-tiżiħ tal-kapaċitajiet strateġiċi u ta' ġestjoni tal-proġetti biex tkompli ittejjeb il-prestazzjoni tal-eu-LISA u jiġi żgurat l-użu kosteffettiv tar-riżorsi tagħha.
- L-iffaċilitar ta' governanza tajba permezz tal-monitoraġġ tal-istandards ta' kontroll intern, filwaqt li jiġu promossi wkoll ġestjoni suffiċjenti tal-kwalità u governanza tajba abbażi ta' deċiżjonijiet xprunati mid-*data*.
- L-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti kollha applikabbli tal-protezzjoni tad-*data* u tal-kontroll intern, filwaqt li jiġu implimentati wkoll is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet minn diversi awditi, b'enfasi partikolari fuq l-għeluq effettiv tal-aktar sejbiet u rakkomandazzjonijiet importanti u antiki mingħajr aktar dewmien.
- L-implimentazzjoni kontinwa tar-rekwiżiti ta' governanza kif deskritti fir-Regolament fundatur, inkluż l-issodisfar tal-obbligi legali għall-attivitàjiet ta' ppjanar u rapportar sabiex tiġi pprovduta informazzjoni f'waqtha u suffiċjenti lill-partijiet ikkonċernati dwar il-prestazzjoni u l-ilhūq tal-objettivi tal-eu-LISA.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni (imkejla kull sena)	Linja bażi (Ġunju 2023)
(KPI 21) Valutazzjoni tal-Proġett: it-tlestija u l-progress tal-proġett kontra l-parametri tal-kwalità/tal-kost/tal-ħin (filwaqt li jitqiesu t-tolleranzi tal-proġett)	> 10 %	ma ntlaħqitx: 16.59 %
(KPI 22) Ġestjoni tal-Proġetti: valutazzjoni tal-konformità tal-proġetti kompluti skont il-Metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti tal-eu-LISA	proġetti żgħar: > 75 % proġetti ta' daqs medju: > 80 % proġetti kbarr: > 8 %	proġetti żgħar l-ebda proġett żgħir fl-ambitu proġetti ta' daqs medju: 66 % (ma ntlaħqitx) proġetti kbarr: 74 % (ma ntlaħqitx) (linja bażi 2022)
(KPI 23a) % tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi, li minnhom:		ma ntlaħqitx:
kritiċi	100 %	mhux disponibbli
importanti ħafna	≥ 90 %	63 %
importanti	≥ 80 %	62 %

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni (imkejla kull sena)	Linja bażi (Ġunju 2023)
(KPI 23b) L-għadd u ż-żmien tar-rakkomandazzjonijiet pendenti, li minnhom:		intlaħqet parzjalment:
inqas minn 6 xhur	≤ 4	4
bejn 6 xhur u sena	≤ 2	0
aktar minn sena	≤ 1	8
Protezzjoni tad-Data: L-ebda waħda mit-talbiet issodisfati għall-pariri tal-UPD riċevuti mis-sidien tan-negozju	80 % tat-talbiet ġew sottomessi fi stadju bikri 60 % tat-talbiet ġew issodisfati 60 % tat-talbiet ġew issodisfati fi żmien f'waqtu	Intlaħqet: 80 % tat-talbiet ġew sottomessi fi stadju bikri 60 % tat-talbiet ġew issodisfati 60 % tat-talbiet ġew issodisfati fi żmien f'waqtu

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Governanza		
Governanza korporattiva, konformità u ġestjoni tal-kwalità żamma tal-istatus quo	Il-governanza u l-kontrolli interni tal-Aġenzija jiffunzjonaw kif suppost, bl-oġettivi operazzjonali u ta' konformità miksuba. Il-forniment ta' assigurazzjoni lill-partijiet ikkonċernati; l-ippjanar sistematiku u trasparenti tal-attivitajiet f'konformità mar-rekwiżiti statutorji rilevanti, bil-ħsieb li jiġi żgurat l-ilħuq b'suċċess tal-oġettivi strateġiċi. Prestazzjoni mtejbja tal-governanza korporattiva, assigurazzjoni akbar fir-rigward tal-kwalità tal-operazzjonijiet u l-ilħuq ta' oġettivi strateġiċi.	Il-valutazzjoni tal-effettività tal-Qafas ta' Kontroll Intern (QKI); iż-żamma tar-reġistru tal-eċċezzjonijiet u tan-nuqqasijiet ta' konformità; il-ġestjoni tal-prestazzjoni; l-implimentazzjoni ta' tabelli ta' valutazzjoni b'bilanċjati għall-istrateġija korporattiva; id-dokumentazzjoni, il-manutenzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi ta' governanza. Il-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' ppjanar annwali u pluriennali, inkluż it-tnejn ta' SPDs; rapporti korporattivi, rapport dwar is-sostenibbiltà; l-aġġornament tal-KPIs korporattivi u l-istrateġija korporattiva fit-tul, inkluż il-pjan direzzjonali, ir-rapportar tal-implimentazzjoni. Il-koordinazzjoni tal-Bord tal-Kwalità, l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità bbażata fuq il-qafas tas-CAF, inkluż l-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni, l-implimentazzjoni/il-monitoraġġ tal-pjan ta' titjib u ż-żamma tat-tikketa tal-"Utent effettiv tas-CAF".
Ġestjoni tal-Programmi u tal-Proġetti żamma tal-istatus quo	Allinjament imtejjeb bejn l-istrateġija tal-eu-LISA u l-eżekuzzjoni tal-proġetti, filwaqt li jiġi żgurat tlietliq f'waqtu bil-kwalità mistennija.	L-iżvilupp kontinwu tal-kapaċità tal-ġestjoni tal-programmi u tal-proġetti (PPM) tal-eu-LISA, inklużi l-ġestjoni u l-integrazzjoni tal-proċess, l-assigurazzjoni tal-kwalità, ir-rapportar.
Qafas ta' Servizzi u Proċessi tal-eu-LISA żamma tal-istatus quo	It-twassil effiċjenti u affidabbli tas-servizzi, l-effiċjenza standardizzata tal-proċessi kollha.	Iż-żamma tal-mudell integrat tas-servizzi u tal-proċessi tal-eu-LISA, inkluż il-katalogu tal-prodotti u tas-servizzi.
Titjib kontinwu tas-servizzi u l-proċessi tal-eu-LISA żamma tal-istatus quo	Kwalità għolja u effiċjenza kontinwi tal-prestazzjoni operazzjonali b'riżultat tal-monitoraġġ sistematiku u l-aġġornament regolari tal-qafas integrat tas-servizzi u l-proċessi tal-eu-LISA.	Il-monitoraġġ, ir-reviżjoni u l-aġġornament regolari tas-servizzi u l-proċessi biex jiġi żgurat it-tħaddim effiċjenti, inklużi d-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċessi/servizzi ġodda għal sistemi ġodda tal-ĠAI; id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-proċessi, li tippermetti kejl u rapportar aktar effiċjenti.
Kontinwità tal-Arkitettura tal-Intrapriża żamma tal-istatus quo	Allinjament ottimali tal-inizjattivi tal-arkitettura, tad-disinn u tal-iżvilupp mal-għanijiet ġenerali tal-eu-LISA, kif ukoll l-istrateġija korporattiva u teknoloġika tagħha.	L-iżvilupp tal-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI għal sistemi eżistenti/ġodda; l-istabbiliment ta' standards arkitettoniċi; l-immudellar tal-entità tad-data u l-funzjoni tan-negozju; l-iżvilupp ta' matriċi ta' skambju ta' informazzjoni; iż-żieda fil-Livell ta' Maturità tal-Intrapriża.
Kompiti orizzontali korporattivi żamma tal-istatus quo	Appoġġ u koordinazzjoni amministrattivi ta' kwalità għolja u f'waqthom biex jiġi żgurat it-tħaddim effiċjenti, l-iffaċilitar ta' gwida u sorveljanza effettivi u b'hekk isir kontribut għall-kisba tal-għanijiet u l-oġettivi strateġiċi.	L-għoti ta' appoġġ amministrattivi lill-kapijiet tad-dipartimenti/tal-unitajiet; il-koordinazzjoni tal-laqqha tal-Kumitat tat-Tmexxija; il-parteċipazzjoni fin-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN) u laqqha oħrajn bejn l-aġenziji mhux koperti minn attivitajiet oħrajn; u l-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-għażla.
Konformità		
Implimentazzjoni tal-pjan annwali tal-awditu intern żamma tal-istatus quo	Valur organizzazzjonali msaħħaħ u operazzjonijiet imtejbja billi jintuża approċċ sistematiku u dixiplinat għall-evalwazzjoni u t-titjib tal-effettività tal-governanza, il-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi ta' kontroll.	Il-forniment ta' servizzi ta' assigurazzjoni u konsulenza bbażati fuq ir-riskju u oġġettivi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord, inklużi valutazzjonijiet tar-riskju tal-awditjar, awditi interni, koordinazzjoni ta' awditi esterni, monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet tal-

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
		awditjar, valutazzjoni tal-proċessi ta' kontroll intern u kontrolli tal-proċessi tan-negozju, monitoraġġ/manutenzjoni ta' attivitajiet ta' assigurazzjoni, inklużi strateġija kontra l-frodi, proċess ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, reġistru ta' trasparenza.
Protezzjoni tad-data żamma tal-istatus quo	L-attivitajiet tal-eu-LISA jikkonformaw mal-istandards, ir-rekwiżiti u r-regolamenti rilevanti kollha dwar il-protezzjoni tad-data, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT ġestita mill-eu-LISA.	Funzjoni konsultattiva interna; monitoraġġ sistematiku tal-operazzjonijiet; it-trattament ta' talbiet/ilmenti tal-EDPS; iż-żamma ta' reġistri interni tal-protezzjoni tad-data; awditi interni regolari ta' attivitajiet u rapportar tal-ipproċessar tad-data (inkluża l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar); attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni (inkluż taħriġ); il-kompilazzjoni tar-Rapport ta' Ħidma Annwali 2024; ir-rappreżentazzjoni tal-eu-LISA f'fora rilevanti (eż. laqgħat tan-network tal-UPD); u kooperazzjoni mill-qrib mal-EDPS u ma' UPD oħrajn tal-UE.

Ġestjoni u komunikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati

Sabiex iżżomm u ssaħħa il-viżibbiltà u l-immaġni tal-eu-LISA bħala sieħeb fdat u affidabbli fl-oqsma ta' għarfien espert tagħha, l-Aġenzija kontinwament ittejjeb u tiżviluppa skambju ta' informazzjoni u relazzjonijiet ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati tagħha fid-dominju tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI) tal-UE, primarjament l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, kemm b'mod bilaterali kif ukoll permezz ta' networks. Fuq talba, l-eu-LISA tipprovi informazzjoni u għarfien espert tekniku dwar inizzjattivi leġiżlattivi rilevanti.

Objettivi ewlenin għall-2025

- Iż-żamma tal-immaġni professjonali b'saħħitha tal-eu-LISA bħala sieħeb fdat u ta' valur permezz ta' kontribut kostruttiv għall-proċess leġiżlattiv u tat-tfassil tal-politika fid-dominju tal-ĠAI tal-UE.
- L-iffaċilitar tal-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni u t-trawwim ta' sħubiji b'saħħithom mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u l-involviment attiv f'diskussjonijiet tekniċi u strateġiċi.
- Iż-żamma ta' relazzjoni tan-negozju effiċjenti u produttiva mal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA (inkluża l-industrija), l-għoti ta' appoġġ u gwida għall-partijiet ikkonċernati fil-ġestjoni tat-talbiet, it-tweqqif ta' analiżi tan-negozju u l-koordinazzjoni tal-valutazzjoni interna tar-rekwiżiti tan-negozju. L-Aġenzija għandha l-għan li tevolvi minn fornitur ta' servizzi għal sieħeb tan-negozju reali għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni.
- It-tkomplija ta' kollaborazzjoni mill-qrib, trasparenti u kostruttiva mal-Bord tat-Tmexxija u mal-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tiegħu dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar.
- It-titjib tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati u r-reputazzjoni professjonali tal-eu-LISA billi jiġu ffaċilitati skambju effiċjenti ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali billi jiġu enfasizzati pożizzjonijiet kondiviżi u tiġi estiża s-sensibilizzazzjoni tal-messaġġi, eż., l-organizzazzjoni tal-konferenza annwali tal-eu-LISA, it-tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-media u l-espansjoni ulterjuri tal-preżenza online tagħha.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni (imkejla kull sena)	Linja bażi (2022)
(KPI 29) Impatt tal-komunikazzjoni esterna		
a) sit web: tinżamm il-linja bażi u r-rata ta' bbawnsjar	a) tinżamm il-linja bażi, rata ta' bbawnsjar ta' < 40 % b) +200	a) intlaħqet b) intlaħqet: LinkedIn: +42 %; YouTube: +25 % Twitter: +21 % Facebook: +15 %
b) media soċjali: segwaċi ġodda għal kull pjattaforma	c) > 90 %	c) 86.3 %
c) avvenimenti ta' involviment: rata ta' sodisfazzjon	d) > 95 %	d) 95.3 %
d) avvenimenti: rata ta' parteċipazzjoni		
(KPI 30) Impatt tal-komunikazzjoni interna (sħarriġ ta' sodisfazzjon)		
e) rata ta' parteċipazzjoni	a) > 51 %	a) 59 %
f) sodisfazzjon bil-kanali/azzjonijiet interni	b) > 70 %	b) 91 %

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati		
Appoġġ amministrattiv lill-Bord tat-Tmexxija żamma tal-istatus quo	Appoġġ effettiv u f'waqtu lill-Bord tat-Tmexxija kif stipulat fir-Regolament fundatur u fir-regoli ta' proċedura għall-korpi ta' governanza.	L-ġhoti ta' appoġġ amministrattiv lill-Bord u lis-sottogruppi tiegħu (eż., l-ACFC, il-Grupp ta' Koordinazzjoni, eċċ.), inklużi l-koordinazzjoni, it-tnejn u l-faċilitazzjoni tal-laqqgħat u s-segwitu.
Attivitajiet tal-Uffiċċju ta' Kollegament żamma tal-istatus quo	Viżibbiltà u immaġni mtejbja bħala sieħeb fdat u affidabbli permezz tal-kultivazzjoni ta' relazzjonijiet ta' ħidma effiċjenti u skambju ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA bbażati fi Brussell, primarjament l-istituzzjonijiet tal-UE.	Iż-żamma u l-espansjoni tal-kuntatti diretti ma' istituzzjonijiet ewlenin fid-dominju tal-ĠAI tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn ibbażati fi Brussell; l-ġhoti ta' informazzjoni u għarfien espert dwar inizzjattivi leġiżlattivi rilevanti, it-tnejn u l-promozzjoni tal-pożizzjonijiet tal-eu-LISA; l-appoġġ għall-operazzjonijiet b'analiżi tal-impatt, studji, analiżi legali u tal-politika ta' qabel il-proġett; l-appoġġ lill-Kabinett tal-Maniġment Eżekuttiv; il-parteċipazzjoni f'laqqgħat, gruppi ta' esperti, eċċ.; iż-żamma ta' repożitorju intern ta' strumenti legali (Osservatur Legali).
Monitoraġġ tal-politika u koordinazzjoni tal-politika interna, partijiet ikkonċernati u ġestjoni tal-avvenimenti żamma tal-istatus quo	Viżibbiltà mtejbja fil-livell tal-UE u dak internazzjonali, l-għarfien espert tal-eu-LISA kkunsidrat mill-partijiet ikkonċernati esterni; relazzjonijiet effettivi mal-partijiet ikkonċernati u impatt fuq il-politiki tal-ĠAI tal-UE.	L-iżvilupp ta' relazzjonijiet ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati (pubbliċi, privati, NGO); il-monitoraġġ tal-iżviluppi legali u ta' politika fid-dominju tal-ĠAI; it-tnejn ta' dokumenti ta' pożizzjoni u rapporti analitiċi; l-ġhoti ta' għarfien espert rilevanti għall-abbozzar leġiżlattivi; il-kontribut billi jiġu tradotti kwistjonijiet tekniċi għal-lingwaġġ tan-negozju u dak legali.
Ġestjoni tar-Relazzjonijiet Kummerċjali żamma tal-istatus quo	Il-valur miżjud ipprovdut lill-partijiet ikkonċernati billi jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom jiġu ssodisfati, filwaqt li tissaħħaħ l-immaġni tal-eu-LISA bħala sieħeb tan-negozju affidabbli u konsulent fdat fil-qasam tal-għarfien espert tagħha.	L-appoġġ u l-koordinazzjoni tal-ħidma tal-korpi ta' governanza tal-eu-LISA, il-ġbir u l-analiżi tad-domandi u r-rekwiżiti tan-negozju (inkluż il-proċess ta' ġestjoni tad-domanda), il-presidenza tal-Gruppi Konsultattivi u ta' gruppi ta' ħidma oħrajn relatati mas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI.
Komunikazzjoni		
Komunikazzjoni esterna u interna żamma tal-istatus quo	Immaġni u viżibbiltà korporattivi msaħħa b'riżultat ta' skambju ta' informazzjoni u kondivżjoni tal-għarfien sistematiċi, f'waqthom, strutturati u trasparenti mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni biex tiżdied sensibilizzazzjoni dwar il-qasam ta' għarfien espert tal-eu-LISA.	L-ġhoti ta' informazzjoni aġġornata, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-ġhoti ta' informazzjoni oġġettiva, affidabbli u li tintfiehmed faċilment lill-partijiet ikkonċernati kollha dwar ir-rwol tal-eu-LISA (inkluż l-organizzazzjoni ta' konferenzi annwali, diskussjonijiet madwar mejda tal-industrija, sensibilizzazzjoni tal-media, eċċ.); l-iżgurar ta' skambju ta' informazzjoni interna u kondivżjoni tal-għarfien regolari u sistematiċi.

2.9.2. Appoġġ korporattiv

L-Aġenzija tiżgura kontinwament prestazzjoni effiċjenti u aġli tal-organizzazzjoni f'konformità sħiħa mal-qafas regolatorju tal-UE, inkluża l-ġestjoni kosteffettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji, flimkien mal-iżgurar ta' servizzi ta' appoġġ korporattiv effiċjenti fil-postijiet kollha.

Sigurtà korporattiva u kontinwità tal-operat

L-Aġenzija żżomm u ttejjeb il-livell għoli ta' sigurtà fiżika fil-faċilitajiet tagħha u madwarhom b'reazzjoni għall-ħtiġijiet tan-negozju li qed jinbidlu, inkluż it-tiżiħ ulterjuri tal-kapaċitajiet tal-kontinwità tal-operat tagħha.

Objettivi ewlenin għall-2025

- L-iżgurar tas-sigurtà fiżika ta' livell għoli tal-faċilitajiet, l-assi u l-persunal tal-eu-LISA f'konformità mar-regolamenti applikabbli dwar is-sigurtà.
- L-iżgurar ta' titjib kontinwu tal-proċessi ta' kontinwità tal-operat u ta' sigurtà permezz tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet minn eżerċizzji, spezzjonijiet u awditi, inkluż l-iżvilupp u l-aġġornament ta' strateġiji u politiki relatati.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
(KPI 2) Nru ta' eżerċizzji ta' emerġenza/ta' sigurtà u eżerċizzji ta' kontinwità tal-operat mwettqa kull sena	2 eżerċizzji fis-sena	kif ippjanat: tliet ta' eżerċizzji wieħed ta' emerġenza, it-tieni wieħed ippjanat
Il-kontrolli tal-kontinwità tal-operat ikopru l-oqsma kollha tan-negozju tal-eu-LISA	Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Operat tkopri 100 % tal-oqsma tan-negozju tal-eu-LISA	kif ippjanat: pjanijiet ta' kontinwità tal-operat fis-seħħ, adottati u aġġornati għall-oqsma kollha tan-negozju
Jiġu ttestjati l-pjanijiet tal-kontinwità tal-operat u tiġi kkonfermata l-effettività tagħhom	isir mill-inqas eżerċizzju wieħed biex tiġi ttestjata r-reżiljenza korporattiva tal-organizzazzjoni	intlaħqet:
Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet skont il-pjanijiet ta' azzjoni (%)	85 %	intlaħqet: > 85 % rakkomandazzjonijiet implimentati minn eżerċizzji/taħriġ tal-passat

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Sigurtà korporattiva u kontinwità tal-operat		
Sigurtà protettiva żamma tal-istatus quo	Żgurar tas-sigurtà fiżika tal-faċilitajiet, tal-assi u tal-persunal tal-eu-LISA.	Il-ġestjoni ta' servizzi/operazzjonijiet ta' sigurtà protettiva u ta' għassa fis-siti f'konformità mar-regolamenti u l-istandards tal-familja tal-ISO 27000, il-manutenzjoni ta' sistemi/tagħmir ta' sigurtà, il-proċess kontinwu ta' ġestjoni tar-riskju għas-siti kollha tal-eu-LISA, b'kontrolli speċifiċi ta' mitigazzjoni.
Ġestjoni tal-kontinwità tal-operat żamma tal-istatus quo	Livell adegwat ta' kontinwità tal-operat korporattiv sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza korporattiva tal-eu-LISA.	Il-ġestjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Operat tal-eu-LISA (inkluż ir-reazzjoni għal emerġenza u l-irkupru minn diżastri) f'konformità mar-regolamenti u l-istandards tal-familja tal-ISO 22300, inkluż rieżami/aġġornament regolari tal-valutazzjoni tal-impatt tan-negozju, konsulenza dwar ir-riskji, pjanijiet ta' kontinwità tal-operat, politiki/proċeduri bbażati fuq awditu/eżerċizzji/eżerċizzji; manutenzjoni ta' għodod ta' kontinwità tal-operat, inkluż twissija ta' emerġenza online.
Governanza tas-sigurtà u ġestjoni tal-kontinwità żamma tal-istatus quo	Qafas ta' ġestjoni tas-sigurtà u tal-kontinwità tal-operat (strateġiji u politiki) adattat għall-iskop tiegħu u ġestit f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza rilevanti.	L-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà u Kontinwità tal-eu-LISA, rieżami/aġġornament regolari tal-pjan direzzjonali ta' politika; sensibilizzazzjoni u taħriġ għall-persunal; organizzazzjoni/koordinazzjoni ta' avvenimenti, eż. laqgħat biennali tan- <i>Network</i> tal-Uffiċjali tas-Sigurtà, in- <i>network</i> tal-Kontinwità tal-Operat, il-Grupp ta' <i>Ħidma</i> dwar is-Sigurtà tal-IT, il-Grupp ta' <i>Kooperazzjoni</i>), eċċ.
Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà u l-kontinwità tal-operat żamma tal-istatus quo	It-titjib kontinwu tal-proċessi tal-kontinwità tal-operat u tas-sigurtà.	Aġġornament sistematiku tal-proċessi tas-sigurtà u tal-kontinwità tal-operat skont ir-rakkomandazzjonijiet minn eżerċizzji, spezzjonijiet u awditi; l-implimentazzjoni ta'

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Sigurtà korporattiva u kontinwità tal-operat		pjanijiet ta' azzjoni, inkluż rieżami u rapportar sussegwenti.

Ġestjoni tar-riżorsi umani

L-appoġġ lejn il-kisba tal-għanijiet strateġiċi u l-oġġettivi korporattivi tal-eu-LISA, l-Aġenzija kontinwament ittejjeb il-kapaċitajiet ta' żvilupp professjonali tagħha, filwaqt li tiffoka fuq l-akkwist tat-talent, l-iżvilupp professjonali mmirat u ż-żamma ta' persunal divers bil-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa. Fil-livell tal-maniġment, l-eu-LISA timplimenta programm ta' tmexxija mfassal apposta u evalwazzjonijiet ta' 360 grad għall-manigmers, filwaqt li tiżviluppa wkoll sistema ta' ġestjoni tal-prestazzjoni integrata u aġġornata biex tappoġġa lill-mexxejja u lit-timijiet biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. L-Aġenzija kontinwament ittejjeb l-effiċjenza amministrattiva u t-tranżizzjoni lejn il-ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenzi permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tagħha.

Objettivi ewlenin għall-2025

- L-ippjanar u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi umani, inkluż l-iffaċilitar tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tar-riżorsi umani u l-proċessi ta' reklutaġġ biex tkompli tissaħħaħ l-effiċjenza u l-isforzi kontinwi biex jiġi attirat grupp varjat ta' kandidati billi l-eu-LISA tiġi ppożizzjonata bħala impjegatur tal-għażla fix-xenarju tal-IT.
- L-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi professjonali tal-persunal li huma meħtieġa għat-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
(KPI 13) % tar-riżorsi amministrattivi u r-riżorsi operazzjonali meta mqabbla mar-riżorsi umani kollha (persunal u SNEs)	20 % tal-pożizzjonijiet amministrattivi 70 % tal-pożizzjonijiet operazzjonali	parzjalment kif ippjanat
(KPI 24) Rata ta' assenteiżmu (%) (1) il-medja ta' jiem ta' liv minħabba mard għal kull impjegat (kemm iċċertifikat kif ukoll mhux iċċertifikat b'kollox). (2) % tal-persunal fuq liv fit-tul minħabba mard (>21 jum kalendarji konsekuttivi) (3) % tal-persunal li ma jieħu l-ebda liv minħabba mard	3 indikaturi, imkejla kull sena (1) < 15-il jum għal kull impjegat (2) < 10 % * (3) > 15 %	(linja bażi 2022) (1) kif ippjanat: 4.1 ijiem (2) kif ippjanat: 3.2 % (3) kif ippjanat: 51.6 %
(KPI 25) Dawran annwali tal-persunal (%)	≤ 5 %	kif ippjanat: 2.68 %
(KPI 26) Rata ta' okkupanza (%)	> 94 %	inqas minn kif ippjanat: 84.5 %
(KPI 27) Indiċi taż-żamma tat-talenti (imkejje kull sena)	ċifra pożittiva (prestazzjoni medja tal-persunal miżmum oġġla minn dik tal-persunal li jkun se jispiċċa)	kif ippjanat: 0.3 (linja bażi tal-2022)
(KPI 28) Livell ta' ingaġġ tal-persunal	≥ 63 %	kif ippjanat: 74 %

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Ġestjoni tar-riżorsi umani		
Amministrazzjoni u ppjanar tar-Riżorsi Umani żamma tal-istatus quo	L-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA hija adattata għall-iskop u l-Aġenzija għandha biżżejjed persunal li jkunu professjonisti kompetenti li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-għanijiet u l-oġettivi strateġiċi tagħha; il-persunal igawdi minn kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli u moderni.	Il-ġestjoni tal-proċessi ta' rutina tar-riżorsi umani mill-onboarding sat-terminazzjoni (inklużi l-intitolamenti, il-ġestjoni tal-ħin u tal-liv, il-mobbiltà, eċċ.) f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS; l-analiżi u t-titjib tal-proċessi tar-riżorsi umani (inkluża d-diġitalizzazzjoni).
Ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenza żamma tal-istatus quo	L-eu-LISA għandha l-persuni adatti fil-pożizzjonijiet it-tajba b'riżultat tal-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma ta' professjonisti kwalifikati li huma motivati u impenjati ħafna li jwettqu l-missjoni u l-oġettivi tagħha.	L-għoti ta' gwida matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-impjeg dwar is-suġġetti tat-tagħlim u l-iżvilupp, il-ġestjoni tal-prestazzjoni, il-proġetti tal-benesseri tal-impjegati, it-tiżiħ tal-kultura u l-valuri organizzattivi, ir-relazzjonijiet mal-impjegati, l-analitika tan-nies, l-akkwist tat-talent u l-iżvilupp tat-tmexxija.

Ġestjoni tal-baġit, tal-finanzi u tal-akkwist

L-Aġenzija hija impenjata li ssaħħaħ u tinfina l-proċessi finanzjarji interni u l-proċeduri ta' akkwist tagħha, inkluż it-titjib kontinwu tal-kapaċitajiet ta' rapportar u dawk analitiċi tagħha, biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi u tiżgura ġestjoni tar-riżorsi trasparenti u kosteffettiva f'konformità mar-regolamenti, l-obbligi u r-rekwiżiti ta' governanza ġenerali applikabbli.

Objettivi ewlenin għall-2025

- Il-forniment ta' servizzi finanzjarji u ta' akkwist b'saħħithom u trasparenti f'konformità mar-regolamenti u l-istandards rilevanti.
- L-appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiku u l-għoti ta' rapporti finanzjarji meħtieġa, flimkien mat-titjib kontinwu tal-kapaċitajiet analitiċi, eż. il-previżjoni u l-ippjanar tal-baġit, l-iżgurar ta' monitoraġġ ta' kwalità għolja tal-eżekuzzjoni tal-baġit tal-operazzjonijiet finanzjarji.
- Iż-żamma ta' sistema b'saħħitha ta' kontroll tal-kontabbiltà f'konformità mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati biex tiġi żgurata l-preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
(KPI 10) Approprijazzjonijiet ta' pagament: rata ta' kanċellazzjoni	< 5 %	kif ippjanat: 0.79 %
(KPI 11) Impenji baġitarji: rata ta' implimentazzjoni	95 % sa 99 %	kif ippjanat: 42.5 % ¹¹⁹
(KPI 12) Pagamenti: rata ta' implimentazzjoni	> 95 %	kif ippjanat: 37.5 %
(KPI 14) Proporzjon ta' pagamenti kkompletati fl-iskadenzi statutorji	90 % sa 100 %	kif ippjanat: 94.9 %
(KPI 17) Effiċjenza tal-proċess tal-akkwist (% ta' offerti kkanċellati wara t-tnedija kontra l-għadd totali ta' offerti mnedija kull sena)	< 25 % imkejla kull sena	inqas minn kif ippjanat: 40 % ¹²⁰
(KPI 18) Ġestjoni tal-akkwiżizzjoni	> 60 % tal-proġetti tal-akkwist skont l-iskeda	kif ippjanat: 125 % ¹²¹
Twettiq f'waqt tal-kontijiet provviżorji u finali lill-awtorità baġitarja u lill-QEA	kontijiet provviżorji: l-1 ta' Marzu kontijiet finali: l-1 ta' Lulju	kontijiet provviżorji ppreżentati sal-1 ta' Marzu kontijiet finali mogħtija sat-30 ta' Ġunju

¹¹⁹ Ammont sinifikanti ta' approprijazzjonijiet ta' impenn għan-nefqa operazzjonali (EES, ETIAS, ECRIS-TCN, Interoperabbiltà, infrastruttura tal-IT) se jiġi eżegwit fit-tieni nofs tal-2023, li jippermetti li tintlaħaq il-mira ta' 95 % għall-implimentazzjoni tal-impenji baġitarji.

¹²⁰ Il-KPI ġie affettwat b'mod sinifikanti mill-kanċellazzjoni ta' proċedura għal eżami mediku u prevenzjoni, minħabba n-nuqqas ta' sottomissjoni ta' offerta.

¹²¹ L-Aġenzija mnexxielha teżegwixxi l-proċeduri ta' akkwist ippjanati kollha sa nofs is-sena u tnedi proċedura ta' akkwist addizzjonali nnegozjata għall-akkwist ta' servizzi ta' komunikazzjoni mobbli u dan irriżulta fil-KPI li qabeż ir-riżultat massimu inizjali li seta' jinkiseb.

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Finanzi u akkwist		
Ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja żamma tal-istatus quo	Ġestjoni tajba tal-finanzi u l-assi; kapaċitajiet imtejba għall-ippjanar, il-monitoraġġ u l-eżekuzzjoni preċiżi tal-baġit biex jiġu appoġġati l-operazzjonijiet, skont l-istandards, ir-rekwiżiti u r-regolamenti rilevanti.	Il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja ta' kwalità għolja u adatti għall-iskop tagħhom biex jappoġġaw lis-sidien tal-baġit fid-dmirijiet tagħhom ta' ppjanar, monitoraġġ u eżekuzzjoni, inkluż bħala uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delega.
Ġestjoni tal-akkwist u tal-akkwiżizzjoni żamma tal-istatus quo	L-appoġġ lit-timijiet operazzjonali u korporattivi billi jiġi żgurat li l-attivitajiet kollha ta' akkwist u akkwiziżzjoni jitwettqu kif xieraq u f'konformità mar-regolamenti rilevanti u r-riżorsi disponibbli.	Il-koordinazzjoni u t-twettiq tal-attivitajiet skont id-deċiżjonijiet ta' finanzjament; it-tnejn tal-adozzjoni ta' impenji legali (kuntratti, ordnijiet ta' xiri, eċċ.) għall-akkwist ta' provvisti, servizzi u xogħlijiet għall-eu-LISA.
Kontrolli finanzjarji interni, awditi relatati mal-akkwist u mal-finanzi żamma tal-istatus quo	L-attivitajiet tal-eu-LISA fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja u tal-akkwist huma ddokumentati, riveduti u aġġornati kif xieraq, f'konformità mal-istandards u r-regolamenti rilevanti.	L-iżvilupp, ir-rieżami u l-monitoraġġ sistematiku ta' proċeduri interni, għodod u analiżi relatati mal-ibbaġitjar, l-akkwist u l-ġestjoni finanzjarja, bil-ħsieb li jissaħħu l-kontrolli interni u tissaħħa l-ġestjoni finanzjarja tajba, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar.

Kontabbiltà		
Kontabbiltà żamma tal-istatus quo	L-iżgurar ta' preżentazzjoni ġusta u trasparenti tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija, is-salvagwardja tal-assi tagħha u l-irkupru f'waqtu tal-ammonti dovuti, skont ir-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi applikabbli.	L-iżżamma tas-sistema ta' kontroll tal-kwalità kontabilistika tal-eu-LISA sabiex tiġi żgurata preżentazzjoni ġusta tad-data finanzjarja fil-kontijiet annwali; l-għoti ta' gwida interna dwar il-ġestjoni tal-assi; il-kollaborazzjoni ma' awdituri esterni u mal-QEA.

Servizzi legali

L-Aġenzija topera f'konformità mal-qafas regolatorju applikabbli u tosserva l-ogħla livelli ta' kondotta amministrattiva tajba, filwaqt li tibqa' impenjata li tiggarantixxi t-trasparenza fl-attivitajiet, fil-proċessi u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha, inkluż l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

Objettiv ewlieni għall-2025

- L-għoti ta' pariri legali, għarfien espert u opinjonijiet f'waqthom dwar varjetà ta' kwistjonijiet, kif meħtieġ.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (Ġunju 2023)
Pariri legali, opinjonijiet u rappreżentanza pprovduti.	Pariri legali, opinjoni, rappreżentanza u suġġerimenti tal-aħjar prattika pprovduti fl-iskadenzi meħtieġa.	kif ippjanat

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Servizzi Legali żamma tal-istatus quo	Il-konformità mal-qafas leġiżlattiv applikabbli u s-salvagwardja tal-interessi tal-Aġenzija, filwaqt li tinżamm ukoll ir-reputazzjoni tal-eu-LISA bħala sieħeb fdat u affidabbli.	L-għoti ta' għarfien espert legali ta' kwalità għolja dwar varjetà ta' kwistjonijiet (eż. kwistjonijiet tal-persunal, kuntratti, abbozzar/rieżami ta' dokumenti/ftehimiet, eċċ.), inklużi aspetti operazzjonali u regolatorji tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI. Kompiti addizzjonali jinkludu l-indirizzar ta' lmenti, inkjesti, proċedimenti dixxiplinari, talbiet għal aċċess għal dokumenti u rappreżentanza fi proċedimenti legali quddiem il-qorti tal-UE jew dawk nazzjonali.

Servizzi ta' appoġġ korporattiv (ġestjoni tal-faċilitajiet u servizzi tal-IT korporattivi)

Is-servizzi ta' appoġġ korporattiv tal-Aġenzija jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' ambjent tax-xogħol ottimizzat u flessibbli fis-siti kollha tal-eu-LISA fl-Ewropa kollha. Dan jinvolve l-istabbiliment ta' infrastruttura tal-bini sigura, effiċjenti u funzjonali li tkun allinjata mal-oġġettivi kummerċjali strateġiċi u mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà tal-Aġenzija, li tirrifletti l-impenn tagħha li ssir organizzazzjoni sostenibbli mil-lat ambjentali.

Objettivi ewlenin għall-2025

- L-implimentazzjoni tal-programm ta' żieda fil-kapaċità biex jiġu akkomodati kemm id-domandi tal-kapaċità immedjati kif ukoll dawk futuri fis-sit operazzjonali fi Strażburgu, Franza. Din l-attività tinkludi l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tal-informatika, tad-dispożizzjonijiet tal-enerġija u tas-sistemi ta' tkessi.
- It-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-eu-LISA billi jiġi implimentat pjan ta' titjib ibbażat fuq ir-rekwiżiti tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE.
- L-iżgurar ta' manutenzjoni u evoluzzjoni effettivi tal-proċessi korporattivi tal-IT u tal-infrastruttura tal-ICT, filwaqt li jittejjbu l-effiċjenza u l-aġilità ġenerali billi jkomplu jittejjbu l-kollaborazzjoni u s-servizzi unifikati biex jiġi ffaċilitat il-ħidma f'tim, inkluża l-migrazzjoni ta' servizzi magħżula tal-IT lejn pjattaformi bbażati fuq il-cloud u l-implimentazzjoni tal-Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni (ITIL).
- L-implimentazzjoni ta' programm ta' Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi biex l-eu-LISA tiġi pprovduta b'ġestjoni tal-infommazzjoni moderna u effiċjenti.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikatur tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Linja bażi (2022)
(KPI 15) Indikatur ambjentali: impronta tal-karbonju	it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (imqabbel mas-sena preċedenti)	Is-sena 2023 intużat bħala linja bażi, ir-riżultati preċedenti ma kinux affidabbli minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19
Programm ta' Żieda fil-Kapaċità	devjazzjoni tal-kostijiet totali ≤ 10 % devjazzjoni tal-iskeda totali ≤ 10 % l-ebda devjazzjoni fl-ambitu	l-ebda linja bażi
IT korporattiva: disponibbiltà tas-servizz	>90 % (ħin ta' disponibbiltà tal-applikazzjonijiet)	kif ippjanat
IT korporattiva: sodisfazzjon tal-utent finali	> 90 %	kif ippjanat

Kompiti u proġetti

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija	Deskrizzjoni u riżultati
Servizzi ġenerali		
Attivitajiet ta' żamma tal-istatus quo tas-servizzi ġenerali żamma tal-istatus quo	Operazzjoni effiċjenti u sostenibbli mil-lat ambjentali appoġġata minn servizzi ta' appoġġ korporattiv ta' kwalità għolja fil-postijiet kollha; il-benesseri imtejjeb tal-impjegati miksub permezz tal-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.	Il-forniment ta' servizzi ta' appoġġ korporattiv fil-postijiet kollha, inklużi l-loġistika, il-ġestjoni tal-ispazju, il-provvisti tal-uffiċċji, il-missjonijiet, l-operazzjonijiet u s-servizzi tal-faċilitajiet; iż-żieda fil-kapaċità tal-ispazju għall-uffiċċji (ASPIRE), l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMAS), il-proċeduri tas-saħħa u s-sikurezza u l-pjan ta' azzjoni għall-kontroll u l-eliminazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.
Aġġornamenti tas-servizzi ġenerali proġett	Manutenzjoni mtejjba tal-faċilitajiet f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi lokali u l-aħjar prattiki.	Strażburgu: l-aġġornament tan-network tat-tifi tan-nar (id-disinn/il-bini tal-kamra tal-kompressur, l-installazzjoni ta' idranti); it-tiswija strutturali tal-protezzjoni tal-ilma tal-kantina (l-istruttura tal-kisi ta' taħt l-art fiċ-ċentru tad-data u l-bini terzjarju).
Żieda fil-kapaċità għaċ-ċentri tad-data proġett	L-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-enerġija u tat-tkessi fuq żmien qasir u twil fis-sit operazzjonali fi Strażburgu u l-prontezza tal-MDC2 biex jospita u jipprovi l-enerġija meħtieġa għall-modulu tal-IT.	Ċentru tad-data ta' Strażburgu: it-titjib tal-kapaċità tal-enerġija (ir-raba' ġeneratur u mirror pit); it-titjib tal-effiċjenza tas-sistema tat-tkessi billi tiġi ottimizzata l-installazzjoni eżistenti, iż-żieda ta' bir biex ikessaħ minn qabel; iż-żieda tal-enerġija disponibbli; xogħlijiet elettriċi u ċivili għall-MDC2, inkluż parkeġġ interim.
ICT korporattivi		
Attivitajiet ta' żamma tal-istatus quo tas-servizzi tal-ICT korporattivi żamma tal-istatus quo	L-infrastruttura tal-IT korporattiva hija affidabbli, flessibbli, disponibbli ħafna u integrata fl-oqsma tas-sistemi tal-	Iż-żamma tat-tagħmir, l-applikazzjonijiet, in-networks u s-servizzi ta' komunikazzjoni tal-IT korporattivi kollha; l-iżestjar tas-servizzi u l-proġetti tal-ICT; is-service desk intern għall-

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati mistennija ICT, in-networks ta' komunikazzjoni u l-applikazzjonijiet tal-IT.	Deskrizzjoni u riżultati appoġġ tal-utenti; il-funzjonalità tal-ġestjoni tad- dokumenti u tar-rekords, inkluż ir-repożitorju tal- Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi, it-tiftix tal- intrapriżi, il-konfigurazzjoni tal-flussi tax- xogħol).
Inizjattivi ta' aġġornamenti u ta' titjib tal-ICT korporattiva proġett	Effiċjenza tal-ICT korporattiva mtejbja.	L-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-ITIL għas-servizzi tal-IT korporattivi, l-Infrastruttura tad-Desktop Virtwali; intranet/extranet ġodda, konfigurazzjoni tal-magna tat-tiftix, reviżjoni tal- flussi tax-xogħol biex jittejbu l-proċessi kummerċjali interni.

ANNESSI




4

Annex I. Organigramma tal-eu-LISA

L-organigramma turi l-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA sal-livell settorjali, inklużi funzjonijiet speċjali u subdiviżjonijiet individwali li mhuma parti minn ebda unità.

L-organigramma ta' hawn taħt tinkludi l-għadd ta' persunal għal kull entità organizzazzjonali mill-31 ta' Diċembru 2023.



Illustrazzjoni 1. Struttura organizzazzjonali (mill-31 ta' Diċembru 2023).

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-għadd ta' karigi okkupati u vakanti f'kull suddiviżjoni mill-31 ta' Diċembru 2023. L-informazzjoni dwar l-offerti ta' impjieg maħruġa hija ppreżentata fit-taqsimha dwar il-politika ta' reklutaġġ fl-Annex V.

Tabella 7. Għadd ta' persunal skont l-unità, skont il-kategorija tal-persunal (mill-31 ta' Diċembru 2023)¹²²


Dipartiment	Unità/Settur	TA		CA		SNE		TOTAL
		Okkupati	Vakanti	Okkupati	Vakanti	Okkupati	Vakanti	
Direttur Eżekuttiv	Funzjonijiet taħt I-ED	10	1	8	-2	1	0	18
	<i>mhux applikabbli</i>	2	0	0	0	0	0	2
	Viċi Direttur Eżekuttiv	1	0	0	0	0	0	1
	Uffiċċju ta' Kollegament	1	0	2	0	1	0	4
	Kapaċità tal-Awditjar Intern	2	1	1	0	0	0	4
	EPMO	2	0	4	-1	0	0	5
	Uffiċjal tal-Kontabbiltà	1	0	1	-1	0	0	1
	Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data	1	0	0	0	0	0	1
	Unità tas-Sigurtà	12	3	7	4	2	0	28
	<i>mhux applikabbli</i>	2	0	0	2	0	0	4
	Settur tas-Sigurtà Protettiva u tal-Kontinwità	4	0	3	0	1	0	8
	Settur tas-Sigurtà u tal-Assigurazzjoni tal-Infurmazzjoni	2	1	0	1	1	0	5
	Settur tal-Politika u tal-Koordinazzjoni tas-Sigurtà	0	2	3	0	0	0	5

¹²² Il-karigi elenkati fil-kolonna "vakanti" u mmarkati bis-sinjali "-" jirrappreżentaw karigi CA fuq terminu qasir li jew ittieħdu b'self minn unità oħra, jew ġew maħluqa fi tmiem l-2023 biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat permezz ta' akkwist intern temporanju ta' servizzi esterni li għalihom il-kuntratt speċifiku ta' servizz kien intemm u ma setax jiġġedded.

Dipartiment	Unità/Settur	TA		CA		SNE		TOTAL
		Okkupati	Vakanti	Okkupati	Vakanti	Okkupati	Vakanti	
	Settur tal-Operazzjonijiet taċ-Ċibersigurtà	4	0	1	1	0	0	6
	<i>mhux applikabbli</i>	0	0	0	0	0	0	0
Dipartiment tal-Governanza Korporattiva	Unità tal-Appoġġ Eżekuttiv u tar-Relazzjonijiet mal-Partijiet Ikkonċernati	8	0	5	-1	1	0	13
	<i>mhux applikabbli</i>	1	0	0	0	0	0	1
	Settur tal-Komunikazzjoni	3	0	1	0	0	0	4
	Settur tal-Ġestjoni u tal-Appoġġ tal-Partijiet Ikkonċernati	4	0	4	-1	1	0	8
	Unità tal-Governanza u tal-Kapaċitajiet	10	1	3	2	1	1	18
	<i>mhux applikabbli</i>	1	0	0	0	0	0	1
	Settur tal-Ippjanar u tal-Affarijiet Korporattivi	2	0	0	1	0	0	3
	Settur tal-Bini tal-Kapaċitajiet	4	1	2	1	1	1	10
	Settur tal-Ġestjoni tas-Servizzi u tal-Proċessi	3	0	1	0	0	0	4
	<i>mhux applikabbli</i>	1	0	0	1	0	0	2
	Settur Legali	1	1	4	-2	0	0	4
	Unità tar-Riżorsi Umani	13	0	11	-3	0	0	21
Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi	<i>mhux applikabbli</i>	2	0	0	0	0	0	2
	Settur tal-Amministrazzjoni tal-Persunal	4	0	5	-1	0	0	8
	Settur tal-Ġestjoni tat-Talenti	7	0	6	-2	0	0	11
	Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti	20	2	7	2	0	0	31
	<i>mhux applikabbli</i>	2	0	0	0	0	0	2
	Settur tal-Finanzi u tal-Baġit	12	1	3	0	0	0	16
	Settur tal-Akkwisti	6	1	4	2	0	0	13
	Unità tas-Servizzi Korporattivi	9	3	7	2	0	1	22
	<i>mhux applikabbli</i>	1	0	0	0	0	0	1
	Settur tas-Servizzi tal-ICT	1	1	3	1	0	1	7
	Settur tas-Servizzi Ġenerali	4	1	3	0	0	0	8
	Tim tas-Servizzi tal-Ġestjoni tal-Infurmazzjoni	3	1	1	1	0	0	6
	<i>mhux applikabbli</i>	2	1	0	0	0	0	3
	Unità tal-Ippjanar u tal-Istandards	29	4	10	0	2	0	45
Dipartiment tal-Operazzjonijiet (ikompli)	<i>mhux applikabbli</i>	1	0	1	0	0	0	2
	Settur tal-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet Kummerċjali	7	2	3	0	1	0	13
	Settur tal-Ippjanar Operazzjonali	3	0	0	0	0	0	3
	Settur tal-Arkitettura	8	1	3	0	0	0	12
	Settur tal-Ġestjoni tal-Prodotti	10	1	3	0	1	0	15
	Unità għat-Twettiq tal-Programmi u tal-Proġetti	21	4	14	1	1	0	41
	<i>mhux applikabbli</i>	1	0	1	0	0	0	2
	Settur tal-Ġestjoni tal-Proġetti A	10	1	3	1	0	0	15

Dipartiment	Unità/Settur	TA		CA		SNE		TOTAL
		Okkupati	Vakanti	Okkupati	Vakanti	Okkupati	Vakanti	
Dipartiment tal-Operazzjonijiet (ikompli)	Settur tal-Ġestjoni tal-Proġetti B	6	3	3	0	1	0	13
	Settur ta' Ġestjoni tal-Bejjiegħa u tal-Kuntratti	4	0	7	0	0	0	11
	Unità tat-Testijiet u tat-Tranżizzjoni	13	0	19	3	0	0	35
	mhux applikabbli	2	0	0	0	0	0	2
	Settur tal-Ġestjoni tat-Testijiet	7	0	10	3	0	0	20
	Settur tal-Ġestjoni tat-Tranżizzjoni	4	0	9	0	0	0	13
	Unità ta' Ġestjoni tal-Infrastruttura	28	2	14	6	1	0	51
	mhux applikabbli	2	0	1	0	0	0	3
	Settur tas-Servizzi tal-Infrastruttura	9	2	6	0	0	0	17
	Settur tas-Servizzi taċ-Ċentru tad-Data	5	0	1	0	1	0	7
	Settur tas-Servizzi ta' Ġestjoni tal-Applikazzjonijiet	4	0	4	3	0	0	11
	Settur tas-Servizzi tan-Networks	8	0	2	3	0	0	13
	Unità tal-Operazzjonijiet tas-Sistemi	21	2	26	18	0	0	67
	mhux applikabbli	1	0	0	0	0	0	1
	Settur tal-Appoġġ tal-Ewwel Livell	9	0	12	15	0	0	36
	Settur tal-Appoġġ tat-Tieni Livell	8	0	12	2	0	0	22
	Settur tal-Għodod tas-Servizzi Operazzjonali	3	2	2	1	0	0	8
	TOTAL	198	24	135	31	9	2	399

Sabiex tippermetti l-mod il-ġdid ta' ħidma, l-eu-LISA adattat l-istruttura organizzazzjonali tagħha f'żewġ fażijiet introdotti fir-rebbiegħa u fis-sajf tal-2024. L-istruttura organizzazzjonali l-ġdida wasslet għall-ħolqien ta' entitajiet organizzazzjonali ġodda, filwaqt li bidlet jew xoljiet xi wħud eżistenti wkoll.



Illustrazzjoni 2. Struttura organizzazzjonali (minn Marzu 2024).

Informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-riorganizzazzjoni u l-status tagħha fi tmiem is-sena se tiġi ppreżentata fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2026-2028, li jinkludi rapportar dwar is-sena 2024.

TRADUZZJONI: *Illustrazzjoni 2* fil-paġna 81

Management Board	Bord tat-Tmexxija
Advisory Groups	Gruppi Konsultattivi
EXECUTIVE DIRECTOR	DIRETTUR EŻEKUTTIV
<i>Deputy Executive Director</i>	<i>Viċi Direttur Eżekuttiv</i>
<i>Liaison Office</i>	<i>Uffiċċju ta' Kollegament</i>
<i>Security Officer</i>	<i>Uffiċjal tas-Sigurtà</i>
<i>Internal Audit Capability</i>	<i>Kapaċità tal-Awdiċjar Intern</i>
<i>Data Protection Officer</i>	<i>Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data</i>
<i>Accounting Officer</i>	<i>Uffiċjal tal-Kontabbiltà</i>
SECURITY UNIT	UNITÀ TAS-SIGURTÀ
<i>Security Policy and Coordination Sector</i>	<i>Settur tal-Politika u tal-Koordinazzjoni tas-Sigurtà</i>
<i>Information Security and Assurance Sector</i>	<i>Settur tas-Sigurtà u tal-Assigurazzjoni tal- Informazzjoni</i>
<i>Cyber Security Sector</i>	<i>Settur taċ-Ċibersigurtà</i>
<i>Protective Security Sector</i>	<i>Settur tas-Sigurtà Protettiva</i>
STRATEGY, CAPABILITIES and COORDINATION UNIT	UNITÀ TAL-ISTRATEĠIJA, KAPAĊITAJIET u KOORDINAZZJONI
<i>Capability Building Sector</i>	<i>Settur tal-Bini tal-Kapaċitajiet</i>
<i>Planning and Corporate Affairs Sector</i>	<i>Settur tal-Ippjanar u tal-Affarijiet Korporattivi</i>
BUSINESS and STAKEHOLDER RELATIONS UNIT	UNITÀ TAR-RELAZZJONIJIET MAN-NEGOZJU u MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI
<i>Business Relations Management Sector</i>	<i>Settur tal-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet Kummerċjali</i>
<i>Governance and Stakeholder Management Sector</i>	<i>Settur tal-Governanza u tal-Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati</i>
<i>Communication Sector</i>	<i>Settur tal-Komunikazzjoni</i>
CORPORATE SERVICES DEPARTMENT	DIPARTIMENT TAS-SERVIZZI KORPORATTIVI
<i>Legal Sector</i>	<i>Settur Legali</i>
<i>ICT Services Sector</i>	<i>Settur tas-Servizzi tal-ICT</i>
<i>General Services Sector</i>	<i>Settur tas-Servizzi Ġenerali</i>
HUMAN RESOURCES UNIT	UNITÀ TAR-RIŻORSI UMANI
<i>Personnel Administration Sector</i>	<i>Settur tal-Amministrazzjoni tal-Persunal</i>
<i>Talent Management Sector</i>	<i>Settur tal-Ġestjoni tat-Talenti</i>
BUDGET and FINANCE UNIT	UNITÀ TAL-BAĠIT u TAL-FINANZI
<i>Finance and Budget Sector</i>	<i>Settur tal-Finanzi u tal-Baġit</i>
PROCUREMENT and CONTRACT MANAGEMENT UNIT	UNITÀ TAL-AKKWIST u L-ĠESTJONI TAL-KUNTRATTI
<i>Procurement Sector</i>	<i>Settur tal-Akkwisti</i>
<i>Contract Management Sector</i>	<i>Settur tal-Ġestjoni tal-Kuntratti</i>
PROGRAMME and ENGINEERING DEPARTMENT	DIPARTIMENT TAL-PROGRAMMI u L-INGĠENERIJA
PLANNING and STANDARDS UNIT	UNITÀ TAL-IPPJANAR u TAL-ISTANDARDS
PROGRAMME and SOLUTIONS MANAGEMENT UNIT	UNITÀ TAL-ĠESTJONI TAL-PROGRAMM U TAS-SOLUZZJONIJIET
<i>Home Affairs Programmes Sector</i>	<i>Settur tal-Programmi tal-Affarijiet Interni</i>

<i>Justice Programmes Sector</i>	<i>Settur tal-Programmi tal-Ġustizzja</i>
<i>Solutions Expertise Hub</i>	<i>Ċentru ta' Għarfien Espert dwar is-Soluzzjonijiet</i>
TECHNOLOGY and SOFTWARE ENGINEERING UNIT	UNITÀ TAL-INGĠNERIJA TAT-TEKNOLOĠIJA u TAS-SOFTWARE
<i>Solutions and Architecture Design Sector</i>	<i>Settur tad-Disinn tas-Soluzzjonijiet u tal-Arkitettura</i>
<i>Software Engineering Sector</i>	<i>Settur tal-Inġinerija tas-Software</i>
<i>Solutions Quality Assurance Sector</i>	<i>Settur tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità tas-Soluzzjonijiet</i>
DIGITAL SOLUTIONS OPERATIONS DEPARTMENT	DIPARTIMENT TAL-OPERAZZJONIJIET TAS-SOLUZZJONIJIET DIĠITALI
PLATFORMS and INFRASTRUCTURE UNIT	UNITÀ TAL-PJATTAFORMI u TAL-INFRASTRUTTURA
<i>Infrastructure Maintenance and Support Sector</i>	<i>Settur tal-Manutenzjoni u tal-Appoġġ tal-Infrastruttura</i>
<i>Network and Communications Infrastructure Sector</i>	<i>Settur tal-Infrastruttura tan-Network u l-Komunikazzjoni</i>
<i>Smart Hosting Platforms Sector</i>	<i>Settur tal-Pjattaformi Ospitanti Intelliġenti</i>
TRANSITION and AUTOMATION UNIT	UNITÀ TAT-TRANŻIZZJONI u TAL-AWTOMATIZZAZZJONI
<i>Transition Management Sector</i>	<i>Settur tal-Ġestjoni tat-Tranżizzjoni</i>
<i>Automation and Tooling Sector</i>	<i>Settur tal-Awtomatizzazzjoni u l-Għodod</i>
OPERATIONS UNIT	UNITÀ TAL-OPERAZZJONIJIET
<i>Solutions Operations and Maintenance Sector</i>	<i>Settur tal-Operazzjonijiet u tal-Manutenzjoni tas-Soluzzjonijiet</i>
<i>Operations Services Centre</i>	<i>Ċentru tas-Servizzi tal-Operazzjonijiet</i>

Anness II. Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività

Dan l-anness jippreżenta t-tqassim tar-riżorsi umani u finanzjarji tal-eu-LISA għal kull attività u kompitu/proġett matul il-perjodu mill-2025 sal-2027. Barra minn hekk, l-eu-LISA indikat l-għadd ta' fornituri esterni tas-servizzi meħtieġa għal kull kompitu biex jikkomplementaw il-persunal statutorju tal-Aġenzija fit-twettiq tal-programm ta' ħidma ppjanat għas-sena partikolari.

Il-ġustifikazzjonijiet u l-informazzjoni qasira dwar l-oġettivi għal kull attività u kompitu/proġett huma deskritti u miġbura fil-kapitolu 2 li jiddeskrivi l-programm ta' ħidma annwali tal-eu-LISA għall-2025.

Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni tar-riżorsi skont il-portafoll 2025–2027

Attività pluriennali	2025			2026			2027		
	TA	CA u SNE	Baġit	TA	CA u SNE	Baġit	TA	CA u SNE	Baġit
Affarijiet Interni	87.5	62.1	138,346,012	91.5	63.1	127,334,012	92.5	62.6	142,134,012
Sigurtà	22.3	13.7	24,486,000	26.3	13.7	24,491,000	27.3	16.2	37,871,000
SIS *	3.3	9.7	17,011,000	3.3	9.7	17,011,000	5.3	9.7	17,011,000
Prüm II	7.0	0.0	3,550,000	10.0	0.0	2,400,000	9.0	2.0	1,200,000
API	12.0	4.0	3,925,000	13.0	4.0	5,080,000	13.0	4.5	19,660,000
Fruntieri	32.7	18.9	29,528,012	32.7	17.9	49,163,012	31.4	13.1	52,433,012
VIS	13.2	11.5	7,000,000	13.2	10.5	26,635,000	11.9	5.7	29,905,000
EES	14.1	2.6	11,328,012	14.1	2.6	11,328,012	14.1	2.6	11,328,012
ETIAS	5.4	4.8	11,200,000	5.4	4.8	11,200,000	5.4	4.8	11,200,000
Ażil	21.0	20.0	68,732,000	21.0	22.0	38,080,000	22.3	23.8	36,230,000
Eurodac	21.0	20.0	68,732,000	21.0	22.0	38,080,000	22.3	23.8	36,230,000
Interoperabbiltà	11.6	9.5	15,600,000	11.6	9.5	15,600,000	11.6	9.5	15,600,000
Interoperabbiltà	11.6	9.5	15,600,000	11.6	9.5	15,600,000	11.6	9.5	15,600,000
Ġustizzja	12.4	6.7	5,752,019	12.4	8.7	3,210,019	12.4	8.7	3,210,019
Ġustizzja	12.4	6.7	5,752,019	12.4	8.7	3,210,019	12.4	8.7	3,210,019
ECRIS	2.1	3.9	1,961,019	2.1	3.9	1,961,019	2.1	3.9	1,961,019
e-CODEX	2.3	2.8	1,291,000	2.3	2.8	1,249,000	2.3	2.8	1,249,000
CP tas-SIK	8.0	0.0	2,500,000	8.0	2.0	0	8.0	2.0	0
Infrastruttura	45.4	49.2	55,973,000.	45.4	49.2	58,596,000	45.4	49.2	61,721,000
Infrastruttura ta' Sistema Kondiviża **	43.6	41.0	35,573,000	43.6	41.0	0	43.6	41.0	0
Infrastruttura ta' Sistema Kondiviża (inkluż il-BCU)	43.6	41.0	35,573,000	43.6	41.0		43.6	41.0	
Networks	1.8	8.2	20,400,000	1.8	8.2	0	1.8	8.2	0
Networks fuq żona wiesgħa	1.8	8.2	20,400,000	1.8	8.2		1.8	8.2	

Attività pluriennali	2025			2026			2027		
	TA	CA u SNE	Baġit	TA	CA u SNE	Baġit	TA	CA u SNE	Baġit
Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali	15.3	20.8	15,923,000	15.3	20.8	15,713,000	15.3	20.8	14,803,000
Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali	13.8	18.8	14,170,000	13.8	18.8	0	13.8	18.8	0
Sigurtà tas-sistema u kontinwità tal-operat	8.3	4.4	2,000,000.	8.3	4.4		8.3	4.4	
Ittestjar u Tranżizzjoni	1.6	8.4		1.6	8.4		1.6	8.4	
Taħriġ għall-Istati Membri	3.9	6.0	1,200,000	3.9	6.0		3.9	6.0	
Appoġġ estern			10,970,000						
Laqgħat u Missjonijiet	1.5	2.0	1,753,000	1.5	2.0	0	1.5	2.0	0
Gruppi Konsultattivi	1.4	2.0	1,622,000	1.4	2.0		1.4	2.0	
Laqgħat u missjonijiet oħrajn			80,000						
Evalwazzjonijiet ta' Schengen	0.1	0.0	51,000	0.1	0.0		0.1	0.0	
Total tat-Titolu 3	161	139	215,994,031	165	142	204,853,031	166	141	221,868,031
Attivitajiet korporattivi ***	108.5	65.3	0	108.5	66.3	0	108.5	65.3	0
Fi tmiem l-2023, l-eu-LISA nediet il-**proġett ASPIRE** għall-kiri ta' bini addizzjonali fi Strażburgu biex tindirizza n-nuqqas sinifikanti ta' spazju tax-xogħol tal-uffiċċji. Din hija soluzzjoni temporanja biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' spazju sal-finalizzazzjoni tal-proġett pospost ta' estensjoni tas-sit operazzjonali deskritt fit-taqsimha li jmiss. Il-proġett se jżid 250 post tax-xogħol addizzjonali bl-isparju flessibbli u ż-żona tal-laqgħat informali biex jiġi żgurat spazju tax-xogħol suffiċjenti għall-forza tax-xogħol miżjuda tal-eu-LISA. Mill-2027, din is-soluzzjoni se tissostitwixxi wkoll l-isparju għall-uffiċċji temporanju li bħalissa huwa mikri fil-bini ta' Platon fid-distrett Ilkirch-Grafenstaden ta' Strażburgu.

Meta jitqies it-tkabbir tal-Aġenzija matul l-ewwel għaxar snin ta' tħaddim tagħha, huwa mistenni li l-eu-LISA tkompli tikber hekk kif tiġi f'data bit-tħaddim u l-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT għad-dominju tal-ĠAI tal-UE.

Is-sitwazzjoni attwali tal-bini

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-bini tal-Aġenzija.

		ERJA TAS-SUPERFIĊJE (f'm²)			KUNTRATT TAL-KIRI					
Isem u tip ta' bini	Post	Spazju għall-uffiċċji	Mhux uffiċċju	Total	KERA (EUR/sena)	Durata tal-kuntratt	Tip	Klawżola ta' break-out	Kundizzjonijiet meħmuża mal-klawżola ta' tmiem bikri tal-kuntratt	Pajjiż ospitanti (għotja jew appoġġ)
Kwartieri Ġenerali tal-eu-LISA	L-Estonja Vesilennuki 5, Tallinn	1161.4	3235.9	4397.3	-	-	-	-	-	Fl-2018, l-Estonja (EE) bniet u ttrasferiet il-kuartieri ġenerali ġodda għall-Aġenzija fi tranżazzjoni mhux ta' skambju
Ċentru operazzjonali tal-eu-LISA	Franza 18 Rue de la Faisanderie 67100 Strażburgu	2155	5687	7842	-	-	-	-	-	Fid-29 ta' Mejju 2013 Franza (FR) tat binjiet sħaħ għal EUR 1
Spazju għall-uffiċċji temporanju tal-eu-LISA	Franza Bini PLATON, 4 Rue Jean Sapidus, 67400 Strażburgu,	2074.40	-	2074.40	639,985.23	6 snin (sal-2026, b'estensjoni possibbli għal 3 snin)	kera	-	-	-
Faċilità ta' riżerva tal-eu-LISA	L-Awstrija Ċentru ta' Riżerva Federali u Ċentrali Awstrijak f'St Johann im Pongau	223	403	626	640,000	ftehim operattiv indefinit mar-Repubblika tal-Awstrija	kera	-	-	-

		Erja tas-superfiċje (f'm²)			Kuntratt tal-kiri					
Isem u tip ta' bini	Post	Spazju għall-uffiċċji	Mhux uffiċċji u	Total	KERA (EUR/sena)	Durata tal-kuntratt	Tip	Klawżola ta' tmiem bikri tal-kuntratt	Kundizzjonijiet meħmuża mal-klawżola ta' tmiem bikri tal-kuntratt	Pajjiż ospitanti (għotja jew appoġġ)
Uffiċċju ta' kollegament tal-eu-LISA	Il-Belġju 20 avenue d'Auderghem, 1040 Brussell	98	-	98	24,827	sal-25 ta' Jannar 2025 (l-eu-LISA qed teżamina l-għażliet futuri għall-isparzju għall-uffiċċji fi Brussell) ¹³⁹	kera	-	-	-
eu-LISA spazju għall-uffiċċji Bini ASPIRE	Franza 1 Allés des Orcades, 67000 Strażburgu	2165	2665	4830	1.270.000	9 snin mill-1 ta' Settembru 2024	kiri ta' spazju għall-uffiċċji u parkeġġ	-	-	-

Proġetti ta' bini fil-fażi tal-ippjanar

L-Aġenzija ddefinit strateġija ta' bini alternattiv minħabba l-**posponiment** tat-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali ta' Strażburgu minħabba raġunijiet finanzjarji.

Sabiex tindirizza l-ħtiġijiet tal-isparzju, l-eu-LISA implimentat **miżuri temporanji għal żmien qasir** bħal kiri ta' spazji esterni għall-uffiċċji f'Illich-Graffenstaden u aktar reċentement, fl-ambitu tal-proġett ASPIRE, kif ukoll estendiet iċ-ċentru tad-*data* ewlieni b'soluzzjoni modulari, MDC1. Madankollu, dawn huma soluzzjonijiet temporanji u fuq perjodu ta' żmien qasir, filwaqt li hija meħtieġa soluzzjoni strateġika u fuq perjodu ta' żmien twil biex jiġu indirizzati u ġestiti l-ħtiġijiet ta' kapaċità li qed jikbru li jirriżultaw minn mandat estiż u sistemi ġodda f'dati lill-eu-LISA.

Għalkemm il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal **tranżizzjoni lejn xogħol ibridu** u l-Aġenzija introduċiet soluzzjonijiet siguri ta' aċċess remot, ir-restrizzjonijiet operazzjonali għadhom hemm, b'mod partikolari, għall-esperti tekniċi li jeħtieġ li jaħdmu fuq il-post għal ċerti kompiti minħabba restrizzjonijiet legali u ta' sigurtà.

Is-sit **operazzjonali fi Strażburgu**, minħabba l-istatus kritiku tal-infrastruttura tiegħu, għandu jiffoka fuq l-aspetti tekniċi u jespandi gradwalment biex jakkomoda kapaċitajiet ġodda taċ-ċentru tad-*data*, filwaqt li s-**sit ta' riżerva fl-Awstrija** għandu jżomm ir-rwol ta' riżerva tiegħu. L-isparzji għall-uffiċċji għandhom jilqgħu biss lit-timijiet li jeħtieġu ħidma fuq il-post għat-tmexxija operattiva, filwaqt li l-kompiti amministrattivi jistgħu jsiru minn uffiċċji mikrija.

Il-limitazzjonijiet jinkludu limitazzjonijiet baġitarji sal-2028 u kważi l-ilfuq tal-limiti tal-kapaċità taċ-ċentru tad-*data* attwali u l-isparzji għall-uffiċċji fi Strażburgu. Sabiex tiżgura l-kapaċitajiet tal-computing, l-eu-LISA qed tippjana li tvara ċentri tad-*data* modulari fis-sit operazzjonali ta' Strażburgu, kif meħtieġ u ssib spazju addizzjonali għall-uffiċċji mikri fiż-żona ta' Strażburgu. B'mod parallel, l-eu-LISA qed taħdem mill-qrib mal-gvern Estonjan biex tevalwa l-possibbiltà li tinbena estensjoni għall-kwartieri ġenerali ta' Tallinn sabiex jiġu żgurati kapaċitajiet ta' akkoljenza fil-perspettiva fit-tul.

¹³⁹ L-Aġenzija bdiet proċedura negozjata biex iżżid l-isparzju għall-uffiċċji fi Brussell. Il-perjodu ta' evalwazzjoni se jibda f'Jannar, bil-mira li jinkiseb uffiċċju ġdid f'Ġunju.

Proġetti ta' bini sottomessi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

It-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali fi Strażburgu. Programm ta' Żieda fil-Kapaċità

Fis-snin li ġejjin, ir-rwol kruċjali tal-Aġenzija fil-funzjonament sostenibbli taż-Żona Schengen se jkompli jikber, flimkien mal-kontribut dejjem akbar tagħha għat-twettiq b'suċċess tal-prijoritajiet politiċi u operazzjonali fid-dominju tal-ĠAI. Sabiex tindirizza ż-żieda fil-ħtiġijiet tal-kapaċità, l-Aġenzija bdiet il-kostruzzjoni tat-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali tagħha fi Strażburgu. L-istudji preliminari ġew iffinalizzati u l-Aġenzija ddefinit il-programm ta' kostruzzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi speċifikati għall-offerta u stabbiliet il-baġit finanzjarju relatat.

L-Aġenzija ma għandhiex ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex tindirizza b'mod adegwat il-kost għoli assoċjat ma' dan il-proġett. Meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi li jappartjenu għas-sitwazzjoni finanzjarja tal-proġett, ittiegħdet deċiżjoni fl-ewwel trimestru tal-2023 (qabel ma nediet id-disinn tal-offerta) biex il-proġett jiġi sospiż temporanjament, bi pjanijiet biex dan jerġa' jinbeda matul il-QFP li jmiss. F'dan il-qafas, it-tieni proġett ta' estensjoni jista' jitlesta sal-2034.

Abbażi tar-rekwiżiti għal inizzjattivi ġodda tal-ĠAI u l-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-sistemi tal-IT eżistenti, l-eu-LISA identifika t-tliet ta' **kapaċitajiet miżjuda ta' computing taċ-ċentru tad-data** aktar kmieni milli kien antiċipat inizzjalment. Konsegwentement, it-tieni proġett ta' estensjoni ġie integrat fi programm ġenerali bl-isem ta' **il-Programm ta' Żieda fil-Kapaċità**. Dan il-programm jissorvelja l-koordinazzjoni ta' tliet proġetti ta' infrastruttura interrelatati fis-sit operazzjonali ta' Strażburgu: (1) il-Proġett tat-Tieni Estensjoni, (2) il-proġett taċ-Ċentru tad-Data Modulari 2 (MDC2), u (3) il-proġett taż-Żieda fil-Kapaċità tal-Enerġija u tat-Tkessiħ. Minħabba r-rwol dejjem akbar tal-eu-LISA fl-iżgurar tal-funzjonament sostenibbli taż-żona Schengen u l-kontribut sinifikanti tagħha għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni fi ħdan id-dominju tal-ĠAI tal-UE, il-Programm ta' Żieda fil-Kapaċità jibqa' prijorità għolja. Dan iservi bħala l-pedament meħtieġ biex l-eu-LISA tkompli tappoġġa lill-Istati Membri b'mod effettiv.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-eu-LISA ħadet id-deċiżjonijiet li ġejjin għall-futur:

- L-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-kapaċità tal-computing fuq terminu qasir u medju fis-sit operazzjonali ta' Strażburgu billi jiġi adottat approċċ modulari u jiżiedu l-komponenti tal-infrastruttura: Il-proġett MDC2, bħalissa fil-fażi ta' eżekuzzjoni bl-installazzjoni fuq il-post,
- L-indirizzar tas-soluzzjoni ta' nofs it-terminu għall-aġġornamenti tal-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ,
- L-indirizzar tal-kapaċità tal-computing fit-tul u l-ħtiġijiet tal-isparzu għall-uffiċċji permezz tal-proġett tat-Tieni Estensjoni.

It-tabella li ġejja telenka l-istadji importanti ewlenin fl-ippjanar aġġornat tal-Programm ta' Żieda fil-Kapaċità mill-2023 'il quddiem.

Stadji importanti tal-proġett	Miksuba sa
Talba tal-Bord tat-Tmexxija lill-Awtorità Baġitarja għall-fażi 1 tal-MDC2	Q4 2023
Fażi tal-bidu tal-proġett taż-Żieda fil-Kapaċità tat-Tkessiħ	Q4 2023
Ordni tal-moduli tal-MDC2 u l-infrastruttura meħtieġa	Q1 2024
Żieda fil-kapaċità tal-enerġija: implimentata soluzzjoni għal żmien qasir	Q3 2024
Żieda fil-kapaċità tat-tkessiħ: implimentata soluzzjoni għal żmien qasir	Q3 2024
Għandhom jinkisbu sa	
Bidu tal-fażi 1 tal-proġett MDC2	Q4 2024
Żieda fil-kapaċità tal-enerġija: implimentata soluzzjoni fit-tul	Q4 2025
Żieda fil-kapaċità tat-tkessiħ: implimentata soluzzjoni fit-tul	Q3 2026

Id-distribuzzjoni baġitarja stmata hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt:¹⁴⁰

	2023	2024	2025	2026	2027	2028
--	------	------	------	------	------	------

¹⁴⁰ L-Aġenzija beħsiebha tiffinanzja l-proġett "Infrastruttura tal-MDC2" u l-proġett "Żieda fil-kapaċità tal-Enerġija u tat-Tkessiħ" bid-dħul miġbur f'konformità mal-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) 2018/1726 tal-eu-LISA. Peress li dan id-dħul diġà nġabar, il-proġett jista' jiġi ffinanzjat mingħajr ebda żieda fis-sussidju tal-UE kif definit mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali. L-Aġenzija qed tippjana li titlob approvazzjoni minn qabel mill-Awtorità Baġitarja qabel l-iffirmar tal-kuntratt għall-iżvilupp ta' moduli MDC2.

Ċentru tad- <i>Data</i> Modulari 2 (MDC2)	6 680 000	3 620 000	6 673 000 ¹⁴¹	7 723 000	6 500 000	3 000 000
Żieda fil-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiġ		975 000	3 166 200			

¹⁴¹ Previżjoni tal-baġit tal-MDC2 stmata għall-2025-2028 peress li l-fażijiet tal-proġett se jiġu implimentati skont it-teknoloġija li għandha tiġi varata.

Anness VII. Privileġġi u immunitajiet

Privileġġi statutorji tal-persunal tal-eu-LISA	Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet / status diplomatiku	Edukazzjoni / Kura matul il-jum
Kwartieri ġenerali tal-eu-LISA f'Tallinn, l-Estonja		
Sabiex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment f'Tallinn, l-Estonja, il-membri tal-persunal statutorji (diment li ma jkunux residenti permanenti tal-Estonja) se jirċievu rimborż mill-gvern Estonjan ta' somma uguali għall-VAT imħallsa għax-xiri ta' prodotti fl-Estonja (limitata għal lista speċifika ta' prodotti) matul l-ewwel sena li jassumu d-dmirijiet tagħhom fil-kwartieri ġenerali tal-eu-LISA f'Tallinn. Il-membri tal-persunal statutorji bbażati f'Tallinn u l-membri tal-familja li jiffurmaw parti mill-unità domestika tagħhom huma eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Estonjana, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-UE tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħrajn.	Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-eu-LISA u r-Repubblika tal-Estonja, l-Artikolu 12.	Ġiet stabbilita Skola Ewropea akkreditata f'Tallinn fil-ħarifa tal-2013, li tipprovdi kurrikulu tat-Tip II fil-livell ta' skola preprimarja u fil-livell ta' edukazzjoni primarja u sekondarja. L-Iskola Ewropea f'Tallinn taċċetta tfal mill-età ta' erba' snin.
Sit operazzjonali tal-eu-LISA fi Strażburgu, Franza		
Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA fi Strażburgu Franza u l-membri tal-familja li jiffurmaw parti mill-unità domestika tagħhom huma eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-UE tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħrajn. Sakemm ikunu koperti mill-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat tal-oriġini tagħhom, l-SNEs huma wkoll eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża.	Ftehim dwar is-sit tekniku tal-eu-LISA bejn l-eu-LISA u l-Gvern ta' Franza, l-Artikolu 13.	Il-Gvern Franċiż impenja ruħu li jsib l-aħjar soluzzjoni possibbli sabiex jeduka lit-tfal tal-persunal tal-eu-LISA billi joffri edukazzjoni fil-livell primarju u sekondarju mfassla għall-ħtiġijiet individwali tagħhom, kif ukoll jipprovdi l-opportunità li jiksbu kwalifiki rikonoxxuti fuq livell internazzjonali. Il-gvern impenja ruħu wkoll li jiżgura li t-tfal tal-persunal tal-eu-LISA jiġu ammessi fl-Iskola Ewropea ta' Strażburgu, li toffri programm ta' bakkalawrjat, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Akkreditazzjoni u Kooperazzjoni konkluż bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u l-Iskola Ewropea ta' Strażburgu, li ġie ffirmat fi Brussell fl-24 ta' Mejju 2011.

Anness VIII. Evalwazzjonijiet

Fl-2024, l-Aġenzija ffinalizzat studju ta' valutazzjoni komparattiva li ffoka fuq il-mudell operazzjonali tal-eu-LISA u l-allokazzjoni tar-riżorsi umani. L-istudju inkluda wkoll rieżami tal-KPIs korporattivi bil-ħsieb li jittejjeb il-kejl tal-impatt tal-eu-LISA fuq l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-UE. Ir-riżultati ta' dan l-istudju servew bħala kontribut addizzjonali għall-evalwazzjoni esterna mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea fl-2023-2024.

evalwazzjoni ex-ante tal-proġetti

Il-proċess ta' evalwazzjoni ex-ante jikkostitwixxi parti miċ-ċiklu ta' strateġija u ta' ppjanar operazzjonali tal-eu-LISA. L-għan huwa li jiġu vvalutati **r-rilevanza u l-fattibbiltà tal-proġetti** fl-isfond tal-mandat u l-oġġettivi strateġiċi tal-Aġenzija, jiġifieri, l-idoneità strateġika, il-benefiċċji, l-istatus prijoritarju, l-istimi tal-baġit u tar-riżorsi, ir-restrizzjonijiet, ir-riskji u r-rekwiżiti tal-akkwist. Huwa wkoll miżura ta' kontroll tal-kwalità, peress li jipprovdi mekkaniżmu għall-valutazzjoni fi stadju bikri, bħal pereżempju t-tnejn tad-*data* billi jiġu identifikati lakuni u inkonsistenzi, kif ukoll in-nuqqas ta' konformità mal-kriterji tal-kwalità għall-kontenut tad-dokumentazzjoni.

L-applikazzjoni tal-proċess ex ante tirriżulta mill-Artikolu 2 tar-Regolament li jstabbilixxi l-eu-LISA, li jirrikjedi l-użu ta' struttura adegwata ta' ġestjoni tal-proġetti biex tappoġġa l-iżvilupp effiċjenti ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Barra minn hekk, l-Artikolu 29 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA jistipula li l-attivitajiet u l-**proġetti kollha li jirrikjedu nefqa sinifikanti** huma soġġetti għal evalwazzjoni ex ante qabel ma jiġu approvati u inklużi fil-programm ta' ħidma annwali.

Sabiex tiffaċilita dawn it-tipi ta' evalwazzjonijiet, l-eu-LISA żviluppat **il-Politika ta' Evalwazzjoni Ex Ante**, iddeskriviet il-proċess u l-proċeduri rilevanti u stabbiliet sett ta' kriterji għall-għażla ta' proġetti għall-evalwazzjoni, inkluż mudell aġġornat ta' argument għall-vijabbiltà.

Filwaqt li qieset li ċ-ċiklu ta' evalwazzjoni ex ante jieħu sentejn, l-Aġenzija introduċiet approċċ ottimizzat f'żewġ stadji li jinkludi (1) **valutazzjoni tal-opportunità** inizjali u (2) **valutazzjoni tal-fattibbiltà** sussegwenti fis-sena ta' wara. Dan l-approċċ jiffaċilita l-proċess ta' evalwazzjoni ex ante billi jiżgura li proġetti ġodda jiġu evalwati biss skont l-informazzjoni disponibbli, filwaqt li jipprovdi wkoll għarfien bikri dwar id-domanda tal-proġett, kif ukoll l-impatt tiegħu fuq il-portafoll u l-baġit tal-Aġenzija. Dan jippermetti d-determinazzjoni tad-dipendenzi tal-portafoll ta' kull proġett mill-bidu, filwaqt li jiġu aċċertati wkoll kategoriji u prijoritajiet xierqa tal-proġetti biex jiggwidaw l-ippjanar tar-riżorsi.

Lista ta' proġetti tal-2025 fl-ambitu

Attività	Unità	Daqs	Għan Strateġiku ¹⁴²
Evoluzzjoni tas-Servizz Web tal-VIS Riveduta	PMU	kbir	SG1
Konnessjoni tal-ETIAS għall-VIS Riveduta u l-MID (Stadju 4)	PMU	kbir	SG1
Analiżi u disinn tar-router tal-API	PMU	kbir	SG1
Migrazzjoni ewlenija tas-SIS għall-Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI)	PMU	kbir	SG1
Implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-I-skrinjar	PMU	kbir	SG1
ECRIS-TCN Stadju 4	PMU	kbir	SG1
Regolament dwar l-I-skrinjar tal-ECRIS-TCN	PMU	kbir	SG1

Mill-proġetti elenkati fit-tabella ta' hawn fuq, proġett wieħed biss ġie kkunsidrat għal valutazzjoni ulterjuri: Migrazzjoni ewlenija tas-SIS għas-CSI. Qabel ma timplimenta l-proġett, l-eu-LISA se twettaq studju biex tindirizza l-ħtieġa ta' valutazzjoni tal-fattibbiltà.

NOTA: Għal xi wħud mill-attivitajiet elenkati fit-tabella ta' hawn fuq, ġiet ipprovduta referenza għal bażi ġuridika fir-regolamenti. Madankollu, dawn inżammu fl-ambitu tal-valutazzjoni tal-opportunità minħabba li dawn ir-referenzi ma kinux appoġġati direttament minn dikjarazzjoni finanzjarja legali (LFS).

¹⁴² **Għan Strateġiku 1:** Tkompli tikber bħala kontributor għall-politiki rilevanti tal-UE fid-dominju tal-ĠAI u sieħba fl-implimentazzjoni tagħhom.

Evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija

Skont l-Artikolu 39 tar-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA, il-Kummissjoni Ewropea tevalwa l-prestazzjoni tal-Aġenzija kull ħames snin. L-ewwel evalwazzjoni ġiet iffinalizzata fl-2024 u ffokat fuq il-mandat, il-kompiti u l-oġettivi, l-istruttura u l-governanza u l-ġestjoni tar-riżorsi, bil-ħsieb li jinstabu modi biex jittejjeb il-funzjonament tal-eu-LISA u jiżdied il-valur miżjud li tipprovdi.

Fl-2025, l-eu-LISA se tfejji u timplimenta Pjan ta' Azzjoni intenzjonat, filwaqt li tqis is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni li jirriżultaw minn din l-evalwazzjoni u tiżgura segwitu adegwat. L-eu-LISA se tappoġġa wkoll lill-Kummissjoni f'każ li r-riżultati tal-evalwazzjoni jindikaw il-ħtieġa ta' kwalunkwe bidla fil-mandat tagħha.

Studju ta' Valutazzjoni Komparattiva

Fil-bidu tal-2024, l-eu-LISA ffinalizzat l-istudju ta' valutazzjoni komparattiva biex tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tal-mudell operazzjonali tagħha, bl-għan li sservi bħala wieħed mill-kontributi għall-proċess ta' evalwazzjoni esterna. Ir-rapport ta' valutazzjoni komparattiva, imfejji minn konsulent estern, ipprova sett ta' rakkomandazzjonijiet strateġiċi u operazzjonali li jistgħu jiġu implimentati qabel ma tiġi ffinalizzata l-evalwazzjoni esterna. L-eżiti tal-istudju ta' valutazzjoni komparattiva ntużaw bħala l-bażi għat-tfassil ta' pjan ta' azzjoni ta' immaniġġjar strateġika artikolat madwar ħames prioritajiet strateġiċi deskritti fis-**Sommarju eżekuttiv**. Dan il-pjan ta' azzjoni ġie ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija f'Settembru 2024 u se jiġi implimentat bejn ir-raba' trimestru tal-2024 u r-raba' trimestru tal-2025.

Anness IX. Strateġija għall-ġestjoni organizzazzjonali u s-sistemi ta' kontroll intern

Qafas ta' Kontroll Intern (QKI)

Il-proċess ta' kontroll intern tal-Aġenzija jgħin lill-eu-LISA tilħaq l-oġettivi tagħha u ssostni l-prestazzjoni operazzjonali u finanzjarja tagħha billi tappoġġa teħid ta' deċiżjonijiet tajjeb u tnaqqas ir-riskji għal livelli aċċettabbli permezz ta' kontrolli kosteffettivi.

F'dan il-kuntest, id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA hija responsabbli:

- mill-implimentazzjoni tal-politika u l-prinċipji ta' kontroll intern tal-Aġenzija, filwaqt li tistabbilixxi wkoll l-istruttura organizzazzjonali u s-sistema ta' kontroll intern f'konformità mal-prinċipji adottati mill-Bord tat-Tmexxija u
- mit-twettiq tal-valutazzjoni annwali tal-effettività tal-Qafas ta' Kontroll Intern (QKI) tal-eu-LISA.

Il-QKI jikkomplementa r-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA, kif ukoll regoli u regolamenti applikabbli oħrajn, f'allinjament mal-ogħla standards internazzjonali. Il-prinċipji tal-QKI tal-Aġenzija jieħdu gwida mill-qafas imressaq mill-Kummissjoni Ewropea. B'mod ġenerali, il-QKI tal-Aġenzija jiżgura l-ilħuq tal-oġettivi li ġejjin:

- l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet,
- l-affidabbiltà tar-rapportar,
- is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni;
- il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu f'każijiet ta' frodi u irregolaritajiet,
- il-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Il-QKI jinkludi ħames komponenti interrelatati:

- l-ambjent ta' kontroll;
- il-valutazzjoni tar-riskji,
- l-attivitajiet ta' kontroll,
- l-informazzjoni u l-komunikazzjoni;
- attivitajiet ta' monitoraġġ.

Sabiex il-kontroll intern jitqies effettiv, dawn il-komponenti kollha jridu jkunu preżenti u jiffunzjonaw fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni u fl-istadji kollha tal-proċessi tan-negozju (eż. l-iżvilupp tas-sistemi, l-operat, eċċ.). Il-valutazzjoni tal-QKI titwettaq fuq livell tal-komponenti. FI-2025, il-valutazzjoni se titwettaq fuq bażi annwali, madankollu tiġi mmonitorjata u segwita sistematikament u perjodikament matul is-sena kalendarja.

L-Aġenzija tfittex kontinwament li ssaħħaħ l-attivitajiet ta' kontroll intern tagħha, speċjalment fl-oqsma fejn għet identifikata il-ħtieġa ta' titjib kbir matul il-monitoraġġ u l-valutazzjoni. Bħala parti mill-valutazzjoni annwali regolari, imwettqa matul l-ewwel trimestru tas-sena, tinġabar u tiġi analizzata *data* minn diversi sorsi ta' *data* abbażi ta' kriterji ta' monitoraġġ definiti, eż. sħarriġ tal-persunal, reġistru ta' eċċezzjonijiet u avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità, rapporti tal-awditjar intern u estern u dokumentazzjoni rilevanti oħra relatata mal-proċessi tan-negozju. Ir-riżultati tal-valutazzjoni annwali tal-QKI huma ppreżentati fir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tal-eu-LISA.

L-eu-LISA twettaq monitoraġġ u analiżi regolari tal-eċċezzjonijiet u tal-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità kif ukoll segwitu fuq il-każijiet kollha rrapportati fis-sena kalendarja preċedenti. L-Aġenzija se tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-persunal biex ittaffi, tirrapporta u ssegwi tali avvenimenti. Dawn l-attivitajiet se jiġu integrati fl-Istrateġija ta' Kontroll Intern li tikkontribwixxi għat-tiżiħ tal-ambjent ta' kontroll intern. FI-2025, l-eu-LISA se twettaq valutazzjonijiet, analiżi, rakkomandazzjonijiet u attivitajiet ta' segwitu mmirati, kif ukoll tagħti taħriġ immirat dwar il-bini tal-kapaċitajiet biex ittejjeb is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tagħha u tiżgura l-konformità tal-proċessi u l-proċeduri. L-oġettiv huwa li jsir progress sinifikanti lejn sistema ta' governanza integrata, appoġġata minn sistema tal-IT li tgħaqqad l-informazzjoni li tirriżulta minn awditi, kontrolli interni, eċċezzjonijiet u rapporti ta' nuqqas ta' konformità u valutazzjoni tar-riskju.

Strateġija ta' Kontroll Intern

F'Settembru 2024, l-eu-LISA adottat l-Istrateġija ta' Kontroll Intern tagħha. L-oġġettiv tagħha huwa li tistabbilixxi sett ta' miżuri ta' kontroll għall-oqsma ta' kontroll intern l-aktar esposti għar-riskju.

Din l-istrateġija tiddefinixxi sett ta' kontrolli u attivitajiet interni li se:

- jiżguraw il-konformità mar-Regolament fundatur u mar-Regoli Finanzjarji,
- jippermettu lill-eu-LISA tissodisfa l-mandat legali tagħha u tipprovdi servizzi kif mistenni mill-partijiet ikkonċernati,
- jappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat b'mod effiċjenti u rapidu,
- jindirizzaw ir-rekwiżiti tar-rapportar tal-partijiet ikkonċernati,
- jiżguraw il-kontinwità tal-operat.

Din l-istrateġija tindirizza r-rakkomandazzjonijiet maħruġa minn diversi awtoritajiet tal-awditjar u tirrappreżenta l-impenn tal-eu-LISA li tiffoka l-isforzi tagħha fuq id-dominju tal-konformità u l-ġestjoni finanzjarja tajba.

Riskji korporattivi

Il-politika tal-ġestjoni tar-riskju tal-Aġenzija, approvata f'April 2020, sarilha rieżami sħiħ u tbdil mill-ġdid sabiex tkompli tkun xprunatur tan-negozju allinjat mal-oġġettivi strateġiċi tal-eu-LISA. Din tlestiet b'definizzjoni tal-proċess u deskrizzjoni tas-servizz li għandha tiġi pprovduta b'mod ċar u biex ittejjeb l-adozzjoni tal-approċċ tal-Ġestjoni tar-Riskju. Il-Politika l-ġdida għall-Ġestjoni tar-Riskju u d-dokumenti relatati ġew approvati mill-Bord tat-Tmexxija fis-16 ta' Ottubru 2023.

Skont il-politika, il-Ġestjoni tar-Riskju Korporattiv tal-eu-LISA hija komponent ċentrali tal-qafas tar-riskju definit fil-politika, li jiffoka fuq l-organizzazzjoni kollha u l-oġġettivi tagħha, bi proċess simplifikat u Reġistru dedikat tar-Riskji u l-Kwistjonijiet Korporattivi. Hija wkoll parti essenzjali mill-governanza korporattiva, peress li tipprovdi gwida u appoġġ lill-maniġment superjuri għall-ilħuq ta' oġġettivi strateġiċi kif deskritti fil-programm ta' ħidma annwali.

Ir-riskji jiġu vvalutati u kkonfermati fil-livell korporattiv b'mod kontinwu, abbażi ta' kriterji ta' klassifikazzjoni uniċi u kondiviżi:

- oġġetti identifikati ġodda jinġabru permezz tal-għodda tal-ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti (PPM) u jiġu kkwalifikati mill-Kapijiet tal-Unità/tad-Dipartiment qabel ma jiġu sottomessi lill-Kumitat tat-Tmexxija għall-inklużjoni fir-Reġistru tar-Riskji u l-Kwistjonijiet Korporattivi,
- kull riskju jiġi assenjat sid tar-riskju li jkollu l-kompitu li jiddefinixxi u jżomm pjanijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti sakemm jingħalaq ir-riskju;
- kull oġġett ta' riskju fil-livell korporattiv jiġi assenjat Kap tal-Unità/Dipartiment bħala sid (f'xi każijiet speċifiċi, il-Kumitat tat-Tmexxija jista' jassenja Kap tas-Settur),
- rapport tal-istatus dwar kull riskju, flimkien mal-kwistjonijiet li jinqalgħu u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti, jiġi ppreżentat lill-Kumitat tat-Tmexxija fuq bażi regolari, ibbażat fuq ir-rieżami tar-riskji residwi u l-impatt tagħhom; F'Ġunju 2024, ġie organizzat workshop dedikat dwar l-inizjattiva tad-Direttur Eżekuttiv, biex ir-riskji korporattivi jiġu vvalutati (mill-ġdid) u prijoritizzati, preċeduti minn sessjonijiet ma' sidien tar-riskju individwali biex jifformulaw l-elementi mill-ġdid,
- fuq bażi ta' kull xahar, l-aħħar verżjoni tar-Reġistru tar-Riskju Korporattiv tintbagħat permezz ta' email lill-membri kollha tal-persunal u hija dejjem aċċessibbli fuq il-paġna SharePoint tas-Settur tal-Ippjanar u l-Affarijiet Korporattivi.

Sabiex tiżgura t-titjib kontinwu tal-ġestjoni tar-riskju korporattiv, l-eu-LISA tipparteċipa fl-eżerċizzju annwali ta' rieżami bejn il-pari tal-aġenziji deċentralizzati u tal-impriżi konġunti tal-UE fejn jiġu diskussi l-aktar riskji importanti, bl-oġġettiv li jinstab approċċ komuni għad-definizzjoni, għall-valutazzjoni u għall-monitoraġġ tar-riskju.

Ir-riskji korporattivi rieżaminati u kkonfermati l-aktar reċenti li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament operazzjonali tal-Aġenzija fl-2025 u 'l quddiem huma elenkati fit-Tabella 23 hawn taħt, filwaqt li s-sidien tar-riskju assenjati u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni huma deskritti fit-Tabella 24 fuq il-paġna li jmiss.

Tabella 23. Riskji korporattivi kkonfermati l-aktar reċenti b'impatt possibbli fuq l-oġettivi tal-2025–2027

Riskju	Titolu	Deskrizzjoni	Sid tar-Riskju
Riskju 1	Sitwazzjoni ġeopolitika u attakki (ċibernetiċi) esterni mmirati u li rnexxew	Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina kellha impatt fuq is-sitwazzjoni ġeopolitika fl-Ewropa u żiedet ir-riskji għall-istituzzjonijiet u għall-aġenziji tal-UE. Dan ir-riskju kiber, speċjalment wara li l-Parlament Ewropew iddikjara lir-Russja bħala stat sponsor tat-terroriżmu. Atturi oħrajn ta' theddida x'aktarx li jieħdu vantaġġ mill-instabbiltà ġenerali fil-livell internazzjonali. F'dawn l-aħħar xhur, l-eu-LISA rat żieda fl-attivitajiet ċibernetiċi fuq is-sistemi korporattivi tagħha. Dawn ġew identifikati bħala parti mit-theddid ibridu li ġej mis-sitwazzjoni ġeopolitika. B'mod parallel, l-eu-LISA jeħtieġ li tikkunsidra l-protezzjoni fiżika tas-siti tagħha minħabba li t-theddida ibrida tista' tkun qed timmira mhux biss l-assi tal-IT iżda wkoll in-nies u l-bini/is-siti. L-isplunaġġ huwa wkoll riskju partikolari li għandu jiġi kkunsidrat. Jekk il-qagħda tas-sigurtà tagħna ma tkunx adegwata, allura attakk estern fuq infrastrutturi korporattivi u tas-sistemi tal-attività ewlenija se jkun ta' suċċess u dan iwassal għal nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistemi, korruzzjoni tad-data u esfiltrazzjoni. Dan ir-riskju għandu probabbiltà oġġettiva għal sistemi esposti għall-Internet li jistgħu jkunu miri ewlenin. L-IA użata minn avversari se żżid is-sostituzzjoni, il-kapaċitajiet ta' attakk u l-probabbiltà ta' materjalizzazzjoni tar-riskju. Il-protezzjoni fiżika tal-Aġenzija trid tiġi żgurata.	Unità tas-Sigurtà
Riskju 2	Kapaċità u effiċjenza sabiex jiġu appoġġati t-talbiet tekniċi u tiġi żgurata t-tmexxija operattiva 24 siegħa kuljum fi ħdan il-FLS, wara d-dħul fis-seħħ	Is-sistemi l-ġodda huma teknikament kumplessi ħafna u magħhom jiġu partijiet ikkonċernati addizzjonali. Meta wieħed iqis ix-xenarju tekniku usa' u l-esponiment għas-sigurtà wara li jidhru fis-seħħ sistemi ġodda, l-eu-LISA tantiċipa żieda sinifikanti fit-talbiet għas-servizz u għall-appoġġ tekniċi. Jekk l-eu-LISA ma tingħatax ir-riżorsi umani meħtieġa għal dawn il-kompiti (f'termini ta' għadd u gradi adegwati), dan jista' jwassal għal degradazzjoni severa tal-kapaċità u l-effiċjenza tagħha biex tiżgura t-tmexxija operattiva għas-sistemi kollha tal-ĠAI taħt il-ġestjoni tagħha, mhux biss is-sistemi ġodda iżda wkoll dawk eżistenti.	Unità tal-Operazzjonijiet
Riskju 3	Nuqqas ta' talenti, allinjat mal-ħtiġijiet tal-Aġenzija	L-Aġenzija qed tiffaċċja diffikultajiet biex tattira u tirrekluta persuni bil-motivazzjoni u l-ħiliet mistennija meħtieġa mill-ħtiġijiet tan-negozju tal-eu-LISA. Dan prinċipalment riżultat ta' ■ il-kompetittività fis-suq tax-xogħol, ■ in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ċerti profili, ■ id-diskrepanza bejn il-gradi proposti u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni, ■ is-sensibilizzazzjoni limitata tal-postijiet tax-xogħol vakanti, Jekk l-eu-LISA ma tingħatax riżorsi umani adegwati, jaf ma tkunx tista' twassal is-servizzi mistennija għas-sistemi eżistenti jew timplimenta oħrajn ġodda.	Unità tar-Riżorsi Umani
Riskju 4	Dokumentazzjoni tas-sistema aġġornata u preċiża li ma tinżammx f'repożitorju ċentrali	Jekk id-dokumentazzjoni tas-sistema aġġornata u preċiża dwar il-kompiti ta' manutenzjoni għat-timijiet operazzjonali ma tinżammx f'repożitorju ċentrali amministrat mill-eu-LISA, din tikkomplica t-tranżizzjoni bejn wieħed u ħafna mill-kuntratturi eżistenti tal-MWO għal diversi kuntratturi taħt ix-xenarju kuntrattwali ġdid post-silo	Unità tal-Ġestjoni tal-Programmi u tas-Soluzzjonijiet
Riskju 5	Nuqqas ta' ppjanar operazzjonali ċentralizzat għall-monitoraġġ tat-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja jew appoġġ għall-hardware tas-sistemi tal-attività ewlenija (CBS) u għas-software kummerċjalment disponibbli (COTS)	Jekk ma jkun hemm l-ebda ppjanar operazzjonali ċentralizzat stabbilit għall-monitoraġġ tal-hardware tas-CBS u tas-software tas-COTS li qed joqorbu lejn it-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja jew l-appoġġ, ikun hemm għadd kbir ta' attivitajiet relatati mal-infrastruttura tas-sistema li ma jistgħux jitwettqu, b'konsegwenzi fuq l-iskeda, il-baġit u l-istabbiltà operazzjonali.	Unità tal-Ġestjoni tal-Programmi u tas-Soluzzjonijiet
Riskju 6	Baġit insuffiċjenti għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni	Il-kanċellazzjoni tal-offerta tal-FPEN (Network Pan-Ewropew Futur) wasslet għall-ħtieġa li jiġi nnegozjat kuntratt qafas ta' TESTA-ng III għat-twettiq tal-	Unità tal-Pjattaformi u tal-Infrastruttura

Riskju	Titolu	Deskrizzjoni	Sid tar-Riskju
		infrastrutturi ta' komunikazzjoni wara li l-kuntratt qafas ta' TESTA-ng II jiskadi f'Ġunju 2024. Jekk il-kostijiet ta' TESTA-ng III jiġu kkonfermati li huma ferm ogħla (eż., b'20 %), il-baġit attwali għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni jista' ma jkunx biżżejjed biex ikopri dan l-infiq mill-2025 'il quddiem.	

Tabella 24. Riskji korporattivi kkonfermati l-aktar reċentement u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti.

Riskju	Tip	Probabbiltà	Impatt	Rispons u Pjan ta' Azzjoni
Riskju 1	theddida	għolja	għoli ħafna	RISPONS: tnaqqis PJAN TA' AZZJONI - il-ħolqien ta' Task Force għar-Russja u l-Ukrajna biex timmonitorja l-evoluzzjoni tal-kunflitt, - żieda fil-monitoraġġ tas-sistemi korporattivi tal-IT u tal-attività ewlenija, - tisħiħ ulterjuri tal-kapaċità tal-Iskwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRT) u l-Grupp ta' Kooperazzjoni għar-Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà fl-ambitu tal-Qafas għall-Interoperabbiltà, - l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà, - Memorandum ta' Qbil ġdid li għandu jiġi ffirmat mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri ospitanti, - aġġornament tal-proċess għall-aċċess fiżiku fil-bini tal-eu-LISA. Riskju kkomunikat lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiżdied l-għadd ta' persunal allokat għall-kompiti ta' sigurtà.
Riskju 2	theddida	għolja	għoli ħafna	RISPONS: tnaqqis PJAN TA' AZZJONI Mudell ta' appoġġ: - għas-sistemi eżistenti, definizzjoni ta' Mudell tas-Servizz tat-TOF, - għas-sistemi ġodda, jeħtieġ li jiġu stabbiliti mudell ta' appoġġ u arranġamenti kuntrattwali qabel id-dħul fis-seħħ (EIO). Kapaċità: il-proċess ta' reklutaġġ u t-trasferiment progressiv ta' xi wħud mill-membri tal-persunal barra mix-xogħol bix-xift għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, għal timijiet ta' appoġġ tal-ewwel linja u tat-tieni linja. Kapaċità: it-timijiet operazzjonali kollha jridu jirċievu taħriġ dwar is-sistemi ġodda qabel l-EIO.
Riskju 3	theddida	għolja	għoli ħafna	RISPONS: tnaqqis PJAN TA' AZZJONI - l-użu strateġija dwar l-akkwisti biex tiddefinixxi attivitajiet esternalizzati u tistabilixxi rabta aħjar bejn ir-rekwiżiti u l-istrateġija, - l-aġġornament tal-qafas ta' kompetenza u l-integrazzjoni (b'kompetenzi professjonali) fil-proċessi ewlenin tar-riżorsi umani (ir-reklutaġġ, l-ippjanar tal-forza tax-xogħol, il-ġestjoni tal-prestazzjoni, l-iżvilupp), - maniġers tal-appoġġ fil-valutazzjonijiet tal-probazzjoni, - it-tweġġ ta' evalwazzjoni kontinwa tas-servizzi tar-reklutaġġ u tar-riżorsi umani.
Riskju 4	theddida	għolja	għoli ħafna	RISPONS: tnaqqis PJAN TA' AZZJONI - l-istabbiliment u l-infurzar tar-rwol ta' Uffiċjal tal-Ġestjoni tal-Għarfien (wieħed għal kull sistema tal-ĠAI); meħtieġ b'mod urġenti flimkien mal-bidla lejn approċċ kontraenti trażversali li fih l-għarfien se jkun frammentat u mifrux fuq lottijiet u kuntratti, - it-tisħiħ u l-kalibrar tad-dokumentazzjoni tas-sistema eżistenti li tista' tintuża għall-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal offerti futuri.
Riskju 5	theddida	għolja	għoli ħafna	RISPONS: tnaqqis PJAN TA' AZZJONI - l-iżgurar ta' viżjoni olistika tal-iskeda ta' sostituzzjoni tal-hardware/tas-software mat-TOF, - l-iżgurar tal-ġestjoni tat-tiġdid tal-infrastruttura permezz ta' kuntrattur wieħed tat-TOF biex tiġi evitata l-frammentazzjoni.
Riskju 6	theddida	għolja	għoli ħafna	RISPONS: tnaqqis PJAN TA' AZZJONI

Riskju	Tip	Probabbiltà	Impatt	Rispons u Pjan ta' Azzjoni
				- I-allinjament tal-istrateġija ta' negozjar mad-DIGIT (bħala sid ta' kuntratt qafas), - diskussjoni tal-qafas legali għall-fużjoni tan-networks tas-SIS u tal-VIS mad-DG HOME, - it-tiftix għal fondi addizzjonali.

Ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-proġett u tal-programm

Minbarra l-Politika ta' Ġestjoni tar-Riskju, li tippreżenta approċċ unifikat għall-monitoraġġ tar-riskji fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni, il-**Gwida għall-Implimentazzjoni tal-Metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti** tal-eu-LISA tipprovdi gwida dwar l-aħjar prattiki għall-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-proġett.

Il-proġetti kollha ġestiti mill-eu-LISA jiġu mmonitorjati permezz tas-soluzzjoni tal-Ġestjoni tal-Programmi u tal-Proġetti (PPM) li tirreġistra **r-riskji u l-kwistjonijiet ta' kull proġett** taħt il-kompiti tad-Direttur ta' Proġett responsabbli. Ir-riskji u l-kwistjonijiet għal kull programm u proġett jiġu diskussi fir-Rieżami tal-Progress tal-Programm rispettiv, b'mekkaniżmu ta' eskalazzjoni lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-Programm, jekk ikun meħtieġ.¹⁴³ Fir-rigward tar-rapportar estern, ir-riskji kollha jiġu ppreżentati f'rapporti ta' kull xahar lill-Bordijiet tat-Tmexxija tal-Programm (PMB) tal-eu-LISA.

Strateġija kontra l-frodi

L-Istrateġija tal-Aġenzija Kontra l-Frodi ssegwi l-istruttura u l-kontenut issuġġeriti mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fil-gwida tiegħu għall-iżvilupp ta' strateġiji kontra l-frodi. Il-prinċipji bażiċi li jiggwidaw l-istrateġija tal-eu-LISA kontra l-frodi jinkludu l-etika, l-integrità, it-trasparenza msaħħa, il-prevenzjoni tal-frodi u l-kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet ikkonċernati u s-sħab interni u esterni.

Il-persunal tal-Aġenzija, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi u l-kuntratturi esterni kollha huma meħtieġa japplikaw l-oġġla standards ta' onestà u integrità fit-tweġġ ta' dmirijiethom. L-Aġenzija ma tittollerax imġiba mhux etika bħal frodi u se tirrapporta, mingħajr dewmien, kwalunkwe każ ta' suspett ta' frodi lill-OLAF, aġenzija tal-UE dedikata b'kompetenza esklużiva u b'mandat legali biex tinvestiga l-każijiet kollha bħal dawn.

L-Aġenzija se tiegħu azzjoni u tadotta l-miżuri kollha, kif xieraq, inkluż it-terminazzjoni ta' kuntratti ta' impjieg, kontra kwalunkwe persuna li tagħmel frodi jew tipprova tagħmel frodi lill-eu-LISA jew assi u riżorsi oħrajn tal-UE jew li b'xi mod tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-Aġenzija. Fil-każijiet kollha bħal dawn, l-eu-LISA se tikkoopera mal-OLAF u ma' kwalunkwe awtorità rilevanti oħra tal-UE.

L-Aġenzija kontinwament tfittex li ttejjeb il-miżuri preventivi u ta' detezzjoni tagħha kontra l-frodi u tirrispondi malajr għal bidliet sinifikanti li jaffettwaw il-persunal, il-baġit u l-ambjent operatorju tagħha. Għal dak il-għan, l-Aġenzija tagħmel sforz konsiderevoli biex:

- tikseb u żżomm konformità sħiħa mal-prinċipji kontra l-frodi,
- tistabbilixxi u żżomm livell għoli ta' etika u ta' integrità,
- tiżviluppa u tuża l-analitika tad-*data* għall-finijiet tal-prevenzjoni u tad-detezzjoni tal-frodi.¹⁴⁴

Kull tliet snin, l-Aġenzija twettaq valutazzjoni tar-riskju ta' frodi dedikata. Abbażi ta' din, l-għanijiet imsemmija hawn fuq jiġu rieżaminati u adattati għall-eżiti tal-valutazzjoni u jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni rilevanti. Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jiġu mmonitorjati u rrapportati lill-maniġment kull sena biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

¹⁴³ Ir-Rieżami tal-Progress tal-Programm u l-Kumitat ta' Tmexxija tal-Programm huma elementi ewlenin tal-governanza interna tal-proġetti u tal-programmi tal-eu-LISA, stabbiliti bid-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tas-26 ta' Ġunju 2024.

¹⁴⁴ *Gwida għall-Ġestjoni tar-Riskju ta' Frodi* dwar l-aħjar prattiki għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji ta' frodi, il-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet li Jisponsorjaw il-Kummissjoni Treadway (COSO) u l-Assoċjazzjoni ta' Eżaminaturi Ċertifikati tal-Frodi (ACFE), 2016.

Anness X. Pjan għal għotjiet, kontribuzzjonijiet jew FLS

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2023/969, l-eu-LISA nġatat il-kompitu tat-tfassil, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni għall-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (CP tas-SIK).¹⁴⁵

Il-baġit meħtieġ għat-tfassil, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK se jiġi allokat minn sorsi ta' fondi differenti.

L-Aġenzija għandha tirċievi total ta' **EUR 13.884 miljun** mill-**Programm Ewropa Diġitali** fil-kuntest tat-tnejn tal-programmi ta' ħidma 2023-2027 u permezz tal-ftehim ta' kontribuzzjoni li għandu jiġi konkluż mal-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 7 tar-Regolament Finanzjarju.¹⁴⁶

L-allokazzjoni finali tal-fondi se tkun soġġetta għall-prijoritizzazzjoni għall-finanzjament fil-kuntest tal-proċedura ta' adozzjoni sottostanti u l-ftehim tal-Kumitat tal-Programm rispettiv.

It-tqassim tad-dħul minn kull sors ta' finanzjament huwa spjegat fid-dettall fit-tabella ta' hawn taħt.

Programm Ewropa Diġitali

eu-LISA		2024	2025	2026	2027	TOTAL
Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal	impenji	0.608	1.216	1.380	1.380	4.584
	pagamenti	0.608	1.216	1.380	1.380	4.584
Titolu 2: Nefqa infrastrutturali u operatorja	impenji					
	pagamenti					
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	impenji	3.000	2.900	1.700	1.700	9.300
	pagamenti		3.000	4.600	1.700	9.300
TOTAL ta' approprjazzjonijiet għall-eu-LISA	impenji	3.608	4.116	3.080	3.080	13.884
	pagamenti	0.608	4.216	5.980	3.080	13.884

¹⁴⁵ Ir-Regolament (UE) 2023/969 tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 132, 17.5.2023, p. 1-20.

¹⁴⁶ Il-Ftehim ta' Kontribuzzjoni tal-UE (JUST/2024/PR/CNECT/0031) bejn l-eu-LISA u d-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DG JUST) tal-Kummissjoni Ewropea ġie ffirmat fis-17 ta' Mejju 2024.

Anness XI. **Strateġija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali**

Qafas ta' Kooperazzjoni

Il-qafas sottoswanti għall-kooperazzjoni tal-eu-LISA ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' entitajiet jew korpi rilevanti oħrajn jirriżulta mir-Regolament fundatur tagħha. L-Artikolu 43 jistipula li għat-tweqqif tal-kompiti tagħha, l-eu-LISA tista' tistabbilixxi relazzjonijiet ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rregolati mid-dritt internazzjonali pubbliku, kif ukoll ma' entitajiet jew korpi rilevanti oħrajn, li jiġi stabbiliti bi ftehim bejn żewġ pajjiżi jew aktar.

Madankollu, l-arranġamenti kollha ta' ħidma ta' dan it-tip jistgħu jiġu konklużi biss bl-awtorizzazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, wara li jkun irċieva l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni Ewropea, biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-allinjament mal-oġettivi strateġiċi usa' tal-UE fid-dominju tal-ĠAI, kif ukoll mal-politiki esterni tal-UE.

Il-prinċipji ġenerali li jiggwidaw il-kooperazzjoni futura tal-eu-LISA ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' ħidma possibbli jridu jkunu f'konformità mal-qafas legali applikabbli u, għalhekk, iridu jimmiraw li:

- jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-obbligi tagħha kif stipulat fir-Regolament fundatur tagħha, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-EES, tal-ETIAS u tal-arkitettura tal-Interoperabbiltà,
- jappoġġaw il-prijoritajiet tal-UE f'pajjiżi terzi, b'enfasi fuq it-tnejniet għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, jekk dan jitqies meħtieġ mill-Kummissjoni Ewropea,
- jippromwovu r-rwol tal-eu-LISA bħala ċentru ta' eċċellenza permezz tal-iskambju ta' għarfien u esperjenzi,
- isaħħu l-kapaċitajiet tal-eu-LISA li tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali.

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' pajjiżi terzi

Fir-rigward tar-relazzjonijiet ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, il-fokus tal-Aġenzija huwa ggwidat mir-Regolament li jstabbilixxi l-eu-LISA, kif ukoll mill-qafas legali u mill-prijoritajiet politiċi tal-UE fid-dominju tal-ĠAI.

Kwalunkwe arranġament ta' ħidma possibbli, pereżempju, mal-Interpol (għall-implimentazzjoni tal-obbligi fir-rigward tal-ETIAS u l-arkitettura tal-Interoperabbiltà) se jistenna u jirrispetta bis-siġħ ir-riżultat tan-negożjati tal-Kummissjoni mal-Interpol u l-awtorizzazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, wara li jirċievi approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni u f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Anness XII. Studji u valutazzjonijiet tal-impatt relatati mal-SPD 2025–2027

SUĠĠETT	Objettiv	Impatt fuq l-attività fl-SPD 2025-2027
intelliġenza artifiċjali	Studju dwar l-użu tal-IA għall-ħtiġijiet korporattivi, jiġifieri, l-ippjanar, ir-rapportar, il-finanzi, se jiżdied il-QKI (2024)	L-istudju se jeżamina l-fattibbiltà tal-użu tal-awtomatizzazzjoni/it-tagħlim awtomatiku/l-IA għal attivitajiet korporattivi u ta' appoġġ, abbażi ta' lista ta' każijiet ta' użu. Dan huwa mistenni li jwassal għal attività fl-2025 li se timplimenta xi soluzzjonijiet tal-IA għal funzjonijiet korporattivi.
teknoloġiji tal-cloud	Studju biex jiġu vvalutati l-benefiċċju u l-possibbiltà tal-użu tat-teknoloġiji tal-cloud fil-kuntest operazzjonali tal-eu-LISA	Ir-riżultati tal-istudju se jinfurmaw dwar il-fattibbiltà tal-użu tat-teknoloġiji tal-cloud għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija.



L-ewwel edizzjoni, li tlestiet f'Novembru 2024.

La l-eu-LISA u l-ebda persuna li taġixxi f'isem l-eu-LISA mhuma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni ppreżentata f'dan id-dokument.

© eu-LISA, 2024

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-eu-LISA, jista' jkun meħtieġ li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

L-eu-LISA mhijiex is-sid tad-drittijiet tal-awtur għall-elementi li ġejjin: il-paġna ta' quddiem u l-paġni tat-taqsim, li ġew liċenzjati u rkuprati minn Adobe Stock – stock.adobe.com.